103755/EU XXVII. GP
Eingelangt am 09/06/22

Council of the
European Union

**Brussels, 9 June 2022**

**Interinstitutional File:**
**2021/0245 (NLE)**

**8391/22**
**ADD 15**

**JUR 253**
**ECOFIN 367**
**CADREFIN 57**
**UEM 79**
**FIN 460**

**LEGISLATIVE ACTS AND OTHER INSTRUMENTS: CORRIGENDUM/RECTIFICATIF**

| | |
|---|---|
| Subject: | Annex to the Council Implementing Decision on the approval of the assessment of the recovery and resilience plan for Czechia<br>(ST 11047/21 ADD 1, 31 August 2021) |

LANGUAGES concerned: **BG, ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, HR, IT, LV, LT, HU, MT, NL, PL, PT, RO, SK, SL, FI, SV**

PROCEDURE APPLICABLE (according to Council document R/2521/75):

— Procedure 2(c) (obvious errors in a number of language versions)

This rectificatif ST 8391/22 ADD 15 concerns MT language version.

TIME LIMIT for the observations by Member States: 8 days

**OBSERVATIONS to be notified to: dql.rectificatifs@consilium.europa.eu**
**(DQL RECTIFICATIFS (JUR 7), Directorate Quality of Legislation, Legal Service)**



www.parlament.gv.at

ANNESS

**RETTIFIKA**

**tal-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għaċ-Ċekja**

(ST 11047/21 ADD 1 tal-31 ta' Awwissu 2021)

It-test li jinsab fid-dokument ST 11047/21 ADD 1 (kif ikkoreġut b'ST 11047/21 ADD 1 COR 1) huwa sostitwit b'dan li ġej:



www.parlament.gv.at

"A. KOMPONENT 1.1: SERVIZZI DIĠITALI GĦAĊ-ĊITTADINI U N-NEGOZJI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għandu jappoġġa l-indirizzar tal-isfida tal-forniment inizjali ta' servizzi pubbliċi diġitali, billi jżid l-għadd u l-faċilità tal-użu tas-servizzi pubbliċi diġitali pprovduti liċ-ċittadini u lin-negozji, u jiżgura ġestjoni konsistenti u ta' kwalità għolja tad-*data* fl-amministrazzjoni pubblika. Skont ir-riżultati tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali (DESI 2020), iċ-Ċekja tippreżenta livell medju baxx ta' forniment ta' servizzi pubbliċi diġitali liċ-ċittadini u lill-intrapriżi.

L-għan ta' dan il-komponent huwa li joħloq portali orjentati lejn il-klijent (Ċittadini, Ġustizzja, Imprenditorija, Kura tas-Saħħa) u li jippromwovi l-faċilitazzjoni tal-kondiviżjoni u l-ġestjoni tad-*data* fl-amministrazzjoni biex ikun hemm allinjament mal-prinċipju ta' darba biss.

L-implimentazzjoni tar-riformi taħt dan il-komponent għandha tiżgura l-kundizzjonijiet għall-ġestjoni tajba tal-bażijiet tad-*data* u għall-aċċess ikkontrollat għad-*data*. Għandhom jiffaċilitaw ukoll il-forniment ta' soluzzjonijiet tas-Saħħa elettronika, inkluż l-iżvilupp ta' portal tal-eSaħħa, aktar interkonnettività u interoperabbiltà tal-fornituri tal-kura tas-saħħa u r-rekords ċentrali, it-telemediċina u l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa.

L-investimenti għandhom l-għan li jimplimentaw 22 proġett li jtejbu s-servizzi tal-eGvern pprovduti lill-utenti finali u ħames proġetti li jżidu l-aċċess għal *data* miftuħa fl-amministrazzjoni pubblika. Il-komponent għandu jżid ukoll id-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja billi jattrezza l-qrati b'faċilitajiet ta' reġistrazzjoni awdjoviżiva u ta' produzzjoni tad-*data* u billi joħloq Portal tal-Ġustizzja li jipprovdi aċċess faċli u servizzi diġitali lill-partijiet ikkonċernati.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq l-infrastruttura diġitali, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha ssaħħaħ l-iskjerament tas-servizzi tas-saħħa elettronika, u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, għall-2020 li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tnaqqas il-piż amministrattiv u tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

**A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

**Riforma 1: Kundizzjonijiet għall-ġestjoni tar-riżerva ta' *data* ta' kwalità u l-iżgurar ta' aċċess ikkontrollat għad-*data***

Ir-riforma għandha tistabbilixxi qafas leġiżlattiv, ta' standardizzazzjoni u organizzattiv komprensiv għal governanza ta' kwalità għolja u ġestjoni tad-*data* tal-amministrazzjoni pubblika. Ir-riforma għandha twassal għall-ħolqien ta' għodda ta' kondiviżjoni tad-data ("aċċess ġestit") li tippermetti partijiet oħra tal-amministrazzjoni pubblika, kif ukoll entitajiet terzi kwalifikati, aċċess għal *data* tal-gvern mhux pubblika f'konformità mal-prinċipji FAIR (Traċċabbiltà, Aċċessibbiltà, Interoperabbiltà, u Riutilizzabbiltà). Ir-riforma għandha tinkorpora fil-liġi Ċeka l-prinċipji ta' ġestjoni tajba tad-*data*.

L-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

**Riforma 2: Servizzi tal-e-Saħħa**

Din ir-riforma għandha żżid id-diġitalizzazzjoni tas-settur tas-saħħa billi timplimenta l-attivitajiet li ġejjin:

- id-definizzjoni tal-istandards tal-interoperabbiltà skont il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà għall-eSaħħa u d-definizzjoni tar-regoli li jirregolaw it-telemediċina;

- il-ħolqien ta' katalogu ta' servizzi, inklużi s-servizzi l-ġodda tal-eSaħħa li ġejjin: (i) Katalogu tal-istandards; (ii) Katalogu tas-servizzi diġitali; (iii) Reġistru ta' referenza tal-professjonisti tas-saħħa; (iv) Reġistru ta' referenza tal-pazjenti; (v) Servizzi ta' identifikazzjoni/awtentikazzjoni għall-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa; (vi) Servizzi ta' Sommarju tal-Pazjenti; (vii) Servizzi ta' eOrder;

- l-estensjoni tal-funzjonalitajiet tal-Portal Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa biex jinkludu funzjonalitajiet addizzjonali għall-pubbliku, il-pazjenti, il-fornituri tas-servizzi tas-saħħa u entitajiet awtorizzati oħra;

- il-konnessjoni tal-aktar fornituri tas-servizzi tas-saħħa importanti mas-servizzi tal-eSaħħa skont ir-regoli tal-interoperabbiltà u l-operat sħiħ tal-portal tas-Saħħa elettronika b'funzjonalità u katalogu tas-servizzi miżjuda;

- it-tisħiħ taċ-ċibersigurtà tal-fornituri tal-kura tas-saħħa skont it-tifsira tal-Att Nru 372/2011 fi Praga u ċ-ċibersigurtà tal-korpi governattivi taħt il-Ministeru tas-Saħħa.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali**

L-investiment għandu jimplimenta proġetti interkonnessi sabiex iżid l-għadd ta' servizzi tal-eGvern disponibbli permezz tal-portali taċ-Ċittadini u tal-Intraprendituri u l-għadd ta' formoli mimlija minn qabel abbażi tal-informazzjoni maħżuna fis-sistema tal-informazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika. L-investiment għandu jwassal biex iċ-ċittadini u l-intrapriżi jkollhom aċċess aktar faċli u sempliċi għas-servizzi pubbliċi diġitali permezz ta' pjattaforma unika ta' federazzjoni ta' portali u għall-konnessjoni ta' sistemi ta' informazzjoni inklużi sistemi li jappoġġaw miżuri sanitarji fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19. B'riżultat ta' dan, għadd akbar ta' servizzi diġitali għandu jsir disponibbli għall-utenti finali permezz ta' superfiċje unika tal-login u l-għadd ta' formoli mimlija minn qabel u sottomissjoni elettronika lill-amministrazzjoni pubblika għandhom jiżdiedu.

Dan l-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 2: Żvilupp ta' *data* miftuħa u fond ta' *data* pubblika**

L-investiment għandu jinkludi programm wieħed b'erba' proġetti interkonnessi mmirati lejn it-trawwim tal-pubblikazzjoni ta' settijiet ġodda ta' *data* miftuħa u pubblika. Dawn il-proġetti għandhom jikkonsistu fil-pubblikazzjoni ta' listi ta' kodiċi użati fl-amministrazzjoni pubblika f'bażijiet tad-*data* pubbliċi, l-iżvilupp ta' katalogu nazzjonali ta' data miftuħa, it-titjib ta' għodod għall-aċċess ta' informazzjoni statistika, u l-ħolqien ta' sistema moderna ta' metainformazzjoni għall-korpi tas-Servizz Statistiku tal-Istat.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 3: Servizzi diġitali għall-ġustizzja**

L-investiment għandu l-għan li jżid it-trasparenza tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali billi joħloq portal tal-eĠustizzja li jissodisfa r-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà u jipprovdi servizzi online u aċċess għall-informazzjoni lill-utenti finali. Dan il-portal għandu jkun interkonness mal-Portal taċ-Ċittadini. Barra minn hekk, it-trasparenza u l-



www.parlament.gv.at

effiċjenza għandhom jiżdiedu aktar billi r-rekords tas-seduti tal-qorti jiġu diġitalizzati u billi l-kmamar tas-smigħ tal-qorti jiġu mgħammra b'reġistraturi tad-*data* awdjoviżiva.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2023.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 1 | Riforma 1: Kundizzjonijiet għall-ġestjoni tar-riżerva ta' *data* ta' kwalità u l-iżgurar ta' aċċess ikkontrollat għad-*data* | Stadju importanti | Finalizzazzjoni tal-verifika tad-*data* fil-livelli tal-gvern ċentrali, u adozzjoni tad-dokument kunċettwali "Strateġija ta' aċċess ikkontrollat għad-data biex jiġu żgurati kondizzjonijiet għall-ġestjoni tal-kwalità tal-ġbir tad-data tal-amministrazzjoni pubblika" mill-Gvern, li jifforma bażi għal leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tad-*data* | Il-konklużjoni tal-verifika tad-*data* tal-korpi tal-gvern ċentrali (total ta' 32 istituzzjoni), u l-adozzjoni tad-dokument kunċettwali tal-istrateġija mill-gvern. | | | | K4 | 2023 | L-awditjar tad-*data* u l-istrateġija konsegwenti għandhom iservu bħala bażi għat-tħejjija ta' bidliet leġiżlattivi biex tiġi inkorporata ġestjoni tajba tad-data fl-amministrazzjoni pubblika f'konformità mal-prinċipji FAIR u f'konformità mal-Att Ewropew dwar il-Governanza tad-Data previst. |
| 2 | Riforma 1: Kundizzjonijiet għall-ġestjoni tar-riżerva ta' *data* ta' kwalità u l-iżgurar ta' aċċess ikkontrollat għad-*data* | Mira | Introduzzjoni ta' metodoloġiji ġodda ta' ġestjoni tad-*data* fl-amministrazzjoni pubblika | | Għadd ta' awtoritajiet tal-amministrazzjoni pubblika | 0 | 32 | K4 | 2025 | Standards ta' ġestjoni tajba tad-*data* f'konformità mal-prinċipju FAIR li għandu jiġi żviluppat biex ikun applikat fl-amministrazzjoni pubblika, li għandhom jiġi adottati u implimentati mill-awtoritajiet. |
| 3 | Riforma 2: L-eSaħħa | Stadju importanti | Definizzjoni ta' standards ta' interoperabbiltà skont il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà għall-eSaħħa u d-definizzjoni tar-regoli li jirregolaw it-telemediċina | Adozzjoni ta' standards u regoli mill-Ministeru tas-Saħħa | | | | K1 | 2022 | Il-miżura għandha tistabbilixxi l-istandards, ir-regoli u r-rekwiżiti li jirregolaw l-interoperabbiltà mill-fornituri tal-kura tas-saħħa u għandha sservi bħala bażi għall-adattament tas-sistemi tas-saħħa. Għandhom jiġu stabbiliti regoli li jirregolaw is-servizzi tat-telemediċina biex jiddefinixxu l-kondizzjonijiet tal-provvista ta' dawn is-servizzi. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 4 | Riforma 2: L-eSaħħa | Mira | Għadd ta' servizzi ġodda tat-telemediċina introdotti u disponibbli għall-pazjenti | | Għadd | 0 | 5 | K4 | 2025 | Servizzi ġodda tat-telemediċina żviluppaw u saru disponibbli għall-pazjenti wara l-approvazzjoni tat-twassil tal-proġett mill-Ministeru tas-Saħħa. |
| 5 | Riforma 2: L-eSaħħa | Mira | Tlestija ta' proġetti li jwasslu għall-implimentazzjoni ta' servizzi diġitali tas-saħħa ġodda. | | Għadd | 1 | 8 | K4 | 2025 | Il-proġetti kkompletati għandhom jinkludu l-kwarantina Intelliġenti 2.0; Il-promozzjoni ta' servizzi tas-saħħa diġitali; Soluzzjonijiet tal-portal tas-Saħħa elettronika u l-użu sekondarju tad-*data* dwar is-saħħa. Dawn il-proġetti għandhom iwasslu għall-introduzzjoni tas-servizzi li ġejjin: (1) Katalogu ta' standards, (2) Katalogu ta' servizzi diġitali (3) Ir-reġistru ta' referenza tal-professjonisti tas-saħħa (4) Ir-reġistru ta' referenza tal-pazjenti, (5) Servizzi ta' identifikazzjoni/awtentikazzjoni għall-pazjenti u l-professjonisti tal-kura tas-saħħa, (6) Servizzi Sommarji tal-Pazjenti, (7) servizzi tal-eOrdni |
| 6 | Riforma 2: L-eSaħħa | Mira | Il-konnessjoni tal-fornituri tas-servizzi tas-saħħa/tal-faċilitajiet mediċi mas-servizzi tal-eSaħħa skont ir-regoli tal-interoperabbiltà u l-operat sħiħ tal-portal ttal-eSaħħa b'funzjonalità u katalogu tas-servizzi miżjuda | | | 0 | 15 | K4 | 2025 | Jenħtieġ li l-miżura tirriżulta fil-konnessjoni tal-fornituri tal-kura tas-saħħa f'sistema interoperabbli mal-portal tas-Saħħa elettronika, li l-fornituri għandhom ikunu jistgħu jużaw għat-tidħil ta' informazzjoni u komunikazzjoni ma', fost l-oħrajn, ċittadini, fornituri ta' servizzi tas-saħħa u kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 7 | Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali | Stadju importanti | It-tħaddim sħiħ tal-Portal Diġitali Uniku | Dħul fis-seħħ tal-Portal Diġitali Uniku li jipprovdi s-servizzi liċ-ċittadini u lin-negozji | | | | K4 | 2022 | Pjattaforma unika għaċ-ċittadini u n-negozji li tippermetti mill-inqas: il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni inizjali għall-ammissjoni f'istituzzjoni pubblika ta' edukazzjoni għolja; applikazzjoni għad-deżinjazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli skont it-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali; Applikazzjoni għal pensjoni u benefiċċji ta' qabel l-irtirar minn skemi obbligatorji; Applikazzjoni għal finanzjament għall-edukazzjoni għolja, pereżempju fil-forma ta' borża ta' studju u self minn awtorità jew istituzzjoni pubblika. |
| 8 | Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali | Stadju importanti | Konnessjoni tas-sistema Sick Note ma' Stazzjonijiet Reġjonali tal-Iġjene u l-proġett Smart Quarantine żviluppat biex jiġġieled l-infezzjoni tal-COVID-19 fil-popolazzjoni u t-tlestija tal-iżvilupp ta' 3 sistema ta' informazzjoni | Konnessjoni b'suċċess ta' sistemi eżistenti u żvilupp ta' sistemi ġodda | | | | K4 | 2023 | Il-konnessjoni ta' Sick Note, l-Istazzjon Reġjonali tal-Iġjene u l-Kwarantina Intelliġenti tlestiet bil-għan li jitnaqqsu l-kumplessità amministrattiva u t-titjib tas-sistemi żviluppati matul il-pandemija tal-COVID-19 u l-iżvilupp u t-titjib ta' 3 sistema ta' informazzjoni ulterjuri: DIP – Information Obligations Database (Bażi tad-*Data* dwar l-Obbligi ta' Informazzjoni): is-Sistema ta' Distribuzzjoni Globali fit-turiżmu; L-espansjoni tal-Amministrazzjoni tar-Riżervi Materjali tal-Istat (SSHR). |
| 9 | Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali | Stadju importanti | Operazzjoni sħiħa ta' erba' sistemita' informazzjoni | Dħul fis-seħħ tal-erba' sistemi ta' informazzjoni żviluppati li jipprovdu servizzi lill-utenti finali | | | | K4 | 2024 | Il-proġetti li ġejjin għandhom jitlestew: L-iżvilupp tar-Reġistru Diġitali; Portal tar-Rekord ta' Kontroll Uniku (JePEK); SIS_2 Għodod għall-Ipproċessar Ċentrali tal-Kompitu tal-Istatistika; e-Turiżmu |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 10 | Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali | Mira | Tlestija tal-proġetti elenkati li twassal għal żieda fl-għadd ta' formoli mimlija mibgħuta minn persuni fiżiċi u ġuridiċi lill-awtoritajiet tal-istat b'mod diġitali (permezz ta' portali jew kaxxi postali diġitali) | | Għadd | 26 839 874 | 53 679 748 | K1 | 2026 | Il-miżuri għandhom iwasslu għal żieda ta' 100 % fl-għadd ta' formoli elettroniċi mimlija ppreżentati permezz ta' portali u kaxxi postali tad-*data* bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 meta mqabbla mal-bażi ta' referenza tal-2019. Dan għandu jinkiseb sat-tlestija tal-proġetti sottostanti li ġejjin: L-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Katast tal-Proprjetà Immobbli (ISKN); Servizzi diġitali ġodda għall-organizzazzjonijiet iż-żgħar; Servizzi diġitali taħt is-Sistema Integrata ta' Informazzjoni tal-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali Ċeka (IIS ČSSZ); Sistema ta' skrinjar tal-investiment; L-nDIS tistabbilixxi sistema ġdida ta' informazzjoni dwar it-taxxa; Il-portal tal-intraprendituri; Portal tal-Amministrazzjoni Pubblika 2.0 (Portal taċ-Ċittadini); SIS1 Punt Uniku ta' Ġbir – Interfaċċa Uniformi għall-forniment tad-*data*; Servizzi ta' sistemi ta' informazzjoni teknika u dwar privattivi; preżentazzjoni elettronika lid-dipartiment tal-ambjent; l-iżvilupp ta' preżentazzjonijiet lill-Amministrazzjoni Ċeka tas-Sigurtà Soċjali u r-rabta mas-servizzi diġitali lill-amministrazzjoni pubblika; aktar żvilupp tal-Amministrazzjoni tas-Sigurtà Soċjali Ċeka – Interfaċċja tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni – Soluzzjoni ta' portal unifikata għax-xogħol u l-affarijiet soċjali u l-konnessjoni tagħha tas-servizz diġitali mal-amministrazzjoni pubblika; L-iżvilupp tal-preżentazzjonijiet ġodda fuq l-internet għall-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. |
| 11 | Investiment 2: Żvilupp ta' *data* miftuħa u *data* pubblika | Stadju importanti | Estensjoni tal-Katalogu Nazzjonali tad-*Data* Miftuħa b'funzjonalitajiet avvanzati | Katalogu tad-*Data* Miftuħa Nazzjonali kompletament funzjonali b'funzjonalitajiet u servizzi avvanzati, inkluż it-tlestija tal-proġetti elenkati. | | | | K4 | 2022 | Il-katalogu Nazzjonali ta' *data* miftuħa għandu jirreġistra u jippubblika *data* u informazzjoni miftuħa u pubblika mill-amministrazzjoni pubblika kollha f'post wieħed. Għandu jkollu funzjonalitajiet avvanzati għat-tiftix, iż-żieda f'*data* u servizzi katalogati inkluża l-pubblikazzjoni ta' listi ta' kodiċijiet f'fond tad-*data* pubbliku; Għodod ġodda għall-aċċess ta' *data* statistika u meta-sistema għas-Servizzi Statistiċi tal-Istat. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 12 | Investiment 2: Żvilupp ta' *data* miftuħa u *data* pubblika | Mira | Żieda fl-għadd ta' produtturi tad-*data* miftuħa fl-amministrazzjoni pubblika li jippubblikaw *data* miftuħa fil-Katalogu Nazzjonali tad-*Data* Miftuħa | | Għadd ta' entitajiet pubbliċi ġodda | 23 | 100 | K4 | 2024 | L-investimenti għandhom iwasslu għal żieda ta' 77 entità ġdida li jippubblikaw *data* miftuħa fl-amministrazzjoni pubblika. |
| 13 | Investiment 3: Servizz diġitali għall-ġustizzja | Stadju importanti | L-użu ta' pjattaforma teknoloġika ġdida tal-Portal tal-Ġustizzja, li għandha tagħmel is-servizzi diġitali disponibbli għaċ-ċittadini u għandha tkun konnessa mal-Portal Ċentrali taċ-Ċittadini | L-aġġornament u l-operat shih tal-Portal tal-Ġustizzja b'funzjonalitajiet estiżi | | | | K4 | 2023 | Il-miżura għandha toħloq portal ġdid tal-Ġustizzja konness mal-Portal taċ-Ċittadini. Il-funzjonalitajiet u d-disinn għandhom jiġu definiti wara valutazzjoni tal-ħtiġijiet u stħarriġ tal-utenti. Id-disinn mill-ġdid tal-portal justice.cz għandu jiġi implimentat fi tmien (8) pakketti ta' siti tematikament simili. Kull pakkett se jikkonsisti f'fażi ta' stħarriġ orjentata lejn l-utent u fażi ta' tfassil tal-kontenut. |
| 14 | Investiment 3: Servizz diġitali għall-ġustizzja | Mira | Tagħmir ta' awli tal-qorti b'reġistraturi ta' *data* awdjoviżiva | | Għadd ta' awli tal-qorti | 370 | 1100 | K4 | 2023 | Il-miżura għandha takkwista tagħmir awdjoviżiv għall-awli tal-qorti sabiex tippermetti r-reġistrazzjoni diġitali tas-seduti ta' smigħ u l-proċeduri għal aktar trasparenza. |

## B. KOMPONENT 1.2: SISTEMI TA' AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA DIĠITALI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jindirizza l-isfida li tiżdied it-trasformazzjoni diġitali fl-amministrazzjoni pubblika Ċeka u li jrawwem il-kollaborazzjoni u l-iskambju bejn l-istituzzjonijiet pubbliċi.

Għandu l-għan li jiggarantixxi l-iżvilupp ta' riżerva tad-*data* interkonnessa tas-sistemi tal-IT tal-amministrazzjoni pubblika, jappoġġa u tjabilita l-komponent 1.1, li jappoġġa l-espansjoni tas-servizzi tal-eGvern ipprovduti lill-utenti finali. Il-komponent għandu jiżviluppa reġistri ewlenin, inklużi reġistri tas-saħħa, u joħloq konnessjoni bejn bażijiet tad-*data* tal-amministrazzjoni pubblika u sistemi tal-IT rilevanti sabiex titnaqqas il-kumplessità tal-proċeduri għall-kumpaniji u ċ-ċittadini u tiġi ggarantita kondiviżjoni sigura tad-*data* fl-amministrazzjoni pubblika.

L-implimentazzjoni tar-riformi taħt dan il-komponent għandha l-għan li tiżgura approċċ standardizzat u koerenti għall-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni tal-aġenda fl-amministrazzjoni pubblika. Huma għandhom jipprovdu għarfien espert u servizzi ta' konsulenza permezz ta' Ċentri ta' Kompetenza. Għandhom ukoll jiżviluppaw u jikkonsolidaw ir-reġistri frammentati tas-saħħa biex jippreparawhom għall-forniment ta' servizzi kondiviżi u l-iskambju ta' informazzjoni.

L-investimenti għandhom jiffukaw fuq l-iżvilupp u l-konnessjoni tar-reġistri ewlenin, fuq it-trawwim tal-interkonnessjoni u l-aġġornament ta' sistemi ta' informazzjoni relatati mal-età, fuq l-investiment f'tagħmir u infrastruttura għas-servizzi tal-Ġustizzja elettronika, u fuq it-titjib taċ-ċibersigurtà tal-amministrazzjoni pubblika.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq l-infrastruttura diġitali, ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha ssaħħaħ l-iskjerament tas-servizzi tas-saħħa elettronika, u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tnaqqas il-piż amministrattiv u tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: Ċentri ta' kompetenza għall-appoġġ tal-eGvern, iċ-Ċibersigurtà u eSaħħa**

Ir-riforma għandha tistabbilixxi ċentri ta' kompetenza tal-eGvern, li għandhom jipprovdu gwida, għarfien espert, servizzi ta' konsulenza u standards komuni fl-amministrazzjoni pubblika kollha, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni koerenti tal-miżuri għad-diġitalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni previsti taħt iż-żewġ komponenti 1.1 u 1.2. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' tliet ċentri ta' kompetenza (ċibersigurtà -; eSaħħa; Ċentri ta' Kompetenza tal-eGvern) ankrati fl-amministrazzjoni pubblika, li jagħtu appoġġ lill-awtoritajiet pubbliċi f'oqsma ta' analiżi, l-arkitettura tas-sistema, l-esperjenza tal-utent u d-disinn tal-interfaċċa tal-utent, iċ-ċibersigurtà jew soluzzjonijiet ta' portal, u l-ġestjoni tal-proġetti.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Riforma 2: L-iżvilupp ta' sistemi li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tas-saħħa**



www.parlament.gv.at

Ir-riforma għandha taċċellera u tiffaċilita l-ħolqien ta' infrastruttura koerenti tas-saħħa elettronika, inkluż l-istabbilizzazzjoni u l-istandardizzazzjoni tar-riżerva tad-*data* dwar il-kura tas-saħħa. Il-miżura hija maqsuma f'diversi proġetti interkonnessi li jimplimentaw reġistri ta' referenza tal-Fornituri tas-Servizzi tas-Saħħa, tal-Professjonisti tas-Saħħa u tal-Pazjenti, interkonnessi mar-reġistri ta' referenza tal-Gvern elettroniku; ir-reġistri tas-saħħa tas-servizz iġjeniku u tar-reġistri tas-saħħa ta' mard onkoloġiku, kardjovaskulari u mard ieħor; proġett biex tinbena sistema ta' informazzjoni għall-appoġġ tal-ġestjoni tas-servizz iġjeniku fiċ-Ċekja; l-estensjoni tal-funzjonalità eżistenti tal-Preskrizzjoni elettronika tinkludi preskrizzjonijiet għal drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi u l-introduzzjoni tas-servizz ta' kupuni elettroniċi, il-bini ta' infrastruttura li tappoġġa s-sistema ta' kura għall-pazjenti b'mard rari.

Il-miżura tinkludi wkoll il-forniment ta' programmi ta' taħriġ biex jespandu l-użu tas-servizzi tas-Saħħa elettronika u dawk diġitali fis-settur tas-saħħa, immirati primarjament lejn il-persunal tal-kura tas-saħħa.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 1: L-iżvilupp u t-titjib ta' sistemi ta' informazzjoni individwali**

L-investiment għandu jikkonsisti fi proġetti mmirati lejn l-aġġornament, it-titjib u l-konnessjoni ta' sistemi ta' informazzjoni relatati mal-età back-end, li għandhom jippermettu l-forniment ta' servizzi ġodda u mtejba liċ-ċittadini u n-negozji fl-oqsma tal-politika tal-impjiegi, is-sigurtà soċjali, il-valutazzjoni medika, l-istatistika, il-passaport u l-viża u s-servizzi kif previst taħt il-komponent 1.1. Dawn il-proġetti għandhom iwasslu għat-titjib ta' għaxar sistemi ta' informazzjoni b'kollox.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 2: L-iżvilupp ta' reġistri u faċilitajiet ewlenin għall-eGvern**

L-investiment għandu joħloq u jaġġorna reġistri ewlenin fiċ-Ċekja, b'mod partikolari r-Reġistru tal-Individwi, ir-Reġistru tal-Popolazzjoni, ir-Reġistru tad-Drittijiet u l-Obbligi, ir-Reġistru tal-Identifikazzjonijiet Territorjali, l-Indirizzi u l-Proprjetà Immobbli, is-Sistema ta' Informazzjoni ORG, u għandu jinkludi l-iżvilupp ta' Sistema Kondiviża ta' Informazzjoni dwar is-Servizzi li tgħaqqad *data* minn sistemi ta' informazzjoni differenti f'riżerva tad-*data* interkonnessa. Dan għandu jinkiseb permezz ta' għoxrin proġett interkonnessi. Lil hinn mir-reġistri, il-faċilitajiet il-ġodda għandhom jinkludu ċentru tad-*data* ġdid u l-iżvilupp ta' cloud tal-eGvern għas-servizzi tal-informatika u l-iżvilupp ta' infrastruttura teknoloġika tal-amministrazzjoni pubblika.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

**Investiment 3: Iċ-ċibersigurtà**

L-investiment għandu jkollu l-għan li jżid iċ-ċibersigurtà tal-amministrazzjoni pubblika u tal-infrastruttura tal-ICT għall-kura tas-saħħa, skont l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà, f'konformità mal-Istrateġija Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà. Il-miżura għandha tinkludi proġetti, li għandhom iwasslu għal i) il-modernizzazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-forzi tal-pulizija fiċ-Ċekja li jidentifikaw, jidentifikaw u jirrispondu għas-sigurtà u l-inċidenti tal-ICT u ii) iż-żieda fiċ-ċibersigurtà ta' mill-inqas għaxar sistemi ta' informazzjoni.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 4: Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ġustizzja diġitali**

L-investiment għandu l-għan li jimmodernizza l-ambjent tax-xogħol tas-sistema ġudizzjarja u jippermetti l-kontinwazzjoni tal-ħidma fi żminijiet ta' kuntatti fiżiċi limitati, u b'hekk iżid ir-reżiljenza



www.parlament.gv.at

tas-sistema ġudizzjarja nazzjonali. L-investiment jikkonsisti fi tliet proġetti interkonnessi, li għandhom jinkludu i) l-analiżi tal-użu tad-*data* u l-immappjar tal-ħtiġijiet tad-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-ġustizzja, flimkien mal-iskjerament ta' maħżen tad-*data* u kapaċità akbar ta' ħżin, ii) iż-żieda fil-kapaċità tal-infrastruttura li tippermetti aċċess remot u iii) iż-żieda fl-għadd ta' kmamar tal-vidjokonferenzi mgħammra għall-ġudikatura.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

## B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 15 | Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Stadju importanti | L-istabbiliment u t-tħaddim b'suċċess ta' punt ta' kuntatt universali li jippermetti lill-klijenti jikkomunikaw mal-amministrazzjoni pubblika f'post wieħed. | Żewġ sistemi ewlenin tal-amministrazzjoni pubblika Ċeka għandhom ikunu operattivi, jiġifieri s-sistema CzechPOINT 2.0 (fir-rigward taċ-ċittadini u l-uffiċjali) u l-ispazju tal-Awtentikazzjoni Ċentrali tal-amministrazzjoni pubblika, l-hekk imsejjaħ CAAIS (għall-uffiċjali) | | | | K4 | 2022 | L-istadju importanti għandu jimplimenta s-sistema CzechPOINT 2.0 li tipprovdi lill-pubbliku bil-firxa ta' servizzi assistiti, siltiet mis-sistemi ta' informazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u l-possibbiltà li jiġu ppreżentati formoli mimlija lill-amministrazzjoni tal-istat jew li jkun hemm komunikazzjoni magħha. L-istadju importanti għandu jinkludi wkoll is-Sistema ta' Informazzjoni għall-Awtentikazzjoni Ċentrali (imsejħa CAAIS). L-istadju importanti jitqies bħala ssodisfat meta ż-żewġ partijiet jiġu implimentati u jkunu disponibbli għall-utenti finali. |
| 16 | Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Stadju importanti | L-aġġornament u t-tħaddim b'suċċess tas-sistema tal-viża tal-Passaport elettroniku (ePasy) u tal-EVC2 | Is-sistema tal-ePasy aġġornata hija marbuta mar-reġistri ewlenin, l-EVC2 implimentat il-funzjonalità tal-viża ta' terminu qasir u twil f'konformità mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (Entry/Exit System, EES) u ż-żewġ sistemi huma disponibbli għall-utenti finali | | | | K4 | 2022 | Il-konnessjoni tal-ePasy mar-reġistri ewlenin u s-sistema tal-viża tal-EVC2 implimentat il-funzjonalità tal-viża ta' terminu qasir u twil f'konformità mas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ. |
| 17 | Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Stadju importanti | It-tħaddim b'suċċess tas-sistema Integrata tal-Barranin bit-tnaqqis tal-piż amministrattiv tal-barranin u l-impjegati taċ-ċivil | Sistema integrata ġdida għall-barranin hija operattiva u tipprovdi servizzi lill-utenti finali | | | | K4 | 2024 | L-istadju importanti tal-miżura għandu jistabbilixxi sistema integrata ġdida għas-sistema tal-barranin (ICAS), li għandha tippermetti lill-barranin irreġistrati fiċ-Ċekja jimmaniġġjaw l-affarijiet relatati mar-residenza tagħhom permezz ta' servizzi diġitali ġodda għall-klijenti tal-amministrazzjoni pubblika fit-taqsima partikolari. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 18 | Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Mira | L-ikkuntrattar tal-eżekuzzjoni tal-proġetti tas-sistema ta' informazzjoni elenkati li jiffurmaw il-bażi retrospettiva tal-iżvilupp tas-sistemi ta' informazzjoni għall-amministrazzjoni pubblika | | Għadd | 0 | 8 | K2 | 2024 | Il-mira qed tintlaħaq meta jiġu kkuntrattati l-proġetti li ġejjin:<br>1. Ċentralizzazzjoni tas-sistema għall-persuni li jaħdmu għal rashom<br>2. Skambju Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali<br>3. Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sovvenzjonijiet<br>4. Servizz ta' Valutazzjoni Medika<br>5. Ottimizzazzjoni tar-repożitorju tad-*data* għall-amministrazzjoni tas-sigurtà soċjali<br>6. Sistema ta' fergħat ta' servizzi ta' arkivjar elettroniku<br>7. Punt ta' Awtentikazzjoni Ċentrali għall-Uffiċċju tal-Istatistika Ċek u l-integrazzjoni tar-reġistri tal-istatistika fir-riżerva ta' *data* konnessa<br>8. Sistema ta' informazzjoni dwar il-Kollezzjonijiet tal-Mużewijiet |
| 19 | Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Mira | It-tħaddim b'suċċess ta' sistemi ta' informazzjoni ġodda jew imtejba tal-amministrazzjoni pubblika, li għandhom jinkludu t-tlestija tal-proġetti kkuntrattati taħt il-mira 18 | | Għadd | 0 | 8 | K4 | 2025 | skont din il-miżura l-għadd ta' sistemi ta' informazzjoni u proġetti ġodda jew modernizzati implimentati bħala parti minn dan l-investiment għandu jingħadd fil-mira. Dawn is-sistemi kollha s-sistemi ta' informazzjoni ġodda jew modernizzati u l-proġetti implimentati bħala parti mill-investiment għandhom ikunu operattivi u għandhom itejbu l-komunikazzjoni fl-amministrazzjoni pubblika u jtejbu l-kwalità tas-servizzi għall-klijenti tal-amministrazzjoni pubblika. Is-sistemi ta' informazzjoni modernizzati u l-proġetti kkompletati għandhom jinkludu:<br>1. Ċentralizzazzjoni tas-sistema għall-persuni li jaħdmu għal rashom<br>2. Skambju Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali<br>3. Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Sovvenzjonijiet |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | 4. Servizz ta' Valutazzjoni Medika<br>5. Ottimizzazzjoni tar-repożitorju tad-*data* għall-amministrazzjoni tas-sigurtà soċjali<br>6. Sistema ta' ferghat ta' servizzi ta' arkivjar elettroniku<br>7. Punt ta' Awtentikazzjoni Ċentrali għall-Uffiċċju tal-Istatistika Ċek u l-integrazzjoni tar-reġistri tal-istatistika fir-riżerva ta' *data* konnessa<br>8. Sistema ta' informazzjoni dwar il-Kollezzjonijiet tal-Mużewijiet |
| 20 | Investiment 2: Żvilupp ta' reġistri ewlenin u faċilitajiet għall-eGvern | Stadju importanti | It-tlestija ta' ċentru tad-*data* definit b'software kompletament operattiv inklużi l-kontenituri tad-*data*. | Ittestjar u adozzjoni b'suċċess ta' ċentru tad-*data* ġdid mill-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali | | | | K4 | 2022 | L-istadju importanti għandu jitqies li ntlaħaq ladarba ċ-ċentru tad-*data* l-ġdid ikun kompletament operattiv u jkun sar disponibbli għall-utenti finali. |
| 21 | Investiment 2: Żvilupp ta' reġistri ewlenin u faċilitajiet għall-eGvern | Stadju importanti | It-tlestija tal-proġetti elenkati li jżidu l-kapaċità ta' trażmissjoni tal-Punt Ċentrali tas-Servizzi u jimmodernizzaw u jottimizzaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni u s-sistemi tal-informazzjoni. | L-istadju importanti jitqies li ntlaħaq meta l-Punt Ċentrali tas-Servizzi jiġi aġġornat, tiżdied il-kapaċità u s-sigurtà tiegħu u l-proġetti għat-titjib tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni tar-reġistri ewlenin ikunu ġew konklużi mill-entitajiet kontraenti/implimentattivi. | | | | K4 | 2023 | Il-miżura għandha tikkostitwixxi l-iżvilupp ta' reġistri bażiċi u l-iżvilupp tal-infrastruttura teknoloġika tal-amministrazzjoni pubblika, inkluża żieda fil-kapaċità ta' trażmissjoni tagħha u l-implimentazzjoni ta' servizzi ġodda għall-klijenti u servizzi b'intensità għolja ta' kapaċità ta' trażmissjoni. L-istadju importanti għandu jitqies bħala milħuq malli jitlestew il-proġetti li ġejjin:<br>1. L-iżvilupp tal-kapaċità u tas-sigurtà tal-punt ċentrali tas-Servizzi<br>2. Modernizzazzjoni u ottimizzazzjoni tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni u Informazzjoni dwar it-Tikkettar b'Diversi Protokolli (MPLS)<br>3. L-awtorità Nazzjonali taċ-Ċertifikazzjoni għandha tipprovdi ċertifikazzjonijiet lill-entitajiet tal-amministrazzjoni pubblika<br>4. Żieda fil-kapaċità taċ-ċentri tad-*data* u tal-prodotti tal-ħżin tad-*data*<br>5. Sostituti tal-ħardware u tas-software għar-reġistri ċentrali<br>6. L-aġġornament u t-titjib tar-reġistri ewlenin inklużi: Ir-reġistru tal-Individwi, ir-Reġistru tal-Popolazzjoni, ir-Reġistru tad-Drittijiet u l-Obbligi, ir- |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | Reġistru tal-Identifikazzjonijiet Territorjali, l-Indirizzi u l-Proprjetà Immobbli, is-Sistema ta' Informazzjoni ORG<br>7. Żvilupp u titjib relatati ta' Sistema integrata ta' reġistri ewlenin u Sistema ta' Informazzjoni dwar Servizzi Kondiviżi<br>8. Titjib fil-Punt ta' Identità u Awtentikazzjoni Nazzjonali<br>9. L-iżvilupp ta' interfaċċa konsolidata għar-reġistri ewlenin |
| 22 | Investiment 2: Żvilupp ta' reġistri ewlenin u faċilitajiet għall-eGvern | Stadju importanti | Forniment ta' servizzi tal-cloud computing lill-awtoritajiet pubbliċi | il-cloud tal-eGovernment isir disponibbli għall-utenti finali u kapaċi jipprovdi servizzi ta' cloud computing lill-amministrazzjoni pubblika | | | | K2 | 2026 | Il-proġett għandu jistabbilixxi infrastruttura ta' komunikazzjoni u ICT u applikazzjonijiet ta' software għal Ċentru tad-*Data* Zeleneč estiż fiċ-Ċekja u sistemi ta' informazzjoni tal-Cloud Computing u Portal ta' Cloud ta' Gvern elettroniku biex jipprovdu servizzi ta' *data* għall-cloud tal-gvern elettroniku biex jippermettu servizzi ta' cloud computing (IaaS, SaaS) lill-awtoritajiet tal-amministrazzjoni pubblika. L-istadju importanti għandu jitqies bħala miksub meta jkunu jistgħu jitwettqu s-servizzi tal-cloud computing. |
| 23 | Investiment 3: Ċibersigurtà | Stadju importanti | Il-modernizzazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-Avvenimenti tas-Sigurtà tal-pulizija taċ-Ċekja u l-estensjoni tal-użu tagħha għall-protezzjoni taċ-ċibersigurtà ta' ħames sistemi ta' informazzjoni oħra, li għandhom jintgħażlu abbażi ta' studju ta' riskju u fattibbiltà | Il-bidu tal-operat tas-sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-Avvenimenti tas-Sigurtà kompletament funzjonali u aġġornata u ta' ħames servizzi ta' informazzjoni addizzjonali magħżula abbażi ta' studju dwar ir-riskju u l-fattibbiltà. | | | | K4 | 2022 | L-investiment għandu jżid id-disponibbiltà tal-infrastruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-Avvenimenti tas-Sigurtà li tkun kapaċi tilloggja u tevalwa inċidenti ta' sigurtà u testendi l-kapaċitajiet u l-kapaċitajiet tal-pulizija u tal-Ministeru tal-Intern fiċ-Ċekja biex jidentifikaw u jirrispondu għal inċidenti u inċidenti ta' sigurtà fl-ICT anki mill-bogħod meta l-aċċess għall-infrastruttura tal-uffiċċju jkun limitat. |
| 24 | Investiment 3: Ċibersigurtà | Mira | Tlestija ta' proġetti li jwasslu għal żieda fl-għadd ta' sistemi ta' informazzjoni li ċ-ċibersigurtà tagħhom ġiet imsaħħa | | Għadd | 0 | 10 | K4 | 2025 | Il-miżura għandha żżid iċ-ċibersigurtà tas-sistemi ta' informazzjoni magħżula f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att Nru 181/2014 Coll., dwar iċ-ċibersigurtà. L-istadju importanti għandu jitqies bħala miksub wara l-ittestjar b'suċċess u ddokumentat u l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà ta' mill- |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | f'konformità mal-Att Nru 181/2014 Coll., dwar iċ-ċibersigurtà | | | | | | | inqas 10 sistema ta' informazzjoni magħżula mill-Uffiċċju Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà u s-Sigurtà tal-Informazzjoni (NÚKIB) u l-awtoritajiet proprjetarji tas-sistemi rispettivi jkunu approvaw it-twettiq tal-proġetti. |
| 25 | Riformi 1: Ċentri ta' kompetenza għall-appoġġ tal-eGvern, iċ-Ċibersigurtà u eSaħħa | Stadju importanti | It-tħaddim sħiħ ta' tliet ċentri ta' kompetenza li jipprovdu servizzi ta' konsulenza lill-awtoritajiet li jimplimentaw il-bidliet fis-sistemi tal-informazzjoni u l-ekosistema tal-eGvern previsti fir-riformi u l-investimenti tal-komponent A 1.1 u B tal-komponent 1.2 tal-pjan ta' rkupru | Iċ-ċentri ta' kompetenza għandhom jitqiesu bħala operattivi bis-sħiħ hekk kif l-awtoritajiet pubbliċi jkunu ssottomettew u ċ-ċentri ta' kompetenza jkunu approvaw talbiet uffiċjali għal servizzi ta' konsulenza. | | | | K4 | 2022 | Tliet ċentri ta' kompetenza fl-eGvern, iċ-ċibersigurtà u l-eSaħħa għandhom jipprovdu servizzi ta' konsulenza u konsulenza lill-awtoritajiet fl-implimentazzjoni ta' proġetti taħt ir-riformi u l-investimenti tal-komponenti 1.1 u 1.2 tal-komponent A 1.1 u B tal-komponent 1.2 tal-pjan ta' rkupru. |
| 26 | Riforma 1: Ċentri ta' kompetenza għall-appoġġ tal-eGvern, iċ-Ċibersigurtà u eSaħħa | Mira | Konsultazzjonijiet u assistenza pprovduti dwar suġġetti relatati mal-miżuri taħt ir-riformi u l-investimenti tal-komponent 1.1 u 1.2 tal-komponent A 1.1 u B tal-komponent 1.2 tal-pjan ta' rkupru fil-kamp ta' applikazzjoni ta' mill-inqas ħames (5) ġranet ta' xogħol, ipprovduti lil korpi speċifiċi | | Għadd ta' konsultazzjonijiet ipprovduti fil-kamp ta' applikazzjoni ta' mill-inqas ħamest (5) ijiem ta' xogħol | 0 | 50 | K4 | 2025 | Il-miżura għandha tipprovdi għarfien espert għall-implimentazzjoni ta' investimenti u riformi taħt il-komponenti 1.1 u 1.2 lill-korpi tal-amministrazzjoni pubblika. Fil-mira għandhom jingħaddu biss il-konsultazzjonijiet li jeħtieġu minimu ta' ħamest ijiem ta' xogħol. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | tal-amministrazzjoni pubblika | | | | | | | |
| 27 | Riforma 2: Żvilupp ta' sistemi li jappoġġaw l-eSaħħa | Stadju importanti | Estensjoni tar-Reġistrazzjoni tad-Drogi Kondiviżi (ePreskrizzjoni) għal narkotiċi u sustanzi psikotropiċi u għal vawċers elettroniċi għal apparat mediku | Il-funzjonalitajiet tal-ePreskrizzjoni huma estiżi bi preskrizzjonijiet għal narkotiċi u sustanzi psikotropiċi u bil-preskrizzjoni ta' vawċers għal apparat mediku | | | | K4 | 2023 | Il-funzjonalitajiet eżistenti tal-ePreskrizzjoni għandhom jiġu estiżi b'din il-miżura li tippermetti l-preskrizzjoni ta' narkotiċi u sustanzi psikotropiċi u vawċers għax-xiri ta' apparat mediku. |
| 28 | Riforma 2: Żvilupp ta' sistemi li jappoġġjaw l-eSaħħa | Stadju importanti | Tlestija ta' proġetti li jikkonsolidaw u jiżviluppaw l-infrastruttura elettronika tal-kura tas-saħħa sabiex jinħolqu bażijiet tad-*data* interkonnessi u jittejbu s-servizzi diġitali tal-kura tas-saħħa | Is-servizzi ġodda kkonsolidati miksuba mill-proġetti jintużaw mill-utenti finali u r-reġistri huma konnessi | | | | K4 | 2025 | Il-proġetti inklużi f'din il-miżura għandhom jikkonsolidaw is-sistema dipartimentali tar-reġistri tas-saħħa inklużi s-sistemi ta' Informazzjoni ta' stazzjonijiet Iġjeniċi reġjonali, ir-reġistri Iġjeniċi, is-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa, u l-pjattaforma edukattiva integrata. Ir-reġistri tal-kura tas-saħħa rilevanti għandhom ikunu marbuta mas-servizzi tal-eGvern. Il-ksib tal-istadju importanti għandu jiġi vverifikat permezz tal-ittestjar b'suċċess imwettaq u dokumentat mill-iżviluppatur u bl-approvazzjoni tal-awtorità kontraenti tat-twettiq tal-proġett wara fażi pilota li tirnexxi. Il-proġetti għandhom jinkludu:<br>1. Ottimizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa għal pazjenti b'mard rari<br>2. L-iżvilupp ta' reġistri tal-iġjene billi jittejbu r-reġistri eżistenti tas-servizzi sanitarji u s-sistemi ta' informazzjoni relatati mal-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' pandemija<br>3. L-iżvilupp ta' sistema ta' informazzjoni integrata biex tappoġġa l-ġestjoni tas-servizzi sanitarji f'erbatax-il reġjun taċ-Ċekja<br>4. L-iżvilupp tal-infrastruttura tar-reġistri ta' |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | referenza tal-fergħa tal-eSaħħa tal-fornituri tas-servizzi tas-saħħa, il-professjonisti tas-saħħa u l-pazjenti u s-sistemi ta' appoġġ<br>5. Modernizzazzjoni u titjib tal-kapaċità tas-Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa<br>6. Programm ta' taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa għall-użu tas-sistemi tal-eSaħħa |
| 29 | Investiment 4: Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ġustizzja diġitali | Stadju importanti | Analiżi tal-ġestjoni tad-*data* u l-użu tad-data fis-settur tal-ġustizzja u l-użu ta' maħżen tad-*data* | L-analiżi hija approvata mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-maħżen tad-*data* huwa skjerat | | | | K2 | 2022 | L-istadju importanti għandu jinkludi analiżi li timmappja l-użu tad-*data* u l-ħtiġijiet tal-ġestjoni tad-*data* tas-settur tal-Ġustizzja u l-Ministeru tal-Ġustizzja, li għandu jservi bħala bażi għat-tħejjija ta' proġetti futuri mmirati lejn id-diġitalizzazzjoni tas-settur u għandu jinkludi wkoll l-użu ta' maħżen virtwali tad-*data* għall-Ministeru tal-Ġustizzja. |
| 30 | Investiment 4: Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ġustizzja diġitali | Mira | Żieda fl-għadd ta' kmamar tal-konferenzi fis-sistema tal-Ġustizzja li għadhom kif ġew mgħammra u konnessi biex jippermettu l-vidjokonferenzjar. | | Għadd ta' swali tal-konferenzi | 170 | 470 | K4 | 2022 | Il-miżura għandha żżid l-għadd ta' kmamar tal-konferenzi mgħammra b'għodod tal-vidjokonferenzjar |
| 31 | Investiment 4: Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ġustizzja diġitali | Mira | Żieda fil-kapaċità tal-ħżin tad-*data* | | Petabyte | 2 | 4 | K4 | 2024 | Il-miżura għandha żżid il-kapaċità tal-ħżin tad-*data* tal-Ministeru tal-Ġustizzja li ssaħħaħ l-infrastruttura għall-post tax-xogħol diġitali u x-xogħol mill-bogħod. |

www.parlament.gv.at

## C. KOMPONENT 1.3: NETWORKS DIĠITALI TA' KAPAĊITÀ GĦOLJA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-indirizzar tal-isfida tal-użu ta' networks b'kapaċità kbira ħafna (VHCN) biex jiġi massimizzat l-aċċess għas-servizzi online permezz tal-konnettività tal-internet għaċ-ċittadini, l-intrapriżi, l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet, speċjalment f'żoni rurali. Il-komponent għandu wkoll l-għan li joħloq kundizzjonijiet li jappoġġaw l-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq l-infrastruttura diġitali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2019), u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, skont liema ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura u t-teknoloġiji diġitali ta' kapaċità għolja (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Għall-investimenti infrastrutturali kollha, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).[1]

### C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

#### Riforma 1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika

Din ir-riforma għandha l-għan li ttejjeb il-kapaċità li tinġabar informazzjoni dwar l-infrastruttura attiva u passiva tal-komunikazzjoni elettronika. Ir-riforma hija allinjata mal-objettivi tal-leġiżlazzjoni settorjali tal-Unjoni li għandu l-għan li jnaqqas l-ispiża tal-implimentazzjoni tan-network, inkluża d-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni b'veloċità għolja kif ukoll għall-għanijiet tad-Direttiva 2018/1972 (il-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi).

---

[1] B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tal-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat bid-dokument numru C (2000) 1147)) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u tip ta' rkupru ieħor tal-materjali, inklużi operazzjonijiet ta' mili mill-ġdid bl-użu tal-iskart bħala sostitut għal materjali oħra f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u mal-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u t-Twaqqigħ.


www.parlament.gv.at

Ir-riforma għandha tinkludi, *inter alia*:

- L-implimentazzjoni tal-miżuri, inkluż id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi meħtieġa u t-tlestija tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, bil-għan li jiġu stabbiliti bażijiet tad-*data* tal-proġetti ppjanati.

- L-ikkompletar ta' oġġetti ta' mapep tekniċi diġitali (digital technical map, DTM), li jippermettu aċċess għal informazzjoni preċiża dwar il-post u l-infrastruttura teknika proprjetà ta' entitajiet pubbliċi u privati. Il-miżura għandha l-għan li tiddiġitalizza mill-inqas 161 000 ettaru ta' sitwazzjoni spazjali bażika u 55 000 km ta' networks ta' trasport u ta' infrastruttura teknika.

- It-tlestija tal-kejl tal-kwalità tan-network għal kull wieħed mis-76 distrett taċ-Ċekja u tal-belt kapitali, bil-għan li tiġi pprovduta informazzjoni aħjar dwar il-kwalità tan-network tal-5G u dak fiss jitnaqqsu l-ħinijiet tal-verifika tal-kopertura tan-network. Il-kejl għandu jkun skont il-parametri tal-kwalità tas-servizz, id-definizzjonijiet u l-metodi tal-kejl spjegati fid-dettall fl-Anness X tad-Direttiva (UE) 2018/1972 u għandu jsegwi l-Linji Gwida tal-BEREC li jagħtu dettalji dwar il-Parametri tal-Kwalità tas-Servizz.

Id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar l-infrastruttura fiżika eżistenti u xogħlijiet ta' inġinerija ċivili ffinanzjati pubblikament għandha tagħmel il-kondiviżjoni tal-infrastruttura fiżika aktar effiċjenti għall-introduzzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja.

Il-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Riforma 2: Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-5G**

Din il-miżura għandha l-għan li tfassal qafas strateġiku għall-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-infrastruttura għan-networks 5G, speċjalment f'żoni inqas kummerċjalment attraenti, li jippermetti tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet tar-radju, kif ukoll l-ispejjeż tal-kostruzzjoni u l-operat tan-network.

Il-miżura għandha tappoġġa t-tlestija ta' 25 studju, immirati lejn:

- Ir-rieżmi tal-pjan nazzjonali tal-ispettru tar-radju u l-evalwazzjoni tal-proċessi eżistenti tal-allokazzjoni tad-drittijiet tal-ispettru u l-pjanijiet tal-istrateġija tal-għoti, bil-għan li jiġu sfruttati l-baned tal-frekwenzi armonizzati għall-użu kummerċjali kmieni kemm jista' jkun, skont il-kriterji stabbiliti fis-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività[2].

- L-analiżi tal-fattibbiltà li l-operaturi jitħallew iħallsu t-tariffi tal-għoti tal-ispettru tar-radju f'pagamenti parzjali sabiex jiġu ffaċilitati l-investimenti fl-infrastruttura tal-5G.

- L-identifikazzjoni u l-formulazzjoni tal-isfidi li jirriżultaw miċ-ċibersigurtà, il-bini ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika fil-muniċipalitajiet u l-bliet, u l-iżvilupp tal-bliet.

---

2 Adottata skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2020/1307 dwar sett ta' għodod komuni tal-Unjoni biex titnaqqas l-ispiża biex jiġu skjerati networks ta' kapaċità għolja ħafna u jiġi żgurat aċċess f'waqtu u li jiffavorixxi l-investiment għall-ispettru tar-radju 5G, biex titrawwem il-konnettività b'appoġġ għall-irkupru ekonomiku mill-kriżi tal-COVID-19 fl-Unjoni.



www.parlament.gv.at

Abbażi ta' dawn l-istudji, il-proposti għandhom jiġu żviluppati mill-Alleanza 5G dwar il-possibbiltajiet biex tiġi żviluppata aktar l-ekosistema tal-5G. Dawn il-proposti għandhom jiffurmaw il-bażi għal linji gwida dwar il-kondiviżjoni ta' infrastruttura ta' komunikazzjoni elettronika passiva u attiva biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' networks 5G, f'konformità mas-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività u b'kont meħud tad-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ir-rapport FINAL RSPG21-016 dwar il-kondiviżjoni tal-ispettru u l-Att Nru 143/2001 dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni. Il-miżura tipprevedi wkoll it-tlestija ta' proġett pilota 5G/26 GHz, immirat lejn l-iżvilupp ta' linji gwida u algoritmi dwar proċeduri ta' koordinazzjoni tal-ispettru tar-radju tal-5G u l-kondiviżjoni tal-ispettru ma' servizzi oħra fil-faxxa ta' 26 GHz.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

**Investiment 1: Il-bini ta' konnettività b'kapaċità għolja**

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-bini ta' networks ta' konnettività b'kapaċità għolja ħafna (VHCN) b'enfasi partikolari fuq żoni rurali, fejn is-soluzzjonijiet ibbażati fuq is-suq mhumiex profittabbli u jeżisti ftit inċentiv kummerċjali biex jiġu introdotti networks bħal dawn. Dawn l-oqsma ta' intervent għandhom jiġu determinati skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat fis-seħħ u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika.

Għal din il-miżura għandha titnieda mill-inqas sejħa għall-offerti waħda għall-bini ta' konnettività b'kapaċità kbira ħafna, li l-eżitu tagħha għandu jiġi ppubblikat sal-31 ta' Diċembru 2024. Permezz tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula, l-għadd ta' punti tal-indirizzi konnessi man-network VHCN kif definit fil-Linji Gwida BEREC dwar in-Networks b'Kapaċità Għolja Ħafna (konnettività ta' mill-inqas 1Gb/s) għandu jiżdied b'mill-inqas 23 000 unità.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G**

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-kopertura 5G tal-kurituri tat-trasport permezz ta' investimenti fit-tagħmir, kif ukoll fir-riċerka u l-iżvilupp.

Sabiex jintlaħaq dan l-għan, għandhom jitlestew il-miżuri li ġejjin:

- Iż-żieda fil-kopertura tal-kurituri ferrovjarji b'sinjal imtejjeb tal-5G. Abbażi tal-immappjar tal-kopertura 4G imwettaq mill-Uffiċċju Ċek tat-Telekomunikazzjoni, iż-żoni ta' intervent għandhom jiġu proposti sat-30 ta' Settembru 2021, filwaqt li jiġi żgurat li dawn ma jkunux koperti mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni fis-suq fi żmien tliet snin. Il-kurituri ferrovjarji li ġejjin għandhom ikunu koperti: Praga – Česká Třebová – Ostrava, Praga – Ústí nad Labem, Praga – Plzeň, Praga – České Budějovice, u Česká Třebová – Brno.

- It-tagħmir ta' mill-inqas 350 vagun ferrovjarju b'ripetituri jew ħitan passivi għas-sinjali 5G. Il-kuntratturi għandhom jintgħażlu wara sejħa għall-offerti bbażata fuq studju dwar l-ambitu u l-fattibbiltà tal-proġett.

- Il-bini u l-ittestjar ta' Sistema tat-Trasport Intelliġenti u Kooperattiva għall-kurituri ferrovjarji (C-ITS) fin-networks 5G. Ir-rapporti ta' kull tliet xhur dwar it-testijiet u l-esperjenza miksuba għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' trasportaturi oħra li joperaw fil-kurituri ferrovjarji msemmija hawn fuq.

Dan l-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'intensità għolja ta' investiment rurali**

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-kopertura tan-network 5G f' "żoni bojod", jiġifieri żoni li qatt ma ġew koperti minn xi sinjal mobbli ogħla minn 3G u li wieħed jista' jassumi li fil-futur mhumiex koperti min-networks bażi 5G minħabba l-profittabbiltà baxxa mistennija tal-investiment. Din id-definizzjoni ssegwi r-regoli tal-għajnuna mill-Istat fis-seħħ u l-Pjan Nazzjonali għall-iżvilupp tal-VHCN. Dawn iż-żoni għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' valutazzjoni tal-unitajiet tas-saldu bażiċi bojod li għandha titwettaq mill-Uffiċċju tat-Telekomunikazzjoni Ċek u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika.



www.parlament.gv.at

Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, għandhom jitnedew sejħiet għal offerti għall-kostruzzjoni u l-operazzjonalizzazzjoni ta' stazzjonijiet bażi transceiver (BTS) għas-sinjali 5G. Iż-żoni ta' intervent għandhom jiġu proposti mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ sat-30 ta' Settembru 2021, filwaqt li jiġi żgurat li ż-żoni proposti ta' intervent ma jkunux koperti mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni bbażati fuq is-suq fit-tliet snin ta' wara. L-eżitu tas-sejħiet għall-offerti għandu jiġi ppubblikat sal-31 ta' Diċembru 2024.

Permezz tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula, l-għadd ta' BTS għandu jiżdied b'120.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 4: Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G**

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa entitajiet pubbliċi u privati fir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati man-networks u s-servizzi tal-5G.

Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, għandha titnieda sejħa għall-offerti għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp teknoloġiku tan-networks 5G u l-applikazzjonijiet għall-ekosistema 5G. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq l-użu tal-applikazzjonijiet 5G fl-industrija u s-servizzi, b'mod partikolari l-isfruttament ta' teknoloġiji ġodda fil-proċessi tal-produzzjoni tas-setturi awtomobilistiċi u setturi ewlenin oħra, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari permezz tal-akkwist ta' materja prima sekondarja. L-appoġġ għandu jkun immirat ukoll lejn proġetti li jrawmu l-iżvilupp u t-tixrid tal-awtomatizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali u r-realtà virtwali jew awmentata. Il-benefiċjarji potenzjali jinkludu negozji jew organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka. Għandhom jintgħażlu mill-inqas 20 proġett sal-31 ta' Diċembru 2024. Matul il-fażi ta' implimentazzjoni sussegwenti, mill-inqas 20 mill-proġetti magħżula għandhom jitlestew.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 32 | Riforma 1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' miżuri mħejjija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ bil-għan li tiġi stabbilita bażi tad-*data* ta' pjanijiet ta' proġetti ta' investiment u jiżdied l-għadd ta' strumenti ta' kejl tal-kwalità tan-network | Dispożizzjoni fl-atti li tindika d-dħul fis-seħħ | | | | K2 | 2023 | Għandhom jidħlu fis-seħħ l-adattamenti leġiżlattivi meħtieġa u għandhom jitlestew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, it-tnejn li huma mmirati lejn l-istabbiliment ta' bażijiet tad-*data* tal-intenzjonijiet tal-proġetti ta' investiment skont it-tifsira tal-Att Nru 194/2017 Coll., il-paragrafu 11, 2 u li jżidu l-għadd ta' kejl tal-kwalità tan-networks tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Ir-regolatur nazzjonali għandu jwettaq proċeduri ta' sejħiet għall-offerti u jikseb it-tagħmir meħtieġ. Il-kwalità u l-użu tal-informazzjoni pprovduta għandhom ikunu konformi ma' parametri tekniċi vinkolanti. |
| 33 | Riforma 1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika | Mira | Tlestija ta' mapep tekniċi diġitali (digital technical map, DTM) għal oġġetti bażiċi ta' sitwazzjoni spazjali | | Ettari | 0 | 161 0 00 | K4 | 2025 | L-oġġetti fil-mapep tekniċi diġitali (DTM) għandhom jimtlew, biex jippermettu aċċess għal informazzjoni ta' lokalizzazzjoni preċiża dwar l-oġġetti fis-sitwazzjoni spazjali bażika proprjetà ta' korpi pubbliċi u privati. 161 000 ettari ta' oġġetti bażiċi tas-sitwazzjoni ġeografika għandhom jiġu diġitalizzati. L-oġġetti tad-DTM li jirriżultaw għandhom ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. |
| 34 | Riforma 1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika | Mira | Tlestija ta' mapep tekniċi diġitali (DTM) għan-networks tat-trasport u l-infrastruttura teknika | | Km | 0 | 55 00 0 | K4 | 2025 | L-oġġetti fil-mapep tekniċi diġitali (DTM) għandhom jimtlew, biex jippermettu aċċess għal informazzjoni preċiża dwar il-lokalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tan-networks tal-infrastruttura fiżika proprjetà ta' korpi pubbliċi u privati. 55 000 km ta' networks ta' trasport u ta' infrastruttura teknika għandhom jiġu diġitalizzati. L-oġġetti tad-DTM li jirriżultaw għandhom |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | ikunu aċċessibbli għall-pubbliku. |
| 35 | Riforma 1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika | Mira | Tlestija tal-kejl tal-kwalità tal-komunikazzjoni elettronika | | Għadd | 0 | 77 | K4 | 2025 | Il-kejl tal-kwalità tan-network għandu jitlesta għall-76 distretti kollha taċ-Ċekja u tal-belt kapitali. |
| 36 | Riforma 2: Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-5G | Mira | Pubblikazzjoni ta' studji mmirati lejn it-titjib tal-użu tan-networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | | Għadd | 0 | 25 | K4 | 2024 | L-istudji għandu jkollhom l-objettivi li ġejjin:<br>• Ir-rieżami tal-pjan nazzjonali tal-ispettru tar-radju u l-evalwazzjoni tal-proċessi eżistenti tad-drittijiet tal-ispettru li jagħtu u jagħtu l-pjanijiet strateġiċi, bil-għan li jiġu sfruttati l-baned armonizzati għall-użu kummerċjali kmieni kemm jista' jkun.<br>• L-analiżi tal-fattibbiltà li l-operaturi jitħallew iħallsu t-tariffi tal-għoti tal-ispettru tar-radju f'pagamenti parzjali biex jiġu ffaċilitati l-investimenti fl-infrastruttura tal-5G.<br>• L-identifikazzjoni tal-isfidi li jirriżultaw miċ-ċibersigurtà.<br>• Il-bini ta' networks ta' komunikazzjoni elettronika fil-muniċipalitajiet u l-bliet, u l-iżvilupp tal-bliet.<br><br>B'mod partikolari, l-istudji għandhom jiffukaw fuq il-kwistjonijiet li ġejjin:<br>• l-applikabbiltà tal-karatteristiċi u l-istandards tal-5G f'setturi individwali u proposti għall-implimentazzjoni teknika u l-miżuri regolatorji tagħhom. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | • il-kunċett u l-użu taż-żewġ teknoloġiji diġitali tal-infrastruttura tan-network 5G.<br>• l-użu ta' komunikazzjonijiet bis-satellita għall-koeżistenza 5G u l-kooperazzjoni tan-networks 5G terrestri u satellitari.<br>• l-applikabbiltà tal-FeMBMS (Servizz Multimedjali Multimedjali Multicast evolut) fin-networks 5G għax-xandir televiżiv u s-servizzi tal-midja awdjoviżiva, inkluża strateġija għall-użu futur tal-faxxa ta' frekwenzi ta' 600 MHz għax-xandir televiżiv.<br>• l-użu ta' FRMCS (Sistemi Futuri ta' Komunikazzjoni Mobbli Ferrovjarja) għal ferroviji b'kanali dedikati fil-meded ta' frekwenzi ta' 900 MHz u 1 900 MHz.<br>• l-użu tat-teknoloġija kwantistika biex tiżdied is-sigurtà tan-networks u s-servizzi tal-5G.<br>• possibbiltà ta' kondiviżjoni tal-ispettru li tista' tintuża għan-networks 5G.<br>• l-użu tal-faxxa ta' frekwenzi ta' 26 GHz għan-network 5G.<br>• l-użu ta' sistemi moderni ta' informazzjoni, inkluż il-kondiviżjoni ta' software permezz ta' sorsi miftuħa jew forom oħra ta' kondiviżjoni, bħal servers cloud, f'networks 5G.<br>• l-użu ta' sistema ta' tqattigħ ta' network 5G għan-networks pubbliċi u privati tal-5G.<br>• il-kollegament tal-komunikazzjonijiet tal-Internet tal-Oġġetti (IoT) man-networks 5G.<br>• użu ta' networks 5G għal Aċċess Fiss Mingħajr Fili<br>• l-impatt tar-RAN Miftuħ (Network ta' Aċċess bir-Radju) u aċċess Ewlieni Miftuħ fuq is-sigurtà tan-networks 5G.<br>• pjattaformi ta' komunikazzjoni tat-titjir (droni, UAVs, blalen tal-arja) u l-impatt tagħhom fuq ir- |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | regolamentazzjoni tal-komunikazzjonijiet elettroniċi.<br>• ambjenti tar-radju intelliġenti bl-applikazzjoni ta' kejl online ta' radjazzjoni elettromanjetika u uċuħ intelliġenti li jirriflettu.<br>• l-iżvilupp ta' networks 6G fil-meded 'il fuq minn 100 GHz. |
| 37 | Riforma 2: Appoġġ għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-5G | Stadju importanti | Pubblikazzjoni ta' linji gwida dwar l-implimentazzjoni tan-networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | Pubblikazzjoni tal-linji gwida mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | | | | K4 | 2025 | Għandhom jiġu ppubblikati linji gwida dwar il-kondiviżjoni ta' infrastruttura passiva u attiva biex tiġi ffaċilitata l-introduzzjoni ta' networks 5G, li jikkorrispondu għas-Sett ta' Għodod Komuni tal-Unjoni għall-Konnettività u b'kont meħud tad-Direttiva 2014/61/UE dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' networks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja, ir-rapport FINAL RSPG21–016 dwar il-kondiviżjoni tal-ispettru u l-Att Nru 143/2001 dwar il-protezzjoni tal-kompetizzjoni. Il-linji gwida għandhom ikunu bbażati fuq l-istudji ppubblikati fl-istess miżura. B'mod partikolari, il-miżura tipprevedi l-iżvilupp ta' linji gwida u algoritmi dwar il-proċeduri ta' koordinazzjoni tal-ispettru tar-radju tal-5G, u l-kondiviżjoni tal-ispettru ma' servizzi oħra fil-faxxa ta' 26 GHz. |
| 38 | Investiment 1: Il-bini ta' konnessjonijiet b'kapaċità għolja | Stadju importanti | L-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-punti tal-indirizzi tal-konnessjoni man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-punti tal-indirizzi ta' konnessjoni man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. | | | | K4 | 2024 | Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-punti tal-indirizzi ta' konnessjoni man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jinkludu definizzjoni tan-nefqa eliġibbli, mudelli ta' evalwazzjoni u kriterji għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-proġetti, regoli għall-applikanti u l-benefiċjarji, u linji gwida dwar offerti bl-ingrossa. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 39 | Investiment 1: Il-bini ta' konnessjonijiet b'kapaċità għolja | Mira | Tlestija tal-punti tal-indirizzi konnessi man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) | | Għadd | 0 | 23 00 0 | K1 | 2026 | L-infrastruttura biex jiżdied l-għadd ta' punti tal-indirizzi konnessi man-network ta' kapaċità għolja ħafna (VHCN) għandha tinbena, u b'hekk jiżdied l-għadd ta' punti tal-indirizzi konnessi b' 23 000. In-network ta' kapaċità għolja ħafna għandu jkun konformi mal-Linji Gwida tal-BEREC dwar in-Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna. |
| 40 | Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G | Mira | Tlestija tal-kopertura mtejba tas-sinjali 5G tal-kurituri ferrovjarji magħżula | | Km | 0 | 210 | K4 | 2025 | Il-miżura għandha ttejjeb il-kwalità tal-kopertura tal-5G (lil hinn mill-kriterji ta' kopertura diġà imposti mgħollija mill-irkanti tal-ispettru) fuq distanza ta' mill-inqas 210 km fil-kurituri ferrovjarji li ġejjin: Praga – Česká Třebová – Ostrava, Praga – Ústí nad Labem, Praga – Plzeň, Praga – České Budějovice, u Česká Třebová – Brno. |
| 41 | Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G | Mira | Tlestija tat-tagħmir tal-vaguni ferrovjarji b'ripetituri għall-kopertura tas-sinjali mobbli | | Għadd | 0 | 350 | K4 | 2025 | Il-vaguni kurrenti għandhom ikunu mgħammra b'ripetituri jew ħitan passivi operattivi tal-5G għall-forniment tal-kwalità tas-servizzi tad-*data* mobbli. |
| 42 | Investiment 2: Il-kopertura tal-kurituri 5G u l-promozzjoni tal-iżvilupp tal-5G | Stadju importanti | L-installazzjoni u l-ittestjar tal-iskjerament ta' sistema ta' trasport intelliġenti (C-ITS). | Tlestija tal-installazzjoni u l-ittestjar ta' sistema tas-C-ITS | | | | K4 | 2025 | L-appoġġ tal-applikazzjonijiet tal-ekosistema 5G fil-kurituri għandu jinvolvi l-ittestjar u l-bini ta' sistema ta' trasport intelliġenti għall-kurituri ferrovjarji (C-ITS). Rapport dwar ir-riżultati ta' dan il-proġett għandu jiġi ppubblikat mill-Ministeru ta' l-Industrija u l-Kummerċ flimkien mal-Ministeru tat-Trasport. |
| 43 | Investiment 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod | Stadju importanti | L-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-konnessjoni tal-muniċipalitajiet b'konnessjoni ta' | Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-konnessjoni | | | | K4 | 2024 | Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għall-konnessjoni tal-muniċipalitajiet b'konnessjoni ta' kapaċità għolja mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jinkludu definizzjoni tan-nefqa eliġibbli, mudelli ta' evalwazzjoni u kriterji għall-għażla u l-evalwazzjoni tal-proġetti, regoli għall-applikanti u l- |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | b'intensità għolja ta' investiment rurali | | kapaċità għolja | tal-muniċipalitaji et b'konnessjoni ta' kapaċità għolja mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. | | | | | | benefiċjarji, u linji gwida dwar offerti bl-ingrossa. Fost l-oħrajn, il-kriterji tal-għażla għandhom ikunu konformi mal-Linji Gwida tal-BEREC dwar Networks ta' Kapaċità Għolja Ħafna.<br><br>Il-muniċipalitajiet għandhom ikunu esklussivament f'żoni li qatt ma kienu koperti minn xi sinjal mobbli ogħla minn 3G u li wieħed jista' jassumi li mhumiex koperti min-networks bażi 5G fil-futur minħabba l-profittabbiltà baxxa mistennija tal-investiment. Dawn l-oqsma għandhom jiġu definiti skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat fis-seħħ u l-Pjan Nazzjonali għall-iżvilupp tal-VHCN. |
| 44 | Investiment 3: Appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura mobbli 5G f'żoni bojod b'intensità għolja ta' investiment rurali | Mira | Tlestija tal-istazzjonijiet bażi għas-sinjali 5G | | Għadd | 0 | 120 | K1 | 2026 | L-infrastruttura, inklużi 120 stazzjon bażi, għandha tinbena u tkun operattiva biex tkopri permezz tal-5G il-muniċipalitajiet f'żoni rurali b'intensità għolja ta' investiment identifikati fl-investiment 3. |
| 45 | Investiment 4: Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G | Stadju importanti | Għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G | Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G mill-Ministeru | | | | K4 | 2024 | Notifika tal-għoti tad-deċiżjonijiet ta' għotja kollha għal proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq l-użu tal-applikazzjonijiet 5G fl-industrija u s-servizzi, b'mod partikolari l-isfruttament ta' teknoloġiji ġodda fil-proċessi tal-produzzjoni tas-setturi awtomobilistiċi u setturi ewlenin oħra, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari permezz tal-akkwist ta' materja prima sekondarja. L-appoġġ għandu jkun immirat ukoll lejn proġetti li jrawmu l-iżvilupp u t-tixrid tal-awtomatizzazzjoni, ir-robotizzazzjoni, l-intelliġenza |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | tal-Industrija u l-Kummerċ. | | | | | | artifiċjali u r-realtà virtwali jew awmentata. Il-benefiċjarji potenzjali jinkludu negozji jew organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka. |
| 46 | Investiment 4: Attivitajiet ta' riċerka xjentifika relatati mal-iżvilupp ta' networks u servizzi 5G | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' riċerka xjentifika relatati man-networks 5G | | Għadd ta' proġetti appoġġati | 0 | 20 | K4 | 2025 | Mill-inqas 20 fost il-proġetti ta' riċerka xjentifika magħżula preċedentement dwar żviluppi ulterjuri potenzjali tan-networks u s-servizzi 5G għandhom jitlestew. L-istudji li jirriżultaw għandhom jiġu ppubblikati mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. |

www.parlament.gv.at

## D. KOMPONENT 1.4: EKONOMIJA U SOĊJETÀ DIĠITALI, NEGOZJI ĠODDA INNOVATTIVI U TEKNOLOĠIJA ĠDIDA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-iffaċilitar tad-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda mill-kumpaniji, inklużi l-SMEs. Għandha wkoll l-għan li twaqqaf korp li jikkoordina l-proġetti li jiffoka fuq it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija, jappoġġa l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' teknoloġiji strateġiċi magħżula, inkluża l-intelliġenza artifiċjali, u jtejjeb l-ekosistema tal-innovazzjoni b'mod partikolari għan-negozji ġodda, inkluż permezz ta' rabtiet bejn l-akkademja u l-intrapriżi. L-investimenti ppjanati huma mistennija li jrawmu l-aċċess għall-finanzjament għal negozji ġodda u SMEs innovattivi, fost l-oħrajn permezz ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament fil-fażi inizjali u fi stadju bikri, kif ukoll l-aċċess għat-taħriġ u għall-faċilitajiet tal-ittestjar sabiex jikkontribwixxu għall-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali ġodda. Il-komponent għandu sinerġiji mal-komponenti 1.3 [Networks diġitali ta' kapaċità għolja] u 1.5 [Trasformazzjoni diġitali tal-intrapriżi] tal-pjan Ċek, li jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-aċċess għal networks b'kapaċità għolja u d-diġitalizzazzjoni tan-negozju.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 , għall-2019 li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq l-infrastruttura diġitali u tneħħi l-ostakli li jfixklu l-iżvilupp ta' ekosistema tal-innovazzjoni li tiffunzjona bis-sħiħ, u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tagħmel użu akbar mill-istrumenti finanzjarji biex tiżgura appoġġ ta' likwidità, biex tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġija diġitali b'kapaċità għolja, u biex tiżgura aċċess għall-finanzjament għal ditti innovattivi u ttejjeb il-kooperazzjoni pubblika-privata fir-R&Ż.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, ir-riżultati tal-proċess R&I għandhom ikunu teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri għandhom jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli, inklużi t-teknoloġiji b'impatt baxx), u l-miżura għandha teskludi *ex ante* r-R&I iddedikat għall-elementi "R&I kannella" (jiġifieri l-faħam, il-linjite, iż-żejt/żejt mhux maħdum, il-gass naturali mhux kopert mill-Anness III tal-Gwida Teknika tad-DNSH, l-idroġenu blu u griż, l-inċineraturi u l-miżbliet).

### D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

### Riforma 1: Riforma istituzzjonali tas-sistema ta' ġestjoni għat-trasformazzjoni diġitali inkluża l-istrateġija RIS 3

Ir-riforma istituzzjonali għandha l-għan li tissimplifika l-istruttura tal-organizzazzjoni li tissorvelja t-trasformazzjoni diġitali. Il-Kumitat tat-Trasformazzjoni Diġitali (Digital Transformation Committee, DTC) li għadu kif ġie stabbilit għandu jikkoopera mill-qrib li tirregola l-entitajiet li jidentifikaw u jxerrdu t-teknoloġiji ewlenin u l-oqsma rilevanti tar-riċerka u l-innovazzjoni. Għandu jiżgura l-konnettività u l-koordinazzjoni fost l-atturi fl-ekosistema diġitali kollha u għandu jinkludi r-rappreżentanza tal-partijiet interessati privati u pubbliċi. Biex jappoġġa din il-ħidma, għandu jikkummissjona studji analitiċi u jakkwista servizzi ta' appoġġ espert u għandu wkoll iqajjem kuxjenza fost in-negozji u ċ-ċittadini dwar l-opportunitajiet biex jiġu applikati teknoloġiji diġitali ġodda.

It-titjib ulterjuri tal-ekosistema diġitali u tal-innovazzjoni (inklużi n-negozji ġodda, l-intrapriżi spin-off u t-teknoloġiji strateġiċi) għandu jinkludi l-istabbiliment ta' korp ta' koordinazzjoni, li jwieġeb lill-Kumitat tat-Trasformazzjoni Diġitali, responsabbli għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ


www.parlament.gv.at

għall-intrapriżi taħt dan il-komponent skont l-Istandard tal-UE għan-Negozji l-Ġodda li jaqa' taħt il-kompetenzi nazzjonali u huwa mistenni li jipprovdi analiżijiet tal-impatt u jipprovdi rakkomandazzjonijiet u pariri dwar l-implimentazzjoni l-implimentazzjoni tar-riforma u l-investimenti relatati. Ir-riforma għandha twassal biex tiġi stabbilita kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat u għall-appoġġ tat-tliet fondi pilota ta' koinvestiment, skemi ta' appoġġ intraprenditorjali u tan-negozju, attivitajiet biex tissaħħaħ l-internazzjonalizzazzjoni ta' negozji ġodda u ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja li jittestjaw soluzzjonijiet innovattivi fil-prattika, kif propost f'dan il-komponent.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Riforma 2: Grupp Konġunt ta' Appoġġ u Ċertifikazzjoni tat-Teknoloġiji Strateġiċi mal-Bord tat-Teknoloġiji Strateġiċi**

Ir-riforma għandha l-għan li toħloq awtoritajiet akkreditati tal-ġestjoni tal-kwalità u taċ-ċertifikazzjoni tal-prodotti u li tipprovdi network ta' laboratorji akkreditati b'biżżejjed kapaċitajiet ta' ttestjar u ċertifikazzjoni, li għandhom itejbu l-kwalità tal-prodotti u jiffaċilitaw il-ġestjoni tal-proċessi tal-produzzjoni u l-kompetittività tal-kumpaniji Ċeki. Dan għandu jżid il-kapaċità meħtieġa u jnaqqas l-ispejjeż tal-istituzzjonijiet awtorizzanti, u b'hekk jagħmel iċ-ċertifikazzjoni aktar aċċessibbli, b'mod partikolari f'setturi strateġiċi bħall-industrija ajruspazjali u tal-apparati mediċi. Ir-riforma għandha tappoġġa l-attivitajiet bħall-modifika retroattiva tal-laboratorji, l-iffaċilitar tal-proċessi ta' akkreditazzjoni u x-xiri ta' tagħmir b'enfasi fuq: Materjali u teknoloġiji avvanzati (kompożiti, manifattura addittiva, applikazzjonijiet bil-lejżer); Teknoloġiji ekoloġiċi (propulsjoni ibrida/elettrika, dekarbonizzazzjoni, tnaqqis tal-istorbju, bijofjuwil, sostenibbiltà tat-trasport bl-ajru); L-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni; Vettura tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ (UAV)/Sistemi ta' Inġenji tal-Ajru Mingħajr Ekwipaġġ (UAS); Mobbiltà fl-Arja Urbana (UAM); applikazzjonijiet tas-software; Industrija 4.0 fl-Aerospazju (AI, IoT, Big *Dat*a). Il-komponent għandu jinkludi wkoll servizzi ta' konsulenza u konsulenza lil ditti bi ħtejjija għall-kisba ta' ċertifikazzjoni u fit-tixrid ta' prattiki ta' manifattura.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 1: Tnedija taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini**

L-għan tal-investiment huwa li jinħoloq Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali, li huwa mistenni jikseb is-Siġill ta' Eċċellenza fl-ambitu tal-Orizzont Ewropa. Iċ-Ċentru għandu l-għan li jiżgura kapaċità ta' riċerka suffiċjenti li tippermetti l-introduzzjoni u l-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-IA.

Huwa għandu jiffoka l-operat tiegħu fuq applikazzjonijiet tal-IA li jtejbu s-sikurezza u jikkontribwixxi għar-riċerka xjentifika fil-qasam, b'enfasi partikolari fuq is-segmenti fejn il-vantaġġ komparattiv jista' jinkiseb permezz ta' speċjalizzazzjoni nazzjonali u reġjonali. L-attività taċ-ċentru għandha tkun konformi mal-Pjan Ikkoordinat dwar l-Intelliġenza Artifiċjali[3] u l-investiment għandu l-għan li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA tal-Kummissjoni Ewropea.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2022.

**Investiment 2: Ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali (EDMO)**

Dan l-investiment għandu jistabbilixxi l-Osservatorju Ċentrali Ewropew tal-Midja Diġitali (CEDMO), istituzzjoni reġjonali mmexxija mill-Univerzita Karlova fi sħubija mal-Università Teknika Ċeka ta'

[3] COM (2021) 205 final



www.parlament.gv.at

Praga (ČVUT) u s-sit web tal-verifika tal-fatti demagog.cz. Is-CEDMO għandu jkun marbut mal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali u jsegwi l-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà. Għandu jipprovdi għodod u metodoloġija tal-IA biex jiġġieldu l-aħbarijiet foloz fl-ispazju diġitali b'mod imparzjali f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-IA, u għandu jipprovdi metodoloġija biex jidentifika, janalizza u jippubblika l-kampanji ta' diżinformazzjoni fil-livell nazzjonali, transnazzjonali u Ewropew u janalizza l-impatt tal-kampanji ta' diżinformazzjoni fuq is-soċjetà u d-demokrazija; jappoġġa l-litteriżmu medjatiku u jissorvelja r-regoli tal-pjattaformi online u l-ekosistema tal-midja diġitali f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali. L-investiment għandu jinkludi riċerka fit-tul li tipprovdi outputs ta' kull xahar abbażi ta' panel statistikament rilevanti ta' minimu ta' 2000 persuna tal-popolazzjoni fiċ-Ċekja li twassal għal rapporti dwar il-litteriżmu diġitali u medjatiku, ir-reżiljenza tal-popolazzjoni għad-diżinformazzjoni u informazzjoni ħażina fiċ-Ċekja.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: Trasferiment ta' prattiki tajbin barranin u għarfien espert għat-trasformazzjoni diġitali, il-monitoraġġ u r-riċerka dwar l-effetti soċjoekonomiċi tal-kriżi (l-Istitut Samuel Neaman)**

Dan l-investiment għandu jwassal għall-ħolqien u l-bini tal-kapaċità tal-Grupp ta' Riflessjoni Strateġika tal-Istitut Samuel Neaman fir-Repubblika Ċeka, li għandu jiġi stabbilit bħala organizzazzjoni indipendenti u għandu jkun marbut direttament mal-Kumitat tat-Trasformazzjoni Diġitali (stabbilit taħt ir-Riforma 1). L-objettiv tiegħu huwa li jlaqqa' flimkien il-federazzjonijiet kummerċjali, ir-rappreżentanti tal-impjegaturi, l-akkademja u partijiet ikkonċernati oħra, u l-amministrazzjoni pubblika, biex jippatroċinaw u jikkoordinaw it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ċeka, filwaqt li jimmonitorjaw u jevalwaw l-impatt soċjoekonomiku tagħha. L-Istitut huwa mistenni jistabbilixxi *memoranda* għall-kooperazzjoni internazzjonali għat-trasferiment tal-aħjar prattiki fit-trasformazzjoni diġitali ma' ħames istituzzjonijiet ewlenin.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 4: Pjattaforma ta' Taħriġ għall-Ġestjoni tal-SMEs għat-Trasformazzjoni Diġitali wara l-COVID-19**

Din il-miżura għandha l-għan li toħloq Pjattaforma ta' Trasformazzjoni Diġitali, li tista' sservi bħala punt uniku ta' servizz għall-kumpaniji li jfittxu informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' teknoloġiji diġitali ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali, il-blockchain, il-cloud computing, ir-robotizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni, iċ-ċibersigurtà u l-computing ta' prestazzjoni għolja u għandha wkoll tappoġġa lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet dwar il-politiki rigward id-*data* u d-deċiżjonijiet ibbażati fuq l-evidenza fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija. Fit-tieni fażi, għandha tinħoloq pjattaforma ta' taħriġ biex tipprovdi soluzzjonijiet ibbażati fuq it-tagħlim elettroniku għal teknoloġiji diġitali ġodda f'konformità mal-prinċipji tat-tagħlim tul il-ħajja. L-implimentazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn ġbir u analiżi tad-*data* sabiex jiġu identifikati l-ostakli u l-ostakli li jfixklu lill-kumpaniji milli jimplimentaw soluzzjonijiet diġitali ġodda. L-implimentazzjoni għandha tiġi kkoordinata mill-Kumitat tat-Trasformazzjoni Diġitali u għandha tkun komplementari għall-investimenti l-oħra fit-tranżizzjoni diġitali kkoordinati mill-Kumitat.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 5: Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI)**

L-investiment ippjanat fl-Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) jaqa' taħt il-kappa tas-Sħubija Ewropea tal-Blockchain u huwa mistenni li jiġi kofinanzjat mill-Programm Ewropa Diġitali.



www.parlament.gv.at

Il-miżura għandha tappoġġa l-implimentazzjoni ta' każ ta' użu tal-EBSI/EBP iffukat fuq il-ħolqien ta' pjattaforma ta' bonds DLT pan-Ewropea (Teknoloġija ta' Reġistru Distribwit) għall-finanzjament tad-dejn tal-SMEs. Il-proġett għandu jikkontribwixxi biex l-SMEs ikollhom aċċess aktar faċli għall-finanzjament, biex jitnaqqsu l-ispejjeż u tiżdied it-trasparenza.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru, 2023.

**Investiment 6: Proġetti ta' applikazzjoni dimostrattiva 5G għall-bliet u ż-żoni industrijali**

Din il-miżura għandha tiffinanzja l-iżvilupp ta' mill-inqas 52 proġett li juru l-applikazzjoni tal-infrastruttura diġitali u l-5G. Il-proġetti għandhom jaqgħu taħt żewġ inizjattivi differenti, jiġifieri:

- Bliet Intelliġenti, li għandhom l-għan li juru l-użu tal-5G fin-networks tal-bliet inkluż, fost l-oħrajn, sistemi ta' trasport intelliġenti, dawl fit-toroq, ġestjoni tal-iskart/ċirkolari, trasport pubbliku, ġestjoni tal-ispazju tal-parkeġġ, kunċetti ta' tnaqqis tal-kriminalità urbana; u

- Proġetti ta' dimostrazzjoni tal-industrija 4.0 li jippreżentaw l-applikazzjoni ta' linji ta' produzzjoni diġitalizzati jew sistemi robotizzati (mibnija fuq l-użu ta' rutina tal-intelliġenza artifiċjali) u l-komunikazzjoni diretta ta' utenti tat-tagħmir mobbli ma' xulxin (komunikazzjoni minn apparat għal apparat, D2D).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 7: Programmi Rise-Up Ċeki**

Il-programm Ċek "Rise-Up" għandu jindirizza l-impatt ekonomiku u soċjali tal-pandemija u għandu jinkludi żewġ sejħiet separati għal proġetti: l-ewwel sejħa għandha tkun miftuħa għal proposti ta' proġetti mmirati lejn proġetti ta' riċerka medika u żvilupp relatati mal-COVID-, li jkunu laħqu l-maturità ta' kważi tlestija, ċertifikazzjoni jew protezzjoni legali. It-tieni sejħa għandha tkun miftuħa għal proġetti ta' riċerka mmirati lejn soluzzjonijiet teknoloġiċi mediċi u mhux mediċi biex ilaħħqu mal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi tal-COVID, b'mod partikolari fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, is-settur awdjoviżiv, it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji u s-setturi tradizzjonali.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru, 2023.

**Investiment 8: It-trawwim tal-intraprenditorija u d-ditti innovattivi**

Din il-miżura għandha l-għan li trawwem l-intraprenditorija u tappoġġa t-tnedija b'suċċess ta' intrapriżi ġodda madwar iċ-Ċekja. Il-miżura għandha tinkludi servizzi ta' pariri, konsulenza u mentoring ipprovduti permezz ta' ċentri reġjonali tal-innovazzjoni u tan-negozju għal inizjattivi kummerċjali u negozji ġodda li għadhom kif ġew stabbiliti. Il-miżura għandha tinkludi wkoll kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-promozzjoni tal-intraprenditorija.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 9: Fondi ta' ko-investiment pilota għall-iżvilupp ta' investimenti ta' qabel l-inizjament, teknoloġiji strateġiċi u spin-offs universitarji fil-qafas taċ-Ċentri Ewropej ta' Eċċellenza**

Il-miżura għandha tappoġġa l-iżvilupp tal-kapital ta' riskju u t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija billi tinvesti fil-forma ta' għotjiet f'negozji ġodda innovattivi. Għandha tikkonsisti fi tliet fondi ta' ko-investiment pilota: i) fond ta' investiment ta' qabel l-inizjament; ii) fond strateġiku għat-teknoloġiji; u



www.parlament.gv.at

iii) fond spin-off dwar l-IA. It-tliet fondi għandhom jinvestu, rispettivament, fi proġetti fi stadju bikri u f'negozji teknoloġiċi ġodda; f'teknoloġiji strateġiċi bħall-IA, il-blockchain, il-FinTech, l-applikazzjonijiet tal-5G; u fi proġetti ta' organizzazzjonijiet ta' riċerka u universitajiet biex jittrasferixxu u jikkummerċjalizzaw ir-riżultati tar-riċerka tagħhom fil-prattika tan-negozju.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn iċ-Ċekja u l-entità maniġerjali fdata tal-fondi u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandu jirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni dwar il-prova tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u jeskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[4]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[5]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[6] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[7]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u jirrikjedi l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-proġetti minn [l-entità fdata jew l-intermedjarju finanzjarju] għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 10: L-internazzjonalizzazzjoni ta' negozji ġodda**

L-għan ta' din il-miżura huwa li tipprovdi lill-SMEs u lin-negozji ġodda Ċeki b'servizzi ta' taħriġ, pariri u konsulenza minn esperti fil-ħiliet maniġerjali u t-trasferiment tal-aħjar prattiki tan-negozju, bħal: negozjati; għarfien tas-swieq barranin; l-użu ta' għodod diġitali ġodda u l-adattament għal xejriet diġitali ġodda; il-validazzjoni tal-prodott għas-swieq barranin; l-aċċess għall-kapital ta' riskju; programmi ta' aċċelerazzjoni u mentoraġġ. Il-programm għandu jiġi implimentat miċ-ČekInvest skont l-Istrateġija ta' Innovazzjoni tar-Repubblika Ċeka 2030 u l-programm Pajjiż għall-Futur.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

---

[4] Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[5] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[6] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[7] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.


www.parlament.gv.at

**Investiment 11: Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja f'konformità mal-prijoritajiwet tal-UE**

Din il-miżura għandha tikkonsisti fit-tnedija u t-tħaddim inizjali ta' żewġ sandboxes regolatorji, b'mod partikolari waħda fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali u waħda fil-fintech. Is-sandboxes għandhom jiġu stabbiliti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti, ir-regolaturi u s-sħab tas-settur rispettiv u għandu jkollhom l-għan li jipprovdu ambjent tekniku u teknoloġiku adegwat għall-ittestjar ta' teknoloġiji ġodda. Dawn għandhom ikunu aċċessibbli għall-SMEs u n-negozji ġodda kif ukoll għal kumpaniji oħra u għandhom jinkludu sejħiet regolari għal programmi ta' ttestjar għal kumpaniji innovattivi.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

**Investiment 12: Il-bini tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika**

L-investiment għandu l-għan li jibni network ta' komunikazzjoni kwantistika ottika fiċ-Ċekja f'konformità mal-prijoritajiet tal-Programm Ewropa Diġitali. Dan għandu jinkludi l-ħolqien ta' network ċentrali u fergħat sekondarji konnessi, il-konnessjoni ta' infrastruttura kritika u ta' sigurtà, kif ukoll l-ittestjar u t-taħriġ ta' esperti. In-network għandu jkun kapaċi jittrażmetti u jipproċessa d-*data* b'ħeffa, li għandu jgħaqqad il-partijiet interessati l-aktar rilevanti identifikati fil-fażi tal-ippjanar u jkun kapaċi jikkonnettja ma' infrastruttura simili f'pajjiżi ġirien.

L-investiment għandu jiġi konkluż b'ittestjar komplut u fażi operattiva pilota sal-31 ta' Diċembru 2025 u għandu jinkludi mill-inqas konnessjonijiet bejn Praga, Brno u Ostrava, b'tul ottiku totali ta' 400 km, 6 segmenti tal-Quantum Key Distribution (QKD); L-implimentazzjoni ta' żewġ fergħat metropolitani sekondarji bbażati fuq tagħmir kummerċjali tal-QKD u tnejn addizzjonali bbażati fuq QKD sperimentali u l-ittestjar tal-applikazzjoni tagħhom.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 13: Appoġġ għar-R&I fl-industrija tal-avjazzjoni**

Dan l-investiment jikkonsisti fil-ħolqien tal-infrastruttura meħtieġa għal sperimentazzjoni kompletament diġitalizzat għall-industrija avjazzjoni. Dan għandu jinkludi l-użu tat-teknoloġija tal-*quantum* computing u għandu jkollu l-għan li jippermetti l-użu ta' mudellar u simulazzjonijiet doppji diġitali, li għandhom iwasslu għall-iżvilupp ta' metodi ta' produzzjoni bi preċiżjoni għolja, ġbir aħjar ta' *data* u tixrid ta' għarfien espert għal industriji oħra.

Dan l-investiment għandu jinkludi t-tlestija tas-sodda tat-test ċentrali tal-magna li tippermetti l-akkwist ta' magni addizzjonali ta' inġenji tal-ajru sperimentali mgħammra b'għadd kbir ta' sensuri li jippermettu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ajruspazjali ġodda u bank tal-ittestjar għal inġenju tal-ajru sperimentali biex jittestja l-magni waqt it-titjira. Faċilità bħal din għandha tkun disponibbli għas-sħab tal-industrija fis-settur tal-ajrunawtika inklużi l-SMEs. Il-faċilità u t-tagħmir akkwistati taħt dan l-investiment għandhom jintużaw għar-riċerka u l-innovazzjoni b'enfasi primarja fuq l-iżvilupp ta' għażliet b'impatt baxx u parzjalment fuq iż-żieda fl-effiċjenza. Il-bijokarburanti użati għall-ittestjar għandhom ikunu konformi tad-direttiva RED II dwar l-enerġija rinnovabbli[8].

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

[8] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

## D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 47 | Riforma 1: Riforma istituzzjonali tas-sistema ta' koordinazzjoni u appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija (inkl. RIS 3) | Stadju importanti | Implimentazzjoni tal-bidliet organizzattivi għar-riforma tal-istruttura tal-korpi pubbliċi li jissorveljaw it-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija | It-twaqqif tal-Kumitat responsabbli għall-koordinazzjoni tal-partijiet ikkonċernati nazzjonali biex jitħejjew proġetti għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija Ċeka | | | | K1 | 2025 | Il-Kumitat tat-Trasformazzjoni Diġitali, inkluża r-rappreżentanza tal-partijiet interessati pubbliċi u privati, għandu jikkoordina l-implimentazzjoni tar-riformi u l-investimenti taħt il-komponenti 1.4 u 1.5. Dan għandu jinkludi wkoll grupp ta' ħidma konsultattiv/espert speċjali li jissorvelja l-implimentazzjoni tal-Istandards tan-Nazzjonijiet tal-Bidu tal-UE taħt dan il-komponent u għandu jipprovdi analiżi legali, studji tal-impatt u opinjoni esperta dwar l-għażla tal-metodi ta' implimentazzjoni. Dan l-istadju importanti għandu jitqies issodisfat ladarba l-Kumitat u l-grupp ta' ħidma jibdew jaħdmu. |
| 48 | Riforma 2: Grupp Konġunt ta' Appoġġ u Ċertifikazzjoni tat-Teknoloġiji Strateġiċi mal-Bord tat-Teknoloġiji Strateġiċi | Stadju importanti | Stabbiliment u ħatra ta' awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni | Il-ħolqien ta' network ta' awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni għal setturi strateġiċi. | | | | K4 | 2023 | L-istabbiliment ta' awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni b'kapaċitajiet ta' ttestjar għaċ-ċertifikazzjoni inklużi laboratorji, tagħmir u għarfien espert biex jappoġġaw l-iżvilupp u l-innovazzjoni f'setturi strateġiċi. |
| 49 | Riforma 2: Grupp Konġunt ta' Appoġġ u Ċertifikazzjoni tat-Teknoloġiji Strateġiċi mal-Bord tat-Teknoloġiji Strateġiċi | Mira | Għadd ta' kumpaniji pprovduti b'ċertifikazzjoni | | Għadd | 0 | 50 | K2 | 2024 | 50 kumpanija li għandhom jiġu pprovduti b'ċertifikazzjoni min-network stabbilit ta' awtoritajiet taċ-ċertifikazzjoni akkreditati |
| 50 | Investiment 1: Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali "għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini" | Stadju importanti | Tnedija taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini | Tnedija taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini li jipprovdi servizzi bħala parti min-network Ewropew | | | | K4 | 2022 | Iċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini għandu jappoġġa r-riċerka, il-kooperazzjoni u l-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet ġodda fil-qasam tal-intelliġenza artifiċjali. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 51 | Investiment 2: Ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali (EDMO) | Stadju importanti | Tnedija taċ-ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali għas-CEE fir-Repubblika Ċeka (CEDMO) | Tnedija taċ-ċentru CEDMO mibni mill-konsorzju akkademiku mal-Università Charles fi Praga bħala sieħeb ewlieni | | | | K4 | 2021 | Iċ-Ċentru tal-Midja Diġitali bħala parti min-network EDMO għandu jiffoka fuq l-analiżi u l-ġlieda kontra t-tixrid ta' informazzjoni falza bħal informazzjoni ħażina relatata man-networks COVID jew 5G. |
| 52 | Investiment 2: Ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali (EDMO) | Mira | Għadd minimu ta' membri tal-bord statistikament rilevanti involuti fl-Indiċi CEDMO | | Għadd | 0 | 2000 | K4 | 2025 | Is-CEDMO għandu jipprovdi attività ta' riċerka u monitoraġġ kull xahar bl-involviment ta' kampjun statistikament rilevanti ta' mill-inqas 2000 persuna. |
| 53 | Investiment 3: Trasferiment tal-aħjar prattiki u għarfien espert barranin għat-trasformazzjoni diġitali, il-monitoraġġ u r-riċerka dwar l-effetti soċjoekonomiċi tal-kriżi (l-Istitut Samuel Neaman) | Mira | L-istabbiliment tal-Istitut Ċek Samuel Neaman b'sensibilizzazzjoni internazzjonali inklużi ħames (5) ftehimiet ta' kooperazzjoni internazzjonali f'forma ta' memoranda sabiex jiġu trasferiti l-aħjar prattiki fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali | | Għadd | 0 | 5 | K4 | 2024 | L-Istitut għandu jimmonitorja l-iżviluppi reċenti u l-impatti soċjoekonomiċi tat-trasformazzjoni diġitali abbażi tal-memorandum mal-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Għandu jikkonkludi *memoranda* dwar il-kooperazzjoni u t-trasferiment ta' għarfien biex tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija. |
| 54 | Investiment 4: Pjattaforma ta' Taħriġ għall-Ġestjoni tal-SMEs għat-Trasformazzjoni Diġitali wara l-COVID-19 | Mira | It-tnedija ta' pjattaforma ta' taħriġ għall-ġestjoni tal-SMEs u l-involviment tal-ġestjoni ta' mill-inqas 200 SME f'attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet li jiffukaw fuq it-trasformazzjoni diġitali | | Għadd | 0 | 200 | K4 | 2024 | Il-pjattaforma għandha sservi bħala bażi għall-edukazzjoni tal-ġestjoni tal-SMEs dwar l-opportunitajiet u r-riskji ppreżentati minn teknoloġiji diġitali ġodda. Din għandha tkun sistema edukattiva bbażata fuq il-badges. Il-kontenut tiegħu għandu jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati. |
| 55 | Investiment 5: Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain | Stadju importanti | Tlestija tal-implimentazzjoni teknika u t-tnedija tal-każ tal-użu tal- | It-tnedija ta' offerta ta' bonds tal-SMEs fil-fażi pilota sabiex jiġi pprovdut finanzjament | | | | K4 | 2022 | Programm pilota li għandu jitnieda biex jippermetti lill-SMEs joffru bonds ibbażati fuq Teknoloġija tar-Reġistru Distribwit skont l-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja fl-oqfsa tal-EBSI |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | (EBSI) – bonds DLT għall-finanzjament tal-SMEs | | EBSI tal-fażi pilota tal-SMEs | | | | | | | |
| 56 | Investiment 5: Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) – bonds DLT għall-finanzjament tal-SMEs | Mira | Għadd ta' SMEs appoġġati wara fażi pilota ta' suċċess permezz ta' offerta ta' bonds diġitali fuq l-EBSI | | Għadd | 0 | 250 | K4 | 2023 | Programm pilota li għandu jitnieda biex jippermetti lill-SMEs joffru bonds ibbażati fuq Teknoloġija tar-Reġistru Distribwit skont l-ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja fl-oqfsa tal-EBSI |
| 57 | Investiment 6: Proġetti ta' applikazzjoni dimostrattiva 5G għall-bliet u ż-żoni industrijali | Mira | L-iżvilupp u t-tħaddim ta' applikazzjonijiet ta' referenza għal Bliet Intelliġenti | | Għadd | 0 | 5 | K4 | 2022 | Ħames applikazzjonijiet ta' referenza bħala parti mill-programm Bliet Intelliġenti li għad iridu jitlestew |
| 58 | Investiment 6: Proġetti ta' applikazzjoni dimostrattiva 5G għall-bliet u ż-żoni industrijali | Mira | Espansjoni tal-applikazzjonijiet ta' każijiet ta' użi għal Bliet Intelliġenti u għall-Industrija 4.0 | | Għadd | 0 | 45 għal Bliet Intelliġenti; 35 għall-Industrija 4.0 | K4 | 2025 | Espansjoni ta' applikazzjonijiet ta' każijiet tal-użu 5G dimostrattivi magħżula għal postijiet oħra inklużi reġjuni u muniċipalitajiet lokali fl-oqfsa tal-programmi Bliet Intelliġenti u Industrija 4.0 |
| 59 | Investiment 7: Il-programm Ċek Rise-Up | Mira | Appoġġ għal proġetti mmirati lejn l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet teknoloġiċi mediċi u mhux mediċi biex jiġu indirizzati l-effetti tal-COVID-19 u bil-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha | | Għadd | 60 | 300 | K4 | 2023 | Appoġġ lin-negozji fir-riċerka medika relatata mal-COVID u fl-iżvilupp ta' proġetti, u proġetti ta' riċerka mmirati lejn soluzzjonijiet teknoloġiċi mediċi u mhux mediċi biex ilaħħqu mal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-kriżi f'forma ta' appoġġ ta' għotja *de minimis* f'valur totali ta' minimu ta' EUR 23 564 527,53. L-għoti tal-kuntratti għall-proġetti magħżula fil-kuntest tas-sejħiet kompetittivi għall-proposti msemmija f'dan l-istadju għandu jkun, f'konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 60 | Investiment 8: It-trawwim tal-intraprenditorija u d-ditti innovattivi | Mira | L-għadd ta' negozji ġodda appoġġati permezz ta' ċentri ta' innovazzjoni u organizzazzjonijiet shab tal-programm | | Għadd | 0 | 450 | K4 | 2024 | Negozji ġodda u entitajiet eliġibbli oħra li għandhom jiġu pprovduti b'servizzi ta' mentoraġġ, konsulenza u pariri jew taħriġ biex titrawwem l-intraprenditorija u l-validazzjoni tal-pjanijiet ta' direzzjoni tan-negozju. |
| 61 | Investiment 9: Fondi ta' ko-investiment pilota għall-iżvilupp ta' investimenti inizjali/qabel l-inizjament, teknoloġiji strateġiċi u spin-offs universitarji fil-qafas taċ-Ċentri Ewropej ta' Eċċellenza | Stadju importanti | It-tnedija ta' Fondi ta' fondi u l-investiment tat-tliet fondi magħżula (teknoloġiji ta' qabel, teknoloġiji strateġiċi u fondi spin-off) | Tmiem il-fażi pilota wara l-eżawriment tal-kapaċità ta' investiment mill-fondi pprovduti mill-RRF | | | | K4 | 2025 | Tliet fondi ta' koinvestiment għal kapital ta' riskju eżistenti u ġdid għandhom jiġu mnedija biex jappoġġaw negozji ġodda innovattivi, teknoloġiji strateġiċi u kumpaniji b'investiment inizjali/qabel l-inizjament. Jenħtieġ li l-fażi pilota tivverifika l-livell tad-domanda, ir-riskju mmirat, l-assorbiment u l-oqsma ta' investiment, mhux l-inqas il-komplementarjetà ma' strumenti oħra ta' għajnuna. Abbażi tar-riżultati tal-fażi pilota, għandhom jiġu stabbiliti ċikli ulterjuri ta' investiment kontinwu u għandhom jiġu identifikati oqsma oħra għall-investiment. Il-valur tal-investiment għandu jilħaq l-ammont minimu ta' EUR 54 983 897,57. Il-politika ta' investiment għall-istrument finanzjarju għandha tinkludi kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) ta' tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 62 | Investiment 9: Fondi ta' ko-investiment pilota għall-iżvilupp ta' investimenti inizjali/qabel l-inizjament, teknoloġiji strateġiċi u spin-offs universitarji fil-qafas taċ-Ċentri Ewropej ta' Eċċellenza | Mira | Investimenti f'negozji ġodda u spin-offs ta' qabel l-inizjament u teknoloġiċi | | Għadd | 0 | 185 | K4 | 2025 | Proġetti u negozji ġodda innovattivi li għandhom jintgħażlu u jiġu appoġġati mill-fondi ta' investiment. Il-politika ta' investiment għall-istrument finanzjarju għandha tinkludi kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) ta' tranżazzjonijiet appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni, u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. |
| 63 | Investiment 10: L-internazzjonalizzazzjoni | Mira | Appoġġ għal espansjoni | | Għadd | 0 | 100 | K4 | 2025 | In-negozji ġodda għandhom jiġu appoġġati permezz ta' programmi ta' appoġġ li jiffukaw fuq l-espansjoni internazzjonali u l- |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | ta' negozji ġodda | | internazzjonali ta' negozji ġodda permezz ta' konsulenza, mentoring ta' servizzi ta' konsulenza għan-negozji, programmi ta' aċċelerazzjoni | | | | | | | adattament għas-swieq barranin. Dawn il-programmi għandhom jinkludu: Servizzi ta' mentoraġġ u konsulenza, servizzi ta' programmi ta' aċċellerazzjoni tal-validazzjoni tal-prodotti relatati ma' pajjiżi barranin, kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, espansjoni, adattament tal-prodott/servizz. |
| 64 | Investiment 11: Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja f'konformità mal-prijoritajiwet tal-UE | Stadju importanti | Tnedija ta' żewġ sandboxes regolatorji fil-fintech u fl-Intelliġenza Artifiċjali | L-istabbiliment taż-żewġ sandboxes fl-oqsma regolati ta' prijorità, bħall-finanzjament (ibbażat fuq il-Pakkett ta' Finanzjament Diġitali) u l-IA (abbażi tal-qafas legali Ewropew għall-IA) | | | | K4 | 2023 | Is-sandboxes fil-qasam tafintech u tal-IA għandhom jitqiesu bħala attivi u li joperaw meta kumpaniji innovattivi jkunu jistgħu jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom għal programmi ta' ttestjar. Il-fokus primarju għandu jkun fuq proġetti li diġà qed jitħejjew. |
| 65 | Investiment 11: Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja f'konformità mal-prijoritajiwet tal-UE | Mira | Sandbox għall-parteċipanti appoġġati mis-sandboxes | | Għadd | 0 | 20 | K4 | 2023 | L-għadd ta' kumpaniji f'setturi regolati li l-proġett u l-prodott tagħhom ġie ttestjat permezz tas-sandboxes fil-qasam tat-teknoloġija finanzjarja u tal-IA. Il-fokus primarju għandu jkun fuq proġetti li diġà qed jitħejjew. Jenħtieġ li ż-żewġ sandboxes jappoġġaw mill-inqas 10 proġett f'kull programm imniedi. |
| 66 | Investiment 12: Il-bini tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni kwantistika | Stadju importanti | Tlestija tal-fażi ta' kostruzzjoni u operazzjoni pilota ta' network kwantistiku ottiku | L-infrastruttura hija operattiva u l-ittestjar ġie ddokumentat u approvat mill-awtoritajiet rilevanti (il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Ministeru tad-Difiża, l-Uffiċċju Nazzjonali għaċ-Ċibersigurtà u s-Sigurtà tal-Informazzjoni (NÚKIB)) | | | | K4 | 2025 | L-istadju importanti għandu jinkludi: il-ħolqien ta' konnessjonijiet ottiċi bejn Praga, Brno u Ostrava, tul ottiku totali ta' 400 km, 6 segmenti ta' Quantum Key Distribution (QKD); L-implimentazzjoni ta' żewġ fergħat metropolitani sekondarji bbażati fuq tagħmir kummerċjali tal-QKD u żewġ fergħat metropolitani sekondarji bbażati fuq Toolkit sperimentali tal-QKD; Ix-xiri u l-ippjanar ta' fergħat sekondarji mobbli; l-ittestjar tal-integrazzjoni tat-teknoloġiji tat-telekomunikazzjoni eżistenti tal-komunikazzjonijiet kwantistiċi U l-ittestjar ta' tliet (3) każijiet ta' użu speċifiċi għaż-żoni militari. |
| 67 | Investiment 13: | Stadju | It-tħaddim sħiħ ta' | Ix-xiri u t-tħaddim tat- | | | | K4 | 2022 | L-istadju importanti għandu jinkludi t-tlestija tal-bank tat- |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | Appoġġ għar-R&I fl-industrija tal-avjazzjoni | importanti | mill-inqas bank tal-ittestjar wieħed ibbażat fuq teknoloġija doppja diġitali u tagħmir ta' trasformazzjoni diġitali fl-industrija tal-avjazzjoni | tagħmir meħtieġ inklużi dawk esperimentali. | | | | | | test ċentrali tal-magna li tippermetti lill-manifatturi tal-magni tal-inġenji tal-ajru jittestjaw pari ta' magni tal-avjazzjoni diġitali; L-akkwist ta' magni addizzjonali ta' inġenji tal-ajru sperimentali mgħammra b'għadd kbir ta' sensuri li jippermettu l-iżvilupp ta' teknoloġiji ajruspazjali ġodda u bank tal-ittestjar għal inġenju tal-ajru sperimentali biex jittestja l-magni waqt it-titjir.<br>L-attività ta' riċerka għandu jkollha fokus primarju fuq għażliet b'impatt baxx u tista' tinkludi attività ta' riċerka li tiffoka fuq iż-żieda fl-effiċjenza tat-teknoloġija eżistenti "l-aħjar fil-klassi" biss jekk ma twassalx għal effetti lock-in tat-teknoloġija jew jekk ir-riżultati tal-proċess R&I ikunu teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom. |

## E. KOMPONENT 1.5: TRASFORMAZZJONI DIĠITALI TAL-INTRAPRIŻI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tal-industrija, l-użu tat-teknoloġiji u l-emerġenza ta' saff nazzjonali interkonness u sostenibbli tal-ekosistema diġitali Ewropea permezz taċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali. Għandu jappoġġa wkoll il-ħolqien ta' Faċilità għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni ta' Referenza. Objettiv ieħor huwa li jingħata appoġġ lill-kumpaniji li jipparteċipaw fi Proġetti Importanti potenzjali ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI), speċjalment fl-oqsma tal-Mikroelettronika u l-Konnettività, inklużi proġetti fil-qasam tal-mikroproċessuri marbuta mal-Computing Ewropew ta' Prestazzjoni Għolja. Il-komponent huwa mistenni li jappoġġa t-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, permezz tat-teknoloġiji diġitali, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għall-2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali b'kapaċità għolja, inkluż fir-reġjuni tal-faħam.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-akkwist ta' tagħmir tal-ICT għandu jiżgura l-konformità mal-kriterji rilevanti tal-UE dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku kif ukoll ir-rekwiżiti rilevanti tal-UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija u l-materjal u r-rekwiżiti ta' riċiklaġġ stabbiliti skont id-Direttiva 2009/125/KE, id-Direttiva 2009/125/KE, id-Direttiva 2011/65/UE u d-Direttiva (UE) 2021/19.

### E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: Ħolqien ta' pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija**

Il-miżura għandha l-għan li timplimenta pjattaforma li tikkoordina l-interkonnessjoni tal-atturi kollha fl-ekosistema diġitali nazzjonali bħaċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Kompetenza fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u ċ-Ċibersigurtà, il-faċilitajiet Ewropej ta' ttestjar u ta' sperimentazzjoni ta' referenza, iċ-ċentri ta' innovazzjoni, u l-klijenti ta' dawn iċ-ċentri kollha. Hija għandha l-għan li tagħti spinta lit-trasformazzjoni diġitali, l-użu tat-teknoloġiji, u r-reklutaġġ ta' esperti fid-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, u tagħmel l-industrija u s-servizzi aktar reżiljenti għal kriżijiet ulterjuri potenzjali.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 1: Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali**

Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa t-trasformazzjoni diġitali prinċipalment tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-amministrazzjoni tal-istat, tintroduċi teknoloġiji ġodda, tattira esperti fil-qasam, u tiżgura reżiljenza akbar tal-industrija u s-servizzi fil-konfront ta' kriżijiet potenzjali ulterjuri. Huwa previst kofinanzjament mill-Programm Ewropa Diġitali.

Għandhom jitwaqqfu u jitħaddmu sitt Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali.


www.parlament.gv.at

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta’ Diċembru 2024.

**Investiment 2: Faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Isperimentazzjoni ta’ Referenza**

Għandha tiġi stabbilita u titħaddem faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni ta’ Referenza. Il-miżura għandha l-għan li tistabbilixxi konnessjoni bejn is-setturi tar-riċerka (bħaċ-Ċentru ta’ Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali) u l-ekonomija usa’ (bħaċ-Ċentri ta’ Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali) billi tippermetti liċ-ċentri ta’ riċerka u lill-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju jittestjaw it-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet żviluppati sabiex ikunu jistgħu jintużaw fl-operazzjonijiet tagħhom. Huwa previst kofinanzjament mill-Programm Ewropa Diġitali.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta’ Diċembru 2024.

**Investiment 3: It-trasformazzjoni diġitali tal-kumpanniji tal-manifattura u dawk mhux fil-produzzjoni u ż-żieda fir-reżiljenza tagħhom**

Appoġġ dirett għat-trasformazzjoni diġitali (bħall-intelliġenza artifiċjali, l-ipproċessar awtomatizzat, ir-robotika, l-informatika ta’ prestazzjoni għolja u ċ-ċibersigurtà) għandu jiġi pprovdut lil 377 intrapriża. Żewġ terzi tal-fondi għandhom jiġu pprovduti għal intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u kumpaniji b’kapitalizzazzjoni medja, u terz għandu jiġi pprovdut għal intrapriżi kbar. Il-miżura għandha l-għan li żżid il-proċessi diġitali b’mod partikolari fl-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, iżda wkoll f’intrapriżi kbar, (u potenzjalment jappoġġaw proġetti innovattivi kbar tal-IPCEI, b’mod partikolari fil-qasam tal-mikroproċessuri u infrastruttura u s-servizzi tal-cloud).

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta’ Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 68 | Riforma 1: Ħolqien ta' Pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija | Stadju importanti | Ħolqien ta' Pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija | Tnedija tal-operat tal-pjattaforma | | | | K1 | 2022 | Għandha tiġi stabbilita pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u għandha titnieda l-operazzjoni tagħha. Il-pjattaforma għandha tikkoordina l-interkonnessjoni tal-atturi kollha fl-ekosistema diġitali nazzjonali bħaċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali, iċ-Ċentri ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Kompetenza fil-Computing ta' Prestazzjoni Għolja u ċ-Ċibersigurtà, il-faċilitajiet Ewropej ta' ttestjar u ta' sperimentazzjoni ta' referenza, iċ-ċentri ta' innovazzjoni, u l-klijenti ta' dawn iċ-ċentri kollha. Il-pjattaforma se topera bħala wieħed mill-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat tat-Trasformazzjoni Diġitali li għandi jiġi stabbilit bħala Riforma 1 skont il-komponent 1.4. |
| 69 | Investiment 1: Hubs ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali | Mira | Il-ħolqien ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali funzjonali u interkonnessi | | Għadd ta' Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali | 0 | 6 | K4 | 2024 | Għandhom jiġu stabbiliti sitt Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali u għandha titnieda l-operazzjoni tagħhom. Dawn iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali għandhom jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali prinċipalment tal-SMEs u tal-amministrazzjoni tal-istat, jintroduċu teknoloġiji ġodda, jiġbdu esperti fil-qasam, u jiżguraw reżiljenza akbar tal-industrija u tas-servizzi fil-konfront ta' kriżijiet potenzjali ulterjuri. |
| 70 | Investiment 2: Il-Faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Esperimentazz | Mira | Ħolqien ta' faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Isperimenta | | Għadd ta' faċilitajiet Ewropej għall-Ittestjar u l-Esperimenta | 0 | 1 | K2 | 2023 | Għandha tiġi stabbilita faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni ta' Referenza u għandha titnieda l-operazzjoni tagħha. Din il-faċilità għandha tistabbilixxi konnessjoni bejn is-setturi tar-riċerka (bħaċ-Ċentru ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali) u l-ekonomija usa' (bħaċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali Ewropej u nazzjonali) |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | joni ta' Referenza | | zzjoni ta' Referenza | | zzjoni ta' Referenza | | | | | billi tippermetti liċ-ċentri ta' riċerka u lill-SMEs jittestjaw it-teknoloġiji u l-applikazzjonijiet żviluppati sabiex ikunu jistgħu jintużaw fl-operazzjonijiet tagħhom. |
| 71 | Investiment 3: It-trasformazzjoni diġitali tal-kumpaniji tal-manifattura u mhux tal-produzzjoni u ż-żieda tar-reżiljenza tagħhom | Mira | Appoġġ dirett lill-intrapriżi għat-trasformazzjoni diġitali | | Għadd ta' intrapriżi | 0 | 377 | K4 | 2025 | 377 intrapriża għandhom jiġu ttrasformati diġitalment. Din it-trasformazzjoni diġitali għandha żżid il-proċessi diġitali b'mod partikolari fl-SMEs. Għandu jingħata appoġġ lil attivitajiet bħall-introduzzjoni tad-diġitalizzazzjoni fl-intrapriżi, inkluż l-analiżi tal-proċess meħtieġa, l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali f'oqsma relatati mal-intelliġenza artifiċjali, l-awtomatizzazzjoni tal-proċess, ir-robotika u ċ-ċibersigurtà ta' sistemi online u ċiberfiżiċi u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda, l-akkwist ta' apparat u tagħmir teknoloġiku ġdid, inklużi l-infrastruttura meħtieġa, l-interkonnessjoni ta' teknoloġiji akkwistati jew eżistenti bl-użu ta' kanali u protokolli ta' komunikazzjoni tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku (komunikazzjoni awtonoma bidirezzjonali).<br><br>Il-baġit totali eżegwit għal dan il-għan għandu jammonta għal mill-inqas EUR 180 000 000, inkluż mill-inqas EUR 120 000 000 għall-SMEs u mill-inqas EUR 60 000 000 għal intrapriżi kbar. |

## F. KOMPONENT 1.6: AĊĊELLERAZZJONI U DIĠITALIZZAZZJONI TAL-PROĊESS TAL-BINI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-proċeduri twal u amministrattivi attwali għall-ksib tal-permessi tal-kostruzzjoni.

L-għan tal-komponent huwa li jissimplifika u jirrazzjonalizza l-proċess tal-għoti tal-permessi għall-bini. L-aċċellerazzjoni sinifikanti tal-proċess tal-permessi tal-kostruzzjoni hija mistennija li ttejjeb b'mod konsiderevoli l-ambjent tan-negozju u tal-investiment fiċ-Ċekja. Il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni xierqa tad-diġitalizzazzjoni tal-ġestjoni tal-bini u l-ippjanar spazjali għandhom jiġu indirizzati wkoll. Is-simplifikazzjoni sħiħa tal-proċessi paralleli fi proċedura unika, kif ukoll ir-riforma istituzzjonali, kif previst fl-abbozz tal-Kodiċi tal-Kostruzzjoni, jistgħu jqassru ż-żmien medju tal-ħruġ ta' permess mill-5,4 snin attwali għal medja ta' 1,25 snin. Id-diġitalizzazzjoni tal-proċess waħdu hija mistennija li tnaqqas iż-żmien medju għall-kisba ta' liċenzja tal-kostruzzjoni b'mill-inqas sentejn (2).

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-investiment u tappoġġa aktar kompetizzjoni bbażata fuq il-kwalità fl-akkwist pubbliku, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020, li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi tagħmel użu akbar mill-istrumenti finanzjarji biex tiżgura appoġġ ta' likwidità, tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb l-eGvern.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

#### Riforma 1: L-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika

Ir-riforma tikkonsisti f'bidliet istituzzjonali u proċedurali u għandha l-għan li ġġib livell għoli ta' diġitalizzazzjoni fil-proċess tal-permessi tal-bini. L-att il-ġdid dwar il-Kostruzzjoni għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Settembru 2021. Għandu jġib l-istruttura deċentralizzata ta' l-awtoritajiet tal-bini u l-kondizzjonijiet operattivi tagħhom taħt ir-responsabbiltà ta' l-Istat.

Ir-riforma għandha tħaffef il-proċeduri tal-bini, tagħmel il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni aktar effiċjenti u tqegħidhom taħt ir-responsabbiltà ta' awtorità unika – l-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni. L-atturi rilevanti għandhom jirċievu taħriġ adegwat biex jifhmu l-proċessi l-ġodda, ikunu jistgħu jużaw is-sistemi ta' informazzjoni l-ġodda u jaħdmu b'mod effiċjenti fl-ambjent organizzattiv il-ġdid. Għandha ssir migrazzjoni tad-*data* eżistenti għal pjattaforma ġdida u l-funzjonament tas-sistemi ta' informazzjoni individwali eżistenti għandu jiġi ggarantit sakemm tinbena s-sistema ta' informazzjoni ċentrali ("AIS"). Dan jinkludi l-forniment tat-tagħmir tal-IT meħtieġ għall-funzjonament tal-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni u tal-uffiċċji tal-bini lokali.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Settembru 2023 u l-impatt tagħha għandu jitkejjel sal-31 ta' Diċembru 2025.


www.parlament.gv.at

**Investiment 1: Sistema ta' informazzjoni ċentrali ("AIS")**

L-investiment għandu joħloq proċess ta' sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni li għandha tintuża mill-impjegati taċ-ċivil tal-awtoritajiet involuti fil-proċess tal-permessi tal-kostruzzjoni. Is-sistema għandha tiddiġitalizza l-proċessi ta' ġestjoni tal-bini b'tali mod li tiżgura t-trasparenza, l-effiċjenza u l-effettività tal-proċessi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni implimentata permezz tar-riforma 1 ta' dan il-komponent. Il-liċenzji meħtieġa għall-ħardwer u s-software għandhom jinxtraw, flimkien ma' appoġġ tekniku, l-applikazzjonijiet li jkopru r-rekwiżiti funzjonali u mhux funzjonali meħtieġa, l-ittestjar xieraq tas-sistema, il-manutenzjoni, it-tħaddim u l-iżvilupp tal-applikazzjoni.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Settembru 2023.

**Investiment 2: L-iżvilupp u l-użu tad-*data* tal-amministrazzjoni pubblika fl-ippjanar spazjali**

L-objettiv tal-investiment huwa li tiġi implimentata bażi tad-*data* ċentrali ta' dokumentazzjoni analitika spazjali fil-kuntest tas-sistema ta' informazzjoni dwar l-ippjanar spazjali, li għandha tintuża biex tipprovdi *dat*a u servizzi għall-awtoritajiet tal-ippjanar tal-bliet u l-kampanja, utenti oħra tas-settur pubbliku, u fornituri ta' dokumenti tal-ippjanar spazjali. Id-*data* għandha tiġi pprovduta fil-forma ta' *data* miftuħa. Iċ-ċentralizzazzjoni għandha tippermetti l-kondiviżjoni effiċjenti tad-*data* ma' sistemi oħra tal-amministrazzjoni pubblika (b'mod partikolari r-reġistru tal-identifikazzjoni territorjali, l-indirizzi u l-proprjetà immobbli).

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 3: Naħsdu l-benefiċċji kollha tad-diġitizzazzjoni tal-kontroll tal-bini**

L-investiment għandu joħloq sensiela ta' sistemi ta' informazzjoni, standards u metodoloġiji, meħtieġa għad-diġitalizzazzjoni sħiħa tal-proċess tal-permessi ta' kostruzzjoni u l-ippjanar spazjali.

Għandhom jiġu stabbiliti tliet sistemi tal-IT li jippermettu l-interkonnessjoni tal-bażijiet tad-*data* ewlenin u jiffaċilitaw il-proċess tal-permessi tal-bini u l-ippjanar spazjali:

- Sistema li torbot normi tekniċi ma' regolamenti ta' implimentazzjoni, li għandhom jiġu integrati fil-Portal tal-Iżviluppaturi tal-Bini u jsiru aċċessibbli għall-pubbliku.
- Sistema għal rekwiżiti strutturati dwar il-bini u l-proċeduri, il-validazzjoni u l-kontroll tal-proċess tal-permessi.
- Sistema għall-ġestjoni tal-istandards tad-*data* tal-binjiet.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.


www.parlament.gv.at

## F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 72 | Riforma 1: L-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida tal-kostruzzjoni | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni | | | | K3 | 2021 | Il-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni li ġġib magħha aċċellerazzjoni tal-proċess tal-permessi tal-bini, id-diġitalizzazzjoni tal-proċess, u tnaqqis fl-għadd ta' awtoritajiet regolatorji għandhom jidħlu fis-seħħ. |
| 73 | Riforma 1: L-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika | Stadju importanti | Bidu tal-attività tal-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni | L-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni għandu jibda l-funzjonijiet tiegħu. Għandu jkollu eżistenza legali u kwartieri ġenerali fiżiċi. | | | | K3 | 2023 | Il-ħolqien ta' struttura statali ġdida tal-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni, inklużi l-unitajiet interni. L-iżgurar ta' persunal finanzjarju u tal-IT kif ukoll taħriġ tal-persunal, li jippermetti l-funzjonament tajjeb tal-uffiċċju l-ġdid. |
| 74 | Riforma 1: L-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika | Mira | Tqassir tal-proċess tal-permess tal-bini b'mill-inqas sentejn | | Snin | 5,5 | 3,5 | K4 | 2025 | It-tul medju tal-proċess tal-permessi tal-kostruzzjoni għandu jitqassar b'mill-inqas sentejn, minn 5.5 snin għal 3.5 snin jew inqas, li għandu jiġi kkonfermat mill-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni, abbażi ta' statistika ġdida għat-tul medju tal-proċess tal-permessi fl-2024-2025. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 75 | Investiment 1: Il-ħolqien ta' sistema ta' informazzjoni ċentrali ġdida ("AIS") | Stadju importanti | Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni kompletament operattiva | L-iskjerament tas-sistema, il-bidu tal-użu mill-uffiċċji tal-bini. | | | | K3 | 2023 | Il-ħolqien ta' sistema ta' informazzjoni ċentrali ġdida li għandha tintuża mill-impjegati taċ-ċivil tal-awtoritajiet involuti fil-proċess tal-permessi tal-kostruzzjoni. |
| 76 | Investiment 2: Żvilupp u użu ta' *data* tal-amministrazzjoni pubblika fl-ippjanar spazjali | Stadju importanti | Ħolqien ta' bażi ta' *data* standardizzata ta' dokumentazzjoni analitika ġeografika | Bażi tad-*data* standardizzata tad-dokumentazzjoni analitika spazjali kompletament operattiva u użata mill-awtoritajiet pubbliċi | | | | K4 | 2024 | Trasferiment ta' bażi ta' *data* ta' dokumentazzjoni analitika ġeografika u validazzjoni tal-protokoll. L-għodda ta' validazzjoni għandha tiġi inkluża fil-Geoportal Nazzjonali għall-Ippjanar taż-Żona, fejn għandha tittella' d-dokumentazzjoni analitika spazjali. |
| 77 | Investiment 3: Naħsdu l-Benefiċċji Sħaħ tal-Kontroll tad-Diġitalizzazzjoni tal-Bini | Stadju importanti | Sistemi tal-IT li jappoġġaw id-diġitalizzazzjoni tal-proċess tal-permessi tal-bini kompletament operattivi | Sistemi tal-IT kompletament operattivi, inkluż l-iskjerament tal-utenti finali. | | | | K4 | 2024 | Għandhom jitħaddmu tliet sistemi tal-IT li jippermettu l-interkonnessjoni tal-bażijiet tad-*data* kollha użati fil-proċess tal-permessi tal-kostruzzjoni:<br>• sistema li torbot normi tekniċi ma' regolamenti ta' implimentazzjoni. Għandha tiġi integrata fil-Portal tal-Iżviluppaturi tal-Bini u ssir aċċessibbli għall-pubbliku.<br>• sistema għal rekwiżiti strutturati dwar il-bini u l-proċeduri, il-validazzjoni u l-kontroll tal-proċess tal-permessi inkluż l-ontoloġija<br>• sistema għall-ġestjoni tal-istandards tad-*data* tal-binjiet. |

www.parlament.gv.at

## G. KOMPONENT 2.1: TRASPORT SOSTENIBBLI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi tad-diġitalizzazzjoni tat-trasport, l-elettromobbiltà fit-trasport ferrovjarju, iż-żieda fis-sehem tat-trasport ferrovjarju fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri, it-tisħiħ tal-importanza tal-mobbiltà attiva fil-bliet, it-titjib tas-sikurezza tat-traffiku, u t-tnaqqis tal-impatt tat-traffiku fuq l-ambjent u s-saħħa pubblika. Il-komponent jibbenefika minn sinerġiji mal-komponent 2.4, li jindirizza l-kwistjoni tal-propulsjoni alternattiva fit-trasport bit-triq u t-trasport urban bil-karozzi tal-linja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà tagħha, l-infrastruttura diġitali, u t-tranżizzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3, għall-2019), u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandu jiffoka fuq l-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali ta' kapaċità għolja, produzzjoni u użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u fuq infrastruttura tat-trasport sostenibbli, inkluż fir-reġjuni tal-faħam (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.

### G.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: L-iżvilupp ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u spazju**

Il-miżura għandha l-għan li tippromwovi użu akbar ta' mezzi ta' trasport aktar effiċjenti fl-enerġija għal flussi ta' trasport regolari u tqal. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Bliet individwali ta' aktar minn 40 000 abitant għandhom iwettqu l-proċess tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP). Is-SUMPs kollha għandhom jiġu approvati mill-korpi rappreżentattivi tal-belt sat-30 ta' Ġunju 2023. Fejn SUMP simplifikat diġà jeżisti, għandha titħejja verżjoni ġdida bbażata fuq il-Kunċett ta' Mobilità Urbana u Attiva (UAMC) approvat mill-gvern. Għandu jkun fih il-partijiet kollha meħtieġa mill-UAMC u għandu jkun ibbażat fuq l-analiżijiet meħtieġa mill-UAMC bħall-immudellar tat-traffiku u l-istħarriġ.
- Il-kunċett ta' trasport tal-merkanzija, li se jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-volum totali tat-trasport, għall-perjodu 2024-2030, għandu jiġi approvat b'riżoluzzjoni tal-Gvern tar-Repubblika Ċeka sal-31 ta' Diċembru 2023. Il-kunċett għandu jiffoka fuq l-appoġġ għat-trasport multimodali, it-titjib tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u t-tnaqqis tal-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent, is-saħħa pubblika u t-tibdil fil-klima globali.


www.parlament.gv.at

- L-operaturi kollha tat-trasport pubbliku (l-istat, ir-reġjuni u l-bliet li joperaw it-trasport pubbliku) għandhom japprovaw pjan ta' servizz tat-trasport ta' ħames snin sal-31 ta' Diċembru 2023, ibbażat fuq il-Kunċett tat-Trasport Pubbliku approvat mill-gvern.

- L-impatt tar-riforma fuq is-sehem modali tat-trasport pubbliku u s-sehem modali taċ-ċikliżmu għandu jitkejjel sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

**Investiment 1: Applikazzjoni ta' teknoloġiji moderni għall-infrastruttura ferrovjarja**

L-investiment għandu jikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni tat-trasport ferrovjarju sabiex jittejbu s-sikurezza tat-traffiku u l-kwalità tas-servizzi pprovduti, tiġi ottimizzata l-kapaċità tal-infrastruttura ferrovjarja u tiġi żgurata l-interoperabbiltà internazzjonali. L-investiment 1 għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Definizzjoni ta' sett ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli – Ferrovjarja (GSM-R), 20 stazzjonijiet bażi transceiver (BTS) installati ġodda jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti fil-punt ta' hawn fuq sat-30 ta' Ġunju 2024.
- It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bullit ta' hawn fuq, b'hekk jitlestew kumpleesivament 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli - Ferrovjarja (GSM-R), 20 stazzjon bażi transceiver (base transceiver stations, BTS) li għadhom kif ġew installati jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju sal 31 ta' Diċembru 2024.

**Investiment 2: L-elettrifikazzjoni tal-ferroviji**

Il-miżura għandha l-għan li żżid is-sehem tat-trasport tal-fjuwils mhux fossili permezz tal-elettrifikazzjoni tal-linji u l-provvista tal-enerġija tat-trazzjoni fis-substazzjonijiet. L-investiment għandu joħloq ukoll il-kundizzjonijiet għall-iffrankar tal-enerġija fis-sistema tat-trasport. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- Definizzjoni ta' sett ta' proġetti ta' 39.7 km ta' linji elettriċizzati u erba' impjanti alimentatriċi tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew dawk mibnija ġodda sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bullet ta' hawn fuq sat-30 ta' Ġunju 2023.
- It-tlestija ta' ħames proġetti addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq, biex b'hekk jiġu kkompletati b'kollox 39.7 km ta' linji elettrifikati u erba' impjanti ta' alimentazzjoni tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew dawk mibnija ġodda sat-30 ta' Ġunju 2024.

**Investiment 3: Appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja**

Il-miżura għandha l-għan li tipproteġi l-ambjent u l-klima billi tikkontribwixxi biex jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju fit-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-istazzjonijiet ferrovjarji. Dan l-investiment għandu jiffoka fuq proġetti ta' żvilupp tal-infrastruttura ferrovjarja, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, id-differenzi bejn is-sessi u l-aċċess adegwat għas-servizzi għal persuni żvantaġġati u vulnerabbli. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq sezzjonijiet tan-network importanti għat-trasport suburban u proġetti biex jittejbu l-hubs ferrovjarji u binjiet ta'stazzjonijiet fit-terminals tal-passiġġieri multimodali. Barra minn hekk, it-tisħin tal-binjiet ta' stazzjonijiet għandu jkun appoġġat. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:


www.parlament.gv.at

- Definizzjoni ta' sett ta' proġetti ta' 121,88 km ta' linji modernizzati, tmien stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli, u aktar minn 35 binja tal-istazzjon b'intensità tal-enerġija mnaqqsa biex jinkiseb, bħala medja, tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante, u żieda fil-kumdità u servizzi aħjar għall-passiġġieri sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' 26 proġett mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bullet ta' hawn fuq sal-31 ta' Diċembru 2022.
- It-tlestija ta' 30-il proġett addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti fil-bulit ta' hawn fuq, biex b'hekk jiġu kkompletati b'mod ġenerali 121,88 km ta' linji modernizzati, tmien stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'linji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli, u aktar minn 35 binja ta' stazzjonijiet b'intensità tal-enerġija mnaqqsa biex jinkiseb, bħala medja, tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra meta mqabbla mal-emissjonijiet ex ante, u żieda fil-kumdità u servizzi aħjar għall-passiġġieri sal-31 ta' Diċembru 2023.

**Investiment 4: Is-sikurezza tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija**

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb is-sikurezza tat-traffiku billi tieħu miżuri konkreti ta' sikurezza fil-punti ta' qsim ferrovjarji, u ttejjeb il-kundizzjoni tal-pontijiet u l-istrutturi tal-mini. Fl-ibliet u l-agglomerazzjonijiet, għandhom isiru investimenti biex jitnaqqas is-sehem tal-vjaġġi individwali bil-karozza u jiżdied is-sehem tat-trasport pubbliku u tal-modi attivi tat-trasport bħall-persuni mexjin fit-triq u ċ-ċikliżmu. Il-bini ta' mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli pedonali huwa wkoll parti mill-investiment, sabiex tittejjeb is-sikurezza tal-parteċipanti vulnerabbli tat-traffiku bħala parti mill-promozzjoni tal-mobbiltà attiva, speċjalment fil-bliet. Dan għandu jinkiseb permezz tal-miżuri li ġejjin:

- It-tlestija ta' proġetti b' 45 passaġġ invell b'aktar sikurezza (jiġifieri b'sistema ta' twissija għal flaxx jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika li għadha kif ġiet installata jew immodernizzata), 25 km ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, il-bankini u rotot mingħajr ostakli, u 3 pont jew mini ferrovjarji modernizzati sat-30 ta' Ġunju 2022.
- It-tlestija ta' proġetti li jinvolvu 115-il passaġġ invell addizzjonali b'aktar sikurezza (jiġifieri b'sistema ta' twissija bil-flashlight jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika installati ġodda jew modernizzati), 24 km addizzjonali ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, il-bankini u rotot mingħajr ostakli, u 3 pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2022.
- It-tlestija ta' proġetti li jinvolvu 131 passaġġ invell addizzjonali b'aktar sikurezza (jiġifieri b'sistema ta' twissija bil-flashlight jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika installati ġodda jew modernizzati) u 1 pont ferrovjarju jew mina modernizzata addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2024.
- It-tlestija ta' proġetti li jinvolvu 36 km addizzjonali ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, il-bankini u rotot mingħajr ostakli u  pont ferrovjarju wieħed jew mina modernizzati addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2023.



www.parlament.gv.at

## G.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 78 | Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li jużа ħafna enerġija u l-ispazju | Stadju importa nti | Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' mobilità | Approvazzjon i tal-pjan mill-korpi rappreżentatti vi tal-belt | | | | K2 | 2023 | Il-bliet statutorji kollha tar-Repubblika Ċeka (bliet b'popolazzjoni ta' aktar minn 40 000 sena) għandu jkollhom Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) approvat mill-korpi rappreżentattivi tal-belt, abbażi tal-Kunċett ta' Mobilità Urbana u Attiva approvat mill-gvern. |
| 79 | Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li jużа ħafna enerġija u l-ispazju | Stadju importa nti | Approvazzjoni u dħul fis-seħħ tal-Kunċett il-ġdid tat-Trasport tal-Merkanzija | Approvazzjon i mill-Gvern | | | | K4 | 2023 | Il-Gvern għandu japprova l-Kunċett il-ġdid tat-Trasport tal-Merkanzija, li se jistabbilixxi l-kundizzjonijiet biex jiżdied is-sehem tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija fil-volum totali tat-trasport għall-perjodu 2024-2030. Il-kunċett se jiffoka fuq l-appoġġ għat-trasport multimodali, it-titjib tas-servizzi tat-trasport tal-merkanzija u t-tnaqqis tal-impatt tat-trasport tal-merkanzija fuq l-ambjent, is-saħħa pubblika u t-tibdil fil-klima globali. |
| 80 | Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li jużа ħafna enerġija u spazju | Stadju importa nti | Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' servizz tat-trasport. | Approvazzjon i mill-operaturi tat-trasport pubbliku | | | | K4 | 2023 | L-operaturi kollha tat-trasport pubbliku (l-istat, ir-reġjuni u l-bliet li joperaw it-trasport pubbliku) għandhom japprovaw pjan ta' servizz tat-trasport fuq ħames snin, ibbażat fuq il-Kunċett tat-Trasport Pubbliku approvat mill-Gvern. |
| 81 | Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li jużа ħafna enerġija | Mira | Il-ksib ta' sehem modali akbar tat-trasport pubbliku fi bliet CZ akbar minn | | % (sehem modali tat-trasport pubbliku) | 40 % fil-bliet b'aktar minn 250 000 abitant/28 | 45 % fil-bliet b'aktar minn 250 000 abitant/35 | K4 | 2025 | Is-sehem modali tat-trasport pubbliku fi bliet tar-Repubblika Ċeka akbar minn 250 000 abitant u fi bliet tar-Repubblika Ċeka akbar minn 75 000 abitant għandu jiżdied bil-perċentwal iċċarat fil-kolonna tal-għan. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | u spazju | | 250 000 abitant u fi bliet tar-Repubblika Ċeka akbar minn 75 000 abitant | | | % fil-bliet b'aktar minn 75 000 abitant | % fil-bliet b'aktar minn 75000 abitant | | | |
| 82 | Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li jużа ħafna enerġija u spazju | Mira | Il-ksib ta' sehem modali akbar taċ-ċikliżmu fi bliet CZ b'aktar minn 250 000 abitant u fi bliet tar-Repubblika Ċeka b'aktar minn 75 000 abitant | | % (sehem modali taċ-ċikliżmu) | 1 % fil-bliet b'aktar minn 250 000 abitant/5 % fil-bliet b'aktar minn 75 000 abitant | 5 % fil-bliet b'aktar minn 250 000 abitant/10 % bliet b'aktar minn 75 000 abitant | K4 | 2025 | Is-sehem modali taċ-ċikliżmu fil-bliet tar-Repubblika Ċeka li b'aktar minn 250 000 abitant u fil-bliet tar-Repubblika Ċeka b'aktar minn 75 000 abitant għandu jiżdied bil-perċentwal iċċarat fil-kolonna tal-għan. |
| 83 | Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja | Stadju importanti | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investiment 1 | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti mill-Ministeru tat-Trasport | | | | K2 | 2022 | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli — Ferrovjarja (GSM-R), 20 stazzjon bażi transceiver (BTS) installati ġodda jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju. |
| 84 | Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja | Mira | It-tlestija ta' żewġ proġetti minn sett predefinit ta' proġetti. | | Għadd ta' proġetti | 0 | 2 | K2 | 2024 | Tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti minn Global System for Mobile Communications — Railway (GSM-R), 20 stazzjonijiet bażi transceiver (BTS) installati ġodda jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 85 | Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja | Mira | It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti. | | Għadd ta' proġetti | 2 | 8 | K4 | 2024 | Tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali (8 b'kollox) mis-sett predefinit ta' proġetti ta' 41 km ta' linji koperti mis-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli — Ferrovjarja (GSM-R), 20 stazzjon bażi transceiver (base transceiver stations) li għadhom kif ġew installati jew li jaħdmu b'mod aktar affidabbli (BTS) u l-implimentazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda għall-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju. |
| 86 | Investiment 2: L-elettrifikazzjoni tal-ferroviji | Stadju importanti | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investiment 2 | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti mill-Ministeru tat-Trasport | | | | K2 | 2022 | Definizzjoni ta' sett ta' proġetti li jinkludu 39.7 km ta' linji elettrifikati u 4 stazzjonijiet għall-alimentazzjoni tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew mibnija ġodda. |
| 87 | Investiment 2: L-elettrifikazzjoni tal-ferroviji | Mira | Tlestija ta' żewġ proġetti minn sett predefinit ta' proġetti | | Għadd ta' proġetti | 0 | 2 | K2 | 2023 | Tlestija ta' żewġ proġetti mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 39.7 km ta' linji elettrifikati u 4 stazzjonijiet għall-alimentazzjoni tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew mibnija ġodda. |
| 88 | Investiment 2: L-elettrifikazzjoni tal-ferroviji | Mira | It-tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti. | | Għadd ta' proġetti | 2 | 8 | K2 | 2024 | Tlestija ta' sitt proġetti addizzjonali (8 b'kollox) mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 39.7 km ta' linji elettrifikati u 4 stazzjonijiet ta' alimentazzjoni tat-trazzjoni b'enerġija miżjuda jew mibnija ġodda. |
| 89 | Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) | Stadju importanti | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investiment 3 | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti mill-Ministeru tat-Trasport | | | | K2 | 2022 | Definizzjoni ta' sett ta' proġetti li jinkludu madwar 121,88 km ta' linji modernizzati, 9 stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli u 35 binja ta' stazzjonijiet b'intensità tal-enerġija mnaqqsa, kumdità akbar u servizzi aħjar għall- |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | passiġġieri. |
| 90 | Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) | Mira | Tlestija ta' 26 proġett minn sett predefinit ta' proġetti | | Għadd ta' proġetti | 0 | 26 | K4 | 2022 | Tlestija ta' 26 proġett mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu madwar 121,88 km ta' linji modernizzati, 9 stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'linji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakoli u 35 binja ta' stazzjonijiet b'intensità tal-enerġija mnaqqsa, kumdità akbar u servizzi aħjar għall-passiġġieri. |
| 91 | Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) | Mira | Tlestija ta' 30 proġett addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti | | Għadd ta' proġetti | 26 | 56 | K4 | 2023 | It-tlestija ta' 30 proġett addizzjonali mis-sett predefinit ta' proġetti li jinkludu 121,88 km ta' linji modernizzati, imtejba operazzjonalment jew aktar reżistenti għal influwenzi naturali, madwar 9 stazzjonijiet ferrovjarji modernizzati b'binarji mibnija mill-ġdid u pjattaformi aċċessibbli sikuri u mingħajr ostakli u 35 binja ta' stazzjonijiet b'intensità tal-enerġija mnaqqsa, kumdità akbar u servizzi aħjar għall-passiġġieri. |
| 92 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' passaġġi invell b'aktar sikurezza | | L-għadd ta' passaġġi invell b'żieda fis-sikurezza | 0 | 45 | K2 | 2022 | Passaġġi invell b'livell ogħla ta' protezzjoni, b'sistema ta' twissija għal flaxx jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika li għadha kif ġiet installata jew immodernizzata. |
| 93 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, | Mira | Tlestija ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini u | | Tul ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, | 0 | 25 | K2 | 2022 | It-tul tar-rotta mibnija għar-roti/bankina/rotot mingħajr ostakoli. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | | rotot mingħajr ostakli | | bankini, rotot mingħajr ostakoli - km | | | | | |
| 94 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati | | Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini) | 0 | 3 | K2 | 2022 | Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva. |
| 95 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati | | Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini) | 3 | 6 | K4 | 2022 | Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva. |
| 96 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' passaġġi invell b'aktar sikurezza | | L-għadd ta' passaġġi invell b'żieda fis-sikurezza | 45 | 160 | K4 | 2022 | Passaġġi invell b'livell ogħla ta' protezzjoni, b'sistema ta' twissija għal flaxx jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika li għadha kif ġiet installata jew immodernizzata. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 97 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini u rotot mingħajr ostakli | | Tul ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini, rotot mingħajr ostakoli - km | 25 | 49 | K4 | 2022 | It-tul tal-mogħdija taċ-ċiklu mibnija / il-bankini / mingħajr barrieri. |
| 98 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' passaġġi invell b'aktar sikurezza | | L-għadd ta' passaġġi invell b'żieda fis-sikurezza | 160 | 291 | K4 | 2024 | Passaġġi invell b'livell ogħla ta' protezzjoni, b'sistema ta' twissija għal flaxx jew installazzjoni ta' sikurezza mekkanika li għadha kif ġiet installata jew immodernizzata. |
| 99 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati | | Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini) | 6 | 7 | K2 | 2023 | Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva. |
| 100 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot | Mira | Tlestija ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini u rotot mingħajr ostakli | | Tul ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini, rotot mingħajr ostakoli - | 49 | 85 | K4 | 2023 | It-tul tar-rotta mibnija għar-roti/bankina/rotot mingħajr ostakoli. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | mingħajr ostakli) | | | | km | | | | | |
| 101 | Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati | | Għadd ta' strutturi artifiċjali ferrovjarji modernizzati (pontijiet/mini) | 7 | 8 | K4 | 2023 | Struttura artifiċjali ferrovjarja modernizzata għall-fażi operattiva. |

## H. KOMPONENT 2.2: IT-TNAQQIS TAL-KONSUM TAL-ENERĠIJA FIS-SETTUR PUBBLIKU

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tal-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku permezz tar-rinnovazzjoni tal-bini statali u pubbliku u l-modernizzazzjoni tat-tidwil pubbliku.

Il-komponent jirrifletti l-impenji taċ-Ċekja biex ittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-ekonomija nazzjonali sal-2030. Għandha l-għan li tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-binjiet pubbliċi u tal-istat rilevanti, li żżid l-għadd ta' rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja fis-settur pubbliku u li tnaqqas il-konsum finali tal-enerġija tat-tidwil pubbliku.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u l-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għall-2019) u dwar il-produzzjoni u l-użu effiċjenti u nodfa tal-enerġija (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, meta tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini tal-istat u tal-bini pubbliku, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ.

### H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

### Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binijiet tal-istat

Dan l-investiment għandu l-għan li jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-bini tal-amministrazzjoni tal-istat li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija fit-tul u li jżid l-għadd ta' rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja u moderatament profondi jew profondi. Għandhom jiġu ffinanzjati biss dawk il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %.

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa sa 100 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini inkluż l-iżolament ta' bini, l-iskambju u r-rinnovazzjoni ta' twieqi u bibien, l-installazzjoni ta' sistemi bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew l-implimentazzjoni ta' titjib tal-miżuri ambjentali ta' ġewwa li jkollhom impatt dimostrabbli fuq ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

Jenħtieġ li 75 % tal-proġetti jiġu kkuntrattati sal-31 ta' Diċembru 2023.

Sabiex dan l-investiment jitħejja aħjar, il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ għandu jadotta u jippubblika mudell ta' kuntratt għas-servizzi tal-metodu ta' Kuntratti għall-Prestazzjoni tal-Enerġija b'garanzija sal-31 ta' Diċembru 2021. Dan għandu jkollu l-għan li jippromwovi l-implimentazzjoni ta' proġetti b'enfasi fuq il-massimizzazzjoni tar-rendiment tal-iffrankar tal-enerġija meta mqabbel mal-fondi minfuqa.

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.



www.parlament.gv.at

**Investiment 2: It-titjib tal-effiċjenza enerġetika tas-sistemi tat-tidwil pubbliku**

Dan l-investiment għandu l-għan li jippermetti r-rinnovazzjoni tat-tidwil pubbliku f'muniċipalitajiet differenti fir-Repubblika Ċeka u li jippermetti li dawn ir-rinnovazzjonijiet ikunu marbuta ma' elementi intelliġenti oħra bħall-appoġġ għall-iżvilupp tal-elettromobbiltà.

Għandhom jiġu ffinanzjati biss dawk il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja b'mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %.

L-investiment jinkludi appoġġ sa 2 000 proġett ta' rinnovazzjoni ta' sistemi pubbliċi ta' tidwil f'muniċipalitajiet differenti fiċ-Ċekja, li 80 % minnhom għandhom jiġu kkuntrattati sal-31 ta' Diċembru 2024. L-investiment għandu jinkludi t-tiġdid tas-sistemi tad-dawl u l-akkwist jew l-ottimizzazzjoni tas-sistema ta' ġestjoni.

Sabiex dan l-investiment jitħejja aħjar, għandha tiġi adottata u ppubblikata dokumentazzjoni tal-programm mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ sal-31 ta' Diċembru 2021. Hija għandha tistabbilixxi l-iskeda ta' żmien u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-miżuri biex jiġu rinnovati s-sistemi pubbliċi tad-dawl, inklużi l-elementi intelliġenti.

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi**

Dan l-investiment għandu l-għan li jnaqqas il-konsum finali tal-enerġija fil-binjiet pubbliċi li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni tal-enerġija fit-tul u li jżid l-għadd ta' rinnovazzjonijiet ta' kwalità għolja u moderatament profondi jew profondi. Għandhom jiġu ffinanzjati biss dawk il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja b'mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %.

L-investiment għandu l-għan li jappoġġa sa 400 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini inkluż l-iżolament ta' bini, l-iskambju u r-rinnovazzjoni ta' twieqi u bibien, l-installazzjoni ta' sistemi bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli jew l-implimentazzjoni ta' titjib tal-miżuri ambjentali ta' ġewwa li jkollhom impatt dimostrabbli fuq ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija.

Jenħtieġ li 75 % tal-proġetti jiġu kkuntrattati sal-31 ta' Diċembru 2023.

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.


www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 102 | Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binijiet tal-istat | Stadju importanti | Adozzjoni tal-kuntratt mudell mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ għall-Metodu ta' Kuntratti għall-Prestazzjoni tal-Enerġija b'garanzija | Pubblikazzjoni tal-kuntratt mudell fuq is-sit web tal-Ministeru | | | | K4 | 2021 | Mudell ta' kuntratt għas-servizzi tal-metodu ta' Kuntratt għall-Prestazzjoni tal-Enerġija b'garanzija huwa adottat mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ sabiex jippromwovi l-implimentazzjoni ta' proġetti b'enfasi fuq il-massimizzazzjoni tar-rendiment tal-iffrankar tal-enerġija meta mqabbel mal-fondi minfuqa.<br><br>Il-kuntratt mudell għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru. |
| 103 | Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binijiet tal-istat | Mira | L-għoti ta' 75 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % | | Perċentwal | 0 | 75 | K4 | 2023 | B'kollox għandhom jiġu appoġġati mill-inqas 100 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini taħt din il-miżura. Il-mira għandha tintlaħaq mal-ikkuntrattar ta' 75 % minnhom. Il-proġetti għandhom jiġu sottomessi lill-MIT f'sejħa kontinwa u evalwati abbażi tal-kriterji stabbiliti, wara proċedura tal-għażla trasparenti.<br><br>Għall-implimentazzjoni għandhom jintgħażlu biss dawk il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ ta' 30 %. Il-mira ta' 75 % tirreferi għal proġetti bi ftehim ta' għotja ffirmat. L-investimenti fis-sostituzzjonijiet tal-bojlers inklużi dawk bil-gass naturali bħala sors tal-enerġija għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 104 | Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binijiet tal-istat | Mira | Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija | | Iffrankar tal-enerġija f'tera joules fis-sena | 0 | 216 | K1 | 2026 | Il-mira għandha tintlaħaq fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fil-bini tal-istat b' 216-il TJ/fis-sena sal-31 ta' Marzu 2026 bħala riżultat tar-rinnovazzjoni tal-bini, li għandha tintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija għandu jitnaqqas meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (jiġifieri n-nuqqas ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241). L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għal kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija. |
| 105 | Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi ta' tidwil pubbliku | Stadju importanti | Adozzjoni ta' dokumentazzjoni tal-programm mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ rigward miżuri biex jiġu rinnovati sistemi ta' tidwil pubbliċi | Pubblikazzjoni tad-dokumentazzjoni tal-programm fuq is-sit web tal-Ministeru | | | | K4 | 2021 | Id-dokumentazzjoni tal-programm titħejja mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ u tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Ministeru. Hija għandha tistabbilixxi l-iskeda ta' żmien u l-kundizzjonijiet għall-appoġġ tal-miżuri għar-rinnovazzjoni tas-sistemi tat-tidwil pubbliku, inklużi l-elementi intelliġenti, fid-dawl tal-objettiv li jinkiseb iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %. |
| 106 | Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi tat-tidwil pubbliku | Mira | L-għoti ta' 80 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għar-rinnovazzjoni ta' sistemi pubbliċi ta' tidwil li jiffrankaw mill- | | Perċentwal | 0 | 80 | K4 | 2024 | B'kollox għandhom jiġu appoġġati mill-inqas 2000 proġett ta' rinnovazzjoni ta' sistemi pubbliċi ta' tidwil taħt din il-miżura. Il-mira għandha tintlaħaq mal-ikkuntrattar ta' 80 % minnhom (jiġifieri 1600) sal-31 ta' Diċembru 2024. Il-proġetti għandhom jiġu evalwati u magħżula kull sena, abbażi tal-kriterji stabbiliti, wara proċedura tal-għażla trasparenti.<br><br>Għall-implimentazzjoni għandhom jintgħażlu biss dawk il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | inqas 30 % tal-enerġija primarja | | | | | | | primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %. Il-mira ta' 80 % tirreferi għal proġetti bi ftehim ta' għotja ffirmat. |
| 107 | Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi ta' tidwil pubbliku | Mira | Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija | | Iffrankar tal-enerġija f'tera joules fis-sena | 0 | 286 | K1 | 2026 | Il-mira għandha tintlaħaq meta l-konsum tal-enerġija jitnaqqas b' 286 TJ/fis-sena sal-31 ta' Marzu 2026 bħala riżultat tar-rikostruzzjoni tat-tidwil pubbliku, li għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija għandu jitnaqqas meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (jiġifieri n-nuqqas ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241). L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għal kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija. |
| 108 | Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi | Mira | L-għoti ta' 75 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % | | Perċentwal | 0 | 75 | K4 | 2023 | B'kollox għandhom jiġu appoġġati mill-inqas 400 proġett ta' rinnovazzjoni tal-bini taħt din il-miżura. Il-mira għandha tintlaħaq mal-ikkuntrattar ta' 75 % minnhom. Il-proġetti għandhom jiġu sottomessi lill-Fond Ambjentali tal-Istat f'sejħa kontinwa u evalwati abbażi tal-kriterji stabbiliti, wara proċedura tal-għażla trasparenti.<br><br>Għall-implimentazzjoni għandhom jintgħażlu biss dawk il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' 30 %. Il-mira ta' 75 % tirreferi għal proġetti bi ftehim ta' għotja ffirmat. L-investimenti fis-sostituzzjonijiet tal-bojlers inklużi dawk bil-gass naturali bħala sors tal-enerġija għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 109 | Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi | Mira | Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija | | Iffrankar tal-enerġija f'tera joules fis-sena | 0 | 390 | K1 | 2026 | Il-mira għandha tintlaħaq fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija fil-bini tal-istat bi 390 TJ/fis-sena sal-31 ta' Marzu 2026, bħala riżultat tar-rinnovazzjoni tal-bini, li għandha tintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija. Il-konsum tal-enerġija għandu jitnaqqas meta mqabbel max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo (jiġifieri n-nuqqas ta' appoġġ skont ir-Regolament (UE) 2021/241). L-ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi ddeterminat billi jitkejjel u/jew jiġi stmat il-konsum qabel u wara l-implimentazzjoni ta' miżura għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li tiġi żgurata n-normalizzazzjoni għal kundizzjonijiet esterni li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija. |

www.parlament.gv.at

## I. KOMPONENT 2.3: TRANŻIZZJONI GĦAL SORSI TA' ENERĠIJA AKTAR NADIFA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-bidla mill-fjuwils fossili għal sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi u mingħajr emissjonijiet bħall-enerġija fotovoltajka. Hija għandha l-għan li tnaqqas l-intensità tal-emissjonijiet tal-ekonomija Ċeka u l-emissjonijiet ta' sustanzi niġġiesa, kif ukoll lejn il-modernizzazzjoni tan-network tad-distribuzzjoni tal-enerġija tas-sħana, b'mod partikolari permezz tas-sostituzzjoni tal-fwar bl-ilma sħun, li jwassal għal iffrankar fis-sorsi primarji tal-enerġija.

Ir-riformi u l-investimenti jappoġġaw l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu tal-enerġija nodfa u effiċjenti, inkluż fir-reġjuni tal-faħam.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1:** Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali

Din il-miżura għandha l-għan li tiddekarbonizza t-tisħin distrettwali, b'mod partikolari billi żżid l-effiċjenza enerġetika, taqleb minn kombustjoni tal-faħam għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-kombustjoni ta' gass naturali, bijomassa u skart, u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sustanzi niġġiesa.

Għandha titwettaq u tiġi ppubblikata valutazzjoni tal-perkors lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja. Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti ffinanzjati taħt dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Settembru 2022.

**Riforma 2:** Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali

Din il-miżura għandha l-għan li tippromwovi l-investiment fil-bijomassa bbażat fuq l-iskart tal-bijomassa u r-residwi li jistgħu jiġu estratti b'mod sostenibbli, b'miżuri ta' akkumpanjament għat-tnaqqis tal-emissjonijiet.

Għandha tiġi ppubblikata valutazzjoni tat-trajettorji tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija u l-provvista tal-bijomassa fiċ-Ċekja u l-impatti tagħha fuq l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Assorbiment forestali tal-karbonju il-kwalità tal-arja għall-perjodu 2020-2030. Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti tal-bijoenerġija ffinanzjati taħt il-komponenti 2.2, 2.3 u 2.5 tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza.


www.parlament.gv.at

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2022.

**Investiment 1: <u>Żvilupp ta' sorsi ġodda ta' enerġija fotovoltajka</u>**

Din il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi mill-inqas parti mis-sorsi tal-enerġija li jaħdmu bil-faħam b'sorsi ta' enerġija fotovoltajka.

Kapaċità ġdida ta' sorsi ta' enerġija fotovoltajka ta' 270 MWp għandha tiġi installata u mħaddma. Il-proġetti għandhom jinkludu l-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija fotovoltajka fuq il-bjut tal-bini tal-kumpaniji inklużi postijiet ta' kenn (bħal xelters għall-karozzi, magni tal-kostruzzjoni jew ħżin ta' materjal) kif ukoll akkumulazzjoni ta' enerġija bil-għan li tottimizza l-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Dan l-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 2: <u>Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali</u>**

Din il-miżura għandha l-għan li tnaqqas il-kombustjoni tal-faħam għall-produzzjoni tas-sħana (u l-ġenerazzjoni tal-elettriku relatata) sal-2030, f'konformità mal-valutazzjoni adottata tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja taħt ir-riforma 1 ta' dan il-komponent, b'mod partikolari billi tagħmel it-tisħin distrettwali effiċjenti ħafna u tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-tniġġis permezz tas-sostituzzjoni ta' networks ta' distribuzzjoni bbażati fuq il-fwar b'networks ta' distribuzzjoni tal-ilma sħun.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, ir-rinnovazzjoni tal-faċilità tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija għandha tibda fi żmien tliet snin mill-modernizzazzjoni tan-network, sabiex tikkonforma mad-definizzjoni ta' "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE ("sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali li tuża mill-inqas 50 % enerġija rinnovabbli, 50 % sħana mormija, 75 % sħana koġenerata jew 50 % ta' kombinazzjoni ta' tali enerġija u sħana"). Għandu jiġi żgurat li dawn il-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u ma jużawx fjuwils fossili solidi bħala sors tas-sħana, ħlief dawk konformi mal-kriterji għall-ġenerazzjoni tas-sħana bbażata fuq il-gass naturali speċifikati fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikantim".

F'każ li l-bijomassa tintuża bħala sors ta' fjuwil, l-investiment għandu jkun konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra kif stabbilit fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ("id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli", "RED II"). Għandhom jintużaw biss l-iskart tal-bijomassa u r-residwi li jistgħu jiġu estratti b'mod sostenibbli u l-investiment għandu jkun akkumpanjat minn miżuri li jnaqqsu l-emissjonijiet.

Il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali għandha tiġi ggarantita sabiex l-emissjonijiet ikunu fil-livelli jew inqas tal-emissjonijiet assoċjati mal-limiti tal-Konklużjonijiet dwar l-Aqwa Tekniki Disponibbli (skont id-Direttiva dwar l-Emissjonijiet Industrijali).

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-miżuri li ġejjin:



www.parlament.gv.at

- Sat-30 ta' Ġunju 2024, qabel ma jitlesta l-investiment fin-network, iċ-Ċekja għandha tipprovdi pjan konkret għall-investiment f'faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana u l-enerġija, inklużi l-obbligi kuntrattwali meħuda mill-gvern Ċek biex jikkummissjona x-xogħol rilevanti.

- Il-kisba ta' ffrankar tal-enerġija primarja ta' 245 327 GJ li jirriżulta mill-modernizzazzjoni tan-networks tad-distribuzzjoni tas-sħana sal-31 ta' Marzu 2026.



www.parlament.gv.at

## I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 110 | Riforma 1: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali | Stadju importanti | Valutazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja | Pubblikazzjoni tal-valutazzjoni | | | | K3 | 2022 | Għandha titwettaq valutazzjoni tal-perkors lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja konformi mar-rekwiżiti legali tal-UE inklużi r-rekwiżiti li jinsabu fil-Gwida "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ.<br><br>Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti ffinanzjati taħt dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll l-investiment fil-qasam tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali ffinanzjat minn fondi oħra tal-UE jew sorsi nazzjonali f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali inkluż dwar ma ssirx ħsara sinifikanti. |
| 111 | Riforma 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali | Stadju importanti | Valutazzjoni tat-trajettorji tal-provvista sostenibbli tal-bijomassa fiċ-Ċekja | Pubblikazzjoni tal-valutazzjoni | | | | K4 | 2022 | Il-valutazzjoni tat-trajettorji tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija u l-provvista tal-bijomassa fiċ-Ċekja u l-impatti tagħha fuq il-bjar tal-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Assorbiment forestali tal-karbonju u l-bijodiversità kif ukoll l-impatt fuq il-kwalità tal-arja għall-perjodu 2020–2030, f'konformità mar-rekwiżiti legali tal-UE, inklużi r-rekwiżiti inklużi fil-Gwida "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), għandha titwettaq u tiġi ppubblikata mill-Ministeru tal-Ambjent f'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ u l-Ministeru tal-Agrikoltura.<br><br>Din il-valutazzjoni għandha tiggwida l-investimenti tal-bijoenerġija ffinanzjati taħt il-komponenti 2.2, 2.3 u 2.5 tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll l-investiment fil-bijoenerġija fl-oqsma tal-enerġija, it-trasport, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, il-forestrija jew l-agrikoltura ffinanzjati minn fondi oħra tal-UE jew minn sorsi nazzjonali f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti legali inkluż dwar ma ssirx ħsara sinifikanti. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 112 | Investiment 1: Żvilupp ta' sorsi ġodda ta' enerġija fotovoltajka | Mira | Żieda fil-kapaċità installata tas-sorsi FVE | | MWp | 0 | 270 | K1 | 2026 | Kapaċità ġdida ta' sorsi ta' enerġija fotovoltajka ta' 270 MWp għandha tiġi installata u mħaddma. |
| 113 | Investiment 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali | Stadju importanti | Pjan għal investiment f'faċilitajiet ta' ġenerazzjoni ta' sħana/enerġija | Is-sottomissjoni lill-Kummissjoni | | | | K2 | 2024 | Skont il-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), iċ-Ċekja għandha tipprovdi, qabel ma jitlesta l-investiment fin-network, pjan konkret għall-investiment f'faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tas-sħana/enerġija konformi mal-Gwida "La tagħmilx ħsara sinifikanti" Guidance (2021/C58/01), b'mod partikolari l-kriterji għas-sħana u l-enerġija naturali bbażati fuq il-gass stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida, fil-każ li l-gass naturali għandu jintuża, inkluż permezz ta' obbligi kuntrattwali meħuda mill-gvern Ċek biex jikkummissjona x-xogħol rilevanti.<br><br>Ir-rinnovazzjoni tal-faċilità tal-ġenerazzjoni tas-sħana u tal-enerġija għandha tibda fi żmien tliet snin mill-modernizzazzjoni tan-network, sabiex tikkonforma mad-definizzjoni ta' "tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti" fl-Artikolu 2(41) tad-Direttiva 2012/27/UE ("sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali li tuża mill-inqas 50 % enerġija rinnovabbli, 50 % sħana mormija, 75 % sħana koġenerata jew 50 % ta' kombinazzjoni ta' tali enerġija u sħana"). |
| 114 | Investiment 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali | Mira | L-iffrankar tal-enerġija primarja li jirriżulta mill-modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana | | Iffrankar tal-enerġija primarja f'gigajoules | 0 | 245 327 | K1 | 2026 | Għandu jinkiseb iffrankar tal-enerġija primarja ta' 245 327 GJ. |

## J. KOMPONENT 2.4: MOBILITÀ NADIFA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jappoġġa l-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Aġġornat għall-Mobbiltà Nadifa tar-Repubblika Ċeka abbażi tad-Direttiva 2014/94/UE. Wieħed mill-għanijiet strateġiċi ewlenin tal-Pjan ta' Azzjoni huwa li jinkiseb it-tħaddim ta' bejn 220 000 u 500 000 vettura elettrika fiċ-Ċekja sal-2030. Dan l-objettiv għandu jintlaħaq billi tiġi stimulata d-domanda permezz ta' sussidji, jiġu ffavoriti l-vetturi elettriċi fit-triq, tiġi appoġġata l-kostruzzjoni tal-infrastrutturi tal-iċċarġjar u tiġi pprovduta informazzjoni lill-pubbliku. Minbarra l-programm ta' sussidju għan-negozji, tħabbret l-istess inizjattiva għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u entitajiet pubbliċi oħra.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq infrastruttura u teknoloġiji diġitali b'kapaċità għolja, il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, u l-infrastruttura tat-trasport sostenibbli, inkluż fir-reġjuni tal-faħam, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3, għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-trasport, b'mod partikolari fuq is-sostenibbiltà, l-infrastruttura diġitali, u t-tranżizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u tal-enerġija tagħha, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Investiment 1: Il-bini tal-infrastruttura għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga**

Flimkien mal-Investiment 6 taħt dan il-komponent, l-għan ta' din il-miżura huwa li tiġġedded u tiġi dekarbonizzata l-flotta tat-trasport pubbliku fi Praga. L-appoġġ għall-karozzi tal-linja elettriċi u l-flotot tat-trolleybus b'emissjonijiet żero huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni kemm tas-settur tat-trasport kif ukoll tal-enerġija. Barra minn hekk, huwa mistenni li jtejjeb il-kwalità tal-arja u l-livelli tal-istorbju fl-ambjent urban. Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jżid l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-electro buses u t-trolleybuses li jaħdmu bil-batteriji fi Praga bi 52 unità u li jżid it-taqsima tat-toroq tal-iċċarġjar dinamiku (elettrifikazzjoni tat-toroq) għat-trolley buses li jaħdmu bil-batteriji b'40 kilometru.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 2: Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati**

Flimkien mal-Investiment 4 taħt dan il-komponent, dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jistimula d-domanda għall-karozzi elettriċi u li jappoġġa l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-idroġenu fit-trasport. Dan għandu jikkonsisti f'żieda fl-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati b'1500 unità. Għandu jiġi ggarantit trattament mhux diskriminatorju fost il-Fornituri tas-Servizzi tal-Mobilità Elettronika u għandu jingħata aċċess lill-pubbliku kemm jista' jkun. Is-sejħa għall-espressjoni ta' interess għandha tiggarantixxi distribuzzjoni ġeografika adegwata, inkluża l-analiżi


www.parlament.gv.at

tal-ħtiġijiet futuri għal tali infrastruttura u l-immappjar ta' żoni kritiċi fejn ikun hemm nuqqas sinifikanti ta' tali infrastruttura.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għal bini residenzjali**

Bil-għan li jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' vetturi elettriċi, dan l-investiment għandu jikkonsisti fiż-żieda tal-għadd ta' punti tal-iċċarġjar f'bini residenzjali, kemm f'garaxx privat kif ukoll fl-ispazji ta' parkeġġ riżervati għar-residenti tal-bini, b'2880 unità.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 4: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi – vetturi (elettriċi, H2, roti tal-merkanzija) għall-kumpaniji privati**

Bil-għan li tiġi stimulata d-domanda għal vetturi b'emissjonijiet żero, dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jżid l-għadd ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv (elettriċi, H2) għan-negozju b'4555 unità (3525 karozza elettrika, 30 karozza tal-idroġenu, 1000 ebike tal-merkanzija).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 5: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għal muniċipalitajiet, reġjuni, amministrazzjoni statali u entitajiet pubbliċi oħra kif ukoll organizzazzjonijiet oħra.**

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jżid l-għadd ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv (elettriċi, H2) għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-amministrazzjoni statali b'1485 unità u li jżid l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-amministrazzjoni statali b'200 unità.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 6: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (trolleybuses li jaħdmu bil-batterija u trammijiet b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga**

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jappoġġa x-xiri ta' 20 trolleybus li jaħdmu bil-batterija u 20 tramm b'qiegħ baxx għall-belt ta' Praga.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.



www.parlament.gv.at

## J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 115 | Investiment 1: Il-bini tal-infrastruttura għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga | Mira | L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar għall-belt ta' Praga | | Għadd | 0 | 52 | K4 | 2025 | Mill-inqas 52 punt tal-iċċarġjar ġodda għandhom ikunu operattivi għall-belt ta' Praga. |
| 116 | Investiment 1: Il-bini tal-infrastruttura għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga | Mira | L-għadd ta' kilometri ta' toroq attrezzati bl-iċċarġjar dinamiku għall-belt ta' Praga | | Km ta' | 0 | 40 | K4 | 2025 | Mill-inqas 40 km ta' toroq attrezzati bl-iċċarġjar dinamiku għat-trolley buses li jaħdmu bil-batterija għall-belt ta' Praga għandhom ikunu lesti biex joperaw. |
| 117 | Investiment 2: Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għall-kumpaniji privati | Mira | L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar użati għall-kumpaniji privati | | Għadd ta' | 0 | 1500 | K4 | 2025 | Mill-inqas 1500 punt tal-iċċarġjar ġodda għandhom ikunu operattivi u miftuħa għal partijiet terzi. |
| 118 | Investiment 3: Infrastruttura tal-bini – Punti tal-iċċarġjar għal bini residenzjali | Mira | L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar użati għal binjiet residenzjali | | Għadd ta' | 0 | 2 880 | K4 | 2025 | Mill-inqas 2880 punt tal-iċċarġjar ġodda għandhom ikunu operattivi. |
| 119 | Investiment 4: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi – vetturi (elettriċi, H2, roti) għall-kumpaniji privati | Mira | Għadd ta' vetturi (elettriċi, H2, roti) għall-kumpaniji privati | | Għadd ta' | 0 | 4 555 | K4 | 2025 | Għandhom jinxtraw mill-inqas 4 555 vettura ġdida b'emissjonijiet żero (3525 vettura elettrika, 30 karozza H2, 1000 roti elettriċi tal-merkanzija) għan-negozju. |
| 120 | Investiment 5: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għal | Mira | Għadd ta' vetturi (elettriċi, H2) għall-muniċipalitajiet, ir- | | Għadd ta' | 0 | 1 485 | K4 | 2025 | Għandhom jinxtraw mill-inqas 1 485 vettura ġdida b'emissjonijiet żero (elettriċi, H2) għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-amministrazzjoni statali. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linj a bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | muniċipalitajiet, reġjuni, amministrazzjoni statali | | reġjuni, l-amministrazzjoni tal-istat | | | | | | | |
| 121 | Investiment 5: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (elettriċi, H2) u infrastruttura għal muniċipalitajiet, reġjuni, amministrazzjoni statali u entitajiet pubbliċi oħra | Mira | Għadd ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar għal muniċipalitajiet, reġjuni, amministrazzjoni statali u entitajiet pubbliċi oħra | | Għadd ta' | 0 | 200 | K4 | 2025 | Mill-inqas 200 stazzjon tal-iċċarġjar ġdid għall-muniċipalitajiet, ir-reġjuni u l-amministrazzjoni statali u entitajiet pubbliċi u organizzazzjonijiet oħra għandhom ikunu operattivi. |
| 122 | Investiment 6: Għajnuna għax-xiri ta' vetturi (trolleybuses li jaħdmu bil-batterija u trammijiet b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga | Mira | Għadd ta' vetturi (trolleybuses li jaħdmu bil-batterija u trammijiet b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga | | Għadd ta' | 0 | 40 | K1 | 2026 | Għandhom ikunu operattivi mill-inqas 40 vettura ġdid b'emissjonijiet żero (20 trolleybus li jaħdmu bil-batterija u 20 tramm b'qiegħ baxx) għat-trasport pubbliku fil-belt ta' Praga. |

## K. KOMPONENT 2.5: RINNOVAZZJONI TAL-BINI U PROTEZZJONI TAL-ARJA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-ilma f'bini residenzjali, it-titjib tal-kwalità tal-għajxien f'dan il-bini, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u sustanzi niġġiesa oħra billi jissostitwixxi l-bojlers li jaħdmu bil-fjuwil solidu, l-adattament tal-bini residenzjali għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-bini ta' bini ġdid, kif ukoll is-sensibilizzazzjoni dwar l-iffrankar tal-enerġija, l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-adattament għat-tibdil fil-klima fis-settur residenzjali. Il-komponent għandu jiġi implimentat taħt il-programm ta' appoġġ New Green Savings (NGS) 2030.

Ir-riformi u l-investimenti inklużi f'dan il-komponent jappoġġaw l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika, filwaqt li tqis id-disparitajiet reġjonali, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija, inkluż fir-reġjuni tal-faħam.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, l-investimenti għandhom ikunu konformi mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet serra (GHG) kif stabbilit fl-Artikolu 29 tad-Direttiva 2018/2001 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ("id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli", "RED II"). Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għall-installazzjonijiet kollha irrispettivament mil-limiti inklużi fir-RED II. L-investimenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżit tar-Regolament RRF ta' ffrankar ta' mill-inqas 80 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu tal-bijomassa b'rabta mal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-komparatur tal-karburanti fossili stabbilit fl-Anness VI tal-RED II. F'ambjenti residenzjali, l-investimenti fil-bojlers tal-bijomassa jenħtieġ li ma jipperikolawx l-ilħuq tad-Direttiva 2008/50/EU. L-investimenti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn (jiġifieri r-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) u jiġu kklassifikati f'waħda mill-ogħla żewġ klassijiet tal-effiċjenza enerġetika rrappreżentati b'mod sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati għall-fjuwils kollha u għall-metodi kollha ta' tagħbija. L-investimenti għandhom ikunu ggwidati u konsistenti mal-valutazzjoni tat-trajettorji tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija u l-provvista tal-bijomassa fiċ-Ċekja u l-impatti tagħha fuq l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Assorbiment forestali tal-karbonju u l-bijodiversità kif ukoll l-impatt fuq il-kwalità tal-arja għall-perjodu 2020-2030, li hija parti mir-riforma 2 taħt il-komponent 2.3.

Ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini, l-użu tar-RES fis-settur residenzjali u l-iskambju ta' bojlers tal-fjuwil solidu għandhom iżidu l-effiċjenza tat-tisħin domestiku u huma miżura ewlenija biex jintlaħqu l-miri nazzjonali ta' tnaqqis skont id-Direttiva UE 2016/2284 u biex jintlaħqu l-istandards tal-kwalità tal-arja skont il-programmi ta' titjib tal-kwalità tal-arja. It-tnaqqis tal-emissjonijiet għandu jkollu wkoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-ilma, speċjalment it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-benżo (a) piren.



www.parlament.gv.at

**K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

**Riforma 1: Mewġa ta' rinnovazzjoni fis-settur tal-unitajiet domestiċi**

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali, inkluż l-ottimizzazzjoni ta' tali appoġġ u l-introduzzjoni ta' livell kwalitattivament ġdid ta' tħejjija tal-proġett. Il-miżura għandha wkoll tqajjem kuxjenza dwar il-possibbiltajiet li jitnaqqsu l-ħtiġijiet tal-enerġija u gradwalment tinbidel l-imġiba tal-konsumaturi tal-enerġija.

Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-programm "New Green Savings 2030" għandu jittejjeb billi jiġi ottimizzat l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet ta' appoġġ, billi jiżdiedu r-rekwiżiti għal rinnovazzjonijiet fuq skala medja (iffrankar ta' 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja), billi tiżdied l-enfasi fuq ir-rinnovazzjonijiet kumplessi tal-enerġija, billi jissaħħaħ l-appoġġ għall-kostruzzjoni ta' djar ġodda bi standards ogħla ta' effiċjenza enerġetika, u billi tiġi appoġġata ġestjoni effiċjenti tal-ilma.
- Tħejjija ta' qabel il-proġett f'żewġ stadji għandha tiġi introdotta għall-unitajiet domestiċi: Valutazzjoni bażika tal-għażliet ta' rinnovazzjoni, alternattivi, intensità tal-investiment, iffrankar tal-ispejjeż tal-enerġija, il-livell possibbli ta' sussidju min-New Green Savings (l-ewwel stadju) u ħarsa ġenerali lejn il-miżuri possibbli biex jiġu rinnovati d-djar u jintużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli fihom, inkluża valutazzjoni tal-effiċjenza ekonomika u l-fattibbiltà ta' dawn il-miżuri (it-tieni stadju). L-appoġġ ta' qabel il-proġett f'żewġ stadji għandu jtejjeb b'mod sinifikanti l-appoġġ għall-investiment, speċjalment għal familji bi dħul aktar baxx.
- Iċ-ċentri ta' konsultazzjoni dwar l-enerġija tan-Network Nazzjonali tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali għandhom jiġu integrati fin-network tal-aġenziji tal-enerġija lokali.
- L-appoġġ għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jużaw kostruzzjoni ekoloġika, teknoloġiji jew materjali ekoloġiċi taħt il-programm tal-Istat għall-appoġġ tal-iffrankar tal-enerġija (EFEKT) għandu jissaħħaħ u jitwessa' biex irawwem it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-kwalità ta' proġetti għall-iffrankar tal-enerġija.
- Is-sistema eżistenti ta' edukazzjoni ambjentali u ta' sensibilizzazzjoni fl-ekoċentri mmirati lejn it-tfal u ż-żgħażagħ għandha tiġi estiża għall-pubbliku ġenerali kollu u għandu jkollha fokus ġdid sinifikanti fuq l-iffrankar tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Riforma 2: Appoġġ għall-komunitajiet tal-enerġija**

Din il-miżura għandha l-għan li tistabbilixxi "komunitajiet tal-enerġija" li jinvolvu s-settur residenzjali u intraprenditorjali b'mod attiv fl-użu tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ iffukati fuq l-iżvilupp tal-enerġija bbażata fuq il-komunità.

Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Il-programm "New Green Savings 2030" għandu jappoġġa l-installazzjoni ta' sorsi ġodda tal-enerġija rinnovabbli b'mod li jelimina l-ostakli għall-integrazzjoni futura tagħhom fil-komunità usa' tal-enerġija. Il-programm "New Green Savings 2030" għandu jappoġġa wkoll siti komuni iżgħar għall-ħżin tal-enerġija f'diversi djar jew il-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija f'bini b'ħafna familji individwali u miżuri oħra ta' investiment marbuta mal-komunitajiet tal-enerġija.



www.parlament.gv.at

- L-istabbiliment ta' komunitajiet tal-enerġija kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni ffukati fuq l-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija għandhom ikunu appoġġati minn miżuri mhux ta' investiment.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 1: Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija**

Din il-miżura għandha l-għan li tiffranka l-enerġija fil-bini residenzjali, tibni bini residenzjali ġdid li jaqbeż l-istandards obbligatorji tal-enerġija, tissostitwixxi sorsi ta' kombustjoni mhux konformi fid-djar li jużaw fjuwils solidi b'bojlers li jikkondensaw il-gass tal-klassi tal-enerġija A, tuża sorsi tal-enerġija rinnovabbli bħala parti mir-rinnovazzjoni komprensiva tal-enerġija tal-bini, u tadatta għat-tibdil fil-klima, inkluża l-ġestjoni tal-ilma. Għandhom jiġu promossi soluzzjonijiet tal-enerġija intelliġenti fil-livell ta' unitajiet domestiċi individwali, djar jew gruppi żgħar ta' djar bħal miters intelliġenti, siti tal-ħżin tal-enerġija komuni u aggregazzjoni tad-domanda.

L-ispiża għall-installazzjoni ta' bojlers li jikkondensaw il-gass għandha tirrappreżenta massimu ta' 20 % tal-ispiża globali tal-programm ta' rinnovazzjoni u tiġi installata sabiex tissostitwixxi l-bojlers ibbażati fuq il-fjuwil solidu. L-iskema tal-effiċjenza enerġetika għandha tinċentiva lill-benefiċjarji biex jinstallaw bojlers ġodda li jaħdmu bil-gass u biex jadottaw ukoll miżuri oħra tal-effiċjenza enerġetika.

Il-programm ta' rinnovazzjoni għandu jwassal, bħala medja, għal tnaqqis ta' 30 % fid-domanda għall-enerġija primarja tal-bini rinnovat.

Massimu ta' 10 % tal-allokazzjoni totali ta' din il-miżura għandu jappoġġa l-kostruzzjoni ta' bini ġdid. Il-bini l-ġdid appoġġat għandu jkollu Domanda għall-Enerġija Primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' Bini b'Enerġija Qrib Żero.

Mill-inqas 70 % tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ. L-indikaturi tal-Livell(i) tal-UE għandhom jintużaw għall-valutazzjoni u r-rappurtar dwar il-prestazzjoni tas-sostenibbiltà tal-bini, matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-bini.

Il-konsumaturi vulnerabbli tal-enerġija għandhom jiġu appoġġati wkoll.

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-proġetti li ġejjin:

- Proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b' 1 200 TJ/sena kkuntrattati bejn l-1 ta' Frar 2020 u t-30 ta' Settembru 2021.

- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b'4 021 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b'631 kt/sena bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fid-djar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli**

Din il-miżura għandha l-għan li tissostitwixxi s-sorsi ta' kombustjoni mhux konformi fid-djar li jużaw karburanti solidi b'sorsi ta' tisħin b'emissjonijiet baxxi (pompi tas-sħana, bojlers tal-bijomassa), u l-installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli adatti għas-settur tad-djar, b'mod partikolari sistemi fotovoltajċi u fototermali.



www.parlament.gv.at

L-investiment għandu jiġi implimentat permezz tal-proġetti li ġejjin:

- Proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b' 186 TJ/sena u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b' 91 kt/sena kkuntrattati bejn l-1 ta' Frar 2020 u t-30 ta' Settembru 2021.
- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b' 396 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b'158 kt CO2/sena sat-30 ta' Settembru 2023.
- Tnaqqis fil-konsum tal-enerġija b'1132 TJ/sena u tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b'450 kt CO2/sena sal-31 ta' Diċembru 2025.
- It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija bi 360 TJ/sena u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 b'118-il kt/sena milħuq permezz tal-appoġġ ta' gruppi soċjalment żvantaġġati tal-popolazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: Appoġġ għat-tħejjija u s-sensibilizzazzjoni ta' qabel il-proġett, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-informazzjoni fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja**

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa t-tħejjija ta' qabel il-proġett ta' rinnovazzjonijiet li jiffrankaw l-enerġija, skambji tas-sħana għal enerġija aktar effiċjenti fl-enerġija u b'mod partikolari, l-awtomatizzazzjoni fil-ġestjoni tal-konsum tal-enerġija fis-settur tad-djar, inklużi l-edukazzjoni u t-taħriġ f'dawn l-oqsma. 40 proġett ta' preparazzjoni ta' proġetti tal-enerġija tal-Komunità, 3 600 studju ta' preparazzjoni ta' proġetti għal djar tal-familja, 1 200 studju ta' preparazzjoni ta' proġetti għal bini ta' appartamenti u 50 proġett ta' Ċentri ta' Konsultazzjoni u Informazzjoni dwar l-Enerġija għandhom jitlestew.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

## K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 123 | Riforma 1: Mewġa ta' rinnovazzjoni fis-settur tal-unitajiet domestiċi | Stadju importanti | Servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ għar-innovazzjoni fis-settur domestiku u skeda ta' żmien għall-miżuri ta' implimentazzjoni inklużi fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja | Il-bidu tal-operat tas-servizzi ta' konsultazzjoni u taħriġ u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni ta' skeda ta' żmien għall-miżuri ta' implimentazzjoni inklużi fil-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja | | | | K4 | 2025 | Tħejjija ta' qabel il-proġett f'żewġ stadji għandha tiġi introdotta għall-unitajiet domestiċi.<br><br>Iċ-ċentri ta' konsultazzjoni dwar l-enerġija tan-Network Nazzjonali tal-Gruppi ta' Azzjoni Lokali għandhom jiġu integrati fin-network tal-aġenziji tal-enerġija lokali, sistema ta' konsulenza dwar l-enerġija magħmula miċ-Ċentri ta' Konsultazzjoni u Informazzjoni dwar l-Enerġija u Gruppi ta' Azzjoni Lokali individwali.<br><br>Il-fokus tal-programm tal-Istat għall-appoġġ tal-iffrankar tal-enerġija (EFEKT) għandu jiġi estiż biex ikopri d-domanda għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li jużaw kostruzzjoni ekoloġika, teknoloġiji jew materjali ekoloġiċi, u t-titjib tal-preparazzjoni tal-kwalità u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jiffrankaw l-enerġija.<br><br>Is-sistema eżistenti ta' edukazzjoni ambjentali u ta' sensibilizzazzjoni mmirata lejn it-tfal u ż-żgħażagħ għandha tiġi estiża għall-pubbliku ġenerali kollu u għandu jkollha fokus ġdid fuq l-iffrankar tal-enerġija, l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tibdil fil-klima u l-adattament għat-tibdil fil-klima.<br><br>Skeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-pjanijiet approvati dwar il-kwalità tal-arja ffukata fuq l-agglomerazzjonijiet bl-ogħla livelli ta' qabżiet għandha tiġi elaborata u l-implimentazzjoni tagħhom għandha tibda sat-30 ta' Ġunju 2022. |
| 124 | Riforma 2: | Mira | Servizzi ta' | | Għadd | 0 | 40 | K4 | 2025 | Is-servizzi konsultattivi dwar l-installazzjoni ta' sorsi ta' enerġija |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | Appoġġ għat-tħejjija ta' qabel il-proġett u l-appoġġ għal proġetti tal-enerġija komunitarja | | konsulenza dwar il-komunitajiet tal-enerġija | | ta' komunitajiet tal-enerġija appoġġati | | | | | rinnovabbli ġodda b'tali mod li jiġu eliminati l-ostakli għall-integrazzjoni futura tagħhom fil-komunità tal-enerġija usa', siti tal-ħżin tal-enerġija komuni iżgħar minn diversi djar, il-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija f'bini individwali b'ħafna familji u miżuri oħra ta' investiment marbuta mal-komunitajiet tal-enerġija għandhom jiġu introdotti f'kull reġjun taċ-Ċekja mill-uffiċċju reġjonali tal-Fond tal-Istat għall-Ambjent.<br><br>L-istabbiliment ta' 40 komunità tal-enerġija kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni ffukati fuq l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija għandhom jiġu appoġġati minn servizzi ta' konsulenza tal-Fond tal-Istat għall-Ambjent. |
| 125 | Investiment 1: Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija | Mira | Proġetti kkuntrattati għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija (fil-perjodu 02/2020 - 09/2021) | | Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena | 0 | 1 200 | K3 | 2024 | Il-proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija b' 1 200 TJ/sena għandhom jiġu kkuntrattati mill-Fond tal-Istat għall-Ambjent bejn l-1 ta' Frar 2020 u t-30 ta' Settembru 2021.<br><br>Huma biss il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. L-investimenti fis-sostituzzjonijiet ta' bojlers li jikkondensaw il-gass għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali tal-miżura 2.5.1. |
| 126 | Investiment 1: Rinnovazzjoni u rivitalizzazzjoni tal-bini għall-iffrankar tal-enerġija | Mira | It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 | | Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena | 1 200 | 4 021 | K4 | 2025 | Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu b' 4 021 TJ/sena u b' 631 kt/sena, rispettivament, bejn l-1 ta' Frar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2025, li għandhom jintwerew permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.<br><br>Huma biss il-proġetti li fuq medja jiksbu tnaqqis fil-konsum tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % li għandhom jintgħażlu għall-implimentazzjoni. L-investimenti fis-sostituzzjonijiet ta' bojlers li jikkondensaw il-gass għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 20 % tal-allokazzjoni globali tal-miżura 2.5.1. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 127 | Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fid-djar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli | Mira | Proġetti kkuntrattati għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 (bejn K1 2020 u K3 2021) | | Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena | 0 | 186 | K3 | 2023 | Proġetti għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 b'186 TJ/sena u b'91 kt/sena, rispettivament, għandhom jiġu kuntrattati mill-Fond tal-Istat għall-Ambjent sat-30 ta' Settembru 2021.<br><br>Fir-rigward tal-bijomassa, mill-inqas 80 % tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) għandu jinkiseb mill-użu tal-bijomassa b'rabta mal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. |
| 128 | Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fid-djar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli | Mira | Tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet tas-CO2 (35% implimentat) | | Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena | 186 | 396 | K3 | 2023 | Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu bi 396 TJ/sena u b 158 kt/sena, rispettivament, sat-30 ta' Settembru 2023 jiġu evidenzjati b'ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.<br><br>Fir-rigward tal-bijomassa, mill-inqas 80 % tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) għandu jinkiseb mill-użu tal-bijomassa b'rabta mal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. |
| 129 | Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fid-djar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli | Mira | It-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 | | Iffrankar tal-enerġija f'terra joules fis-sena | 396 | 1 132 | K4 | 2025 | Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu b'1 132 TJ/sena u b'450 kt/sena, rispettivament, sal-31 ta' Diċembru 2025, li għandhom jiġu evidenzjati b'ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.<br><br>Il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tas-CO2 għandhom jitnaqqsu bi 360 TJ/sena u b'118-il kt/sena, rispettivament, permezz tal-appoġġ tal-gruppi soċjalment żvantaġġati tal-popolazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025. It-tnaqqis għandu jintwera permezz ta' ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija.<br><br>Fir-rigward tal-bijomassa, mill-inqas 80 % tal-iffrankar tal- |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) għandu jinkiseb mill-użu tal-bijomassa b'rabta mal-metodoloġija tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra u l-komparatur relattiv tal-fjuwils fossili stabbiliti fl-Anness VI tad-Direttiva (UE) 2018/2001. |
| 130 | Investiment 3: Appoġġ għat-tħejjija u s-sensibilizzazzjoni ta' qabel il-proġett, l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-informazzjoni fil-qasam tal-iffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u sustanzi oħra li jniġġsu l-arja | Mira | Proġetti ta' tħejjija ta' qabel il-proġett, studji, taħriġ u proġetti tal-enerġija komunitarja | | Għadd ta' proġetti | 0 | 4 890 | K4 | 2025 | 4 890 proġett, inkluż 40 proġett ta' preparazzjoni ta' proġetti tal-enerġija komunitarja, 3 600 studju ta' preparazzjoni ta' proġetti għal djar tal-familja, 1 200 studju ta' preparazzjoni ta' proġetti għal bini ta' appartamenti u 50 proġett ta' Ċentri ta' Konsultazzjoni u Informazzjoni dwar l-Enerġija, għandhom jitlestew. |

## L. KOMPONENT 2.6: IL-PROTEZZJONI TAN-NATURA U L-ADATTAMENT GĦAT-TIBDIL FIL-KLIMA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati, f'konformità mal- "Istrateġija dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima fir-Repubblika Ċeka", l-isfidi li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima fl-oqsma ta' prijorità li ġejjin: Il-ġestjoni tal-foresti, l-agrikoltura, ir-reġim tal-ilma fil-pajsaġġ, il-ġestjoni tal-ilma u l-bijodiversità.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikant" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu fit-termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeħtieġu li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali, jiġifieri d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Għargħar, id-Direttiva dwar il-Ħabitats u l-Għasafar, il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika.

Il-proċeduri ta' akkwist għandhom jitniedu f'konformità mal-liġi tal-akkwist pubbliku tal-UE u dik nazzjonali. Il-Ministeru tal-Agrikoltura għandu jiżgura li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali, jiġifieri d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Għargħar, id-Direttivi dwar il-Ħabitats u l-Għasafar, id-Direttiva dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika, u l-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

### L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Investiment 1: Protezzjoni mill-għargħar**

Din il-miżura għandu jkollha l-għan li tipproteġi ż-żoni popolati kontra l-effetti negattivi tal-għargħar, li ttejjeb iż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ, u li tiffaċilita t-trattament naturali tal-istrutturi eżistenti tal-ilma f'żoni mibnija. L-investiment għandu jikkonsisti minn: l-identifikazzjoni tal-potenzjal taż-żamma tal-ilma; l-istabbiliment, it-trattament u r-rikostruzzjoni ta' biċċiet ta' art rikjamata (polders) u l-assorbiment ta' strixxi ta' veġetazzjoni; Il-kostruzzjoni u r-rikostruzzjoni ta' ġibjuni naturali tal-ilma; u ta' miżuri oħra biex jinkiseb ritardament tal-iskol tas-superfiċje u tnaqqis fil-veloċità tal-mewġ tal-għargħar.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru, 2023.

**Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni żgħar tal-ilma**

Il-miżura għandha timmira għal titjib sinifikanti fil-kundizzjoni morfoloġika ta' kanali tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma żgħar eżistenti, fir-rivitalizzazzjoni ta' mogħdijiet tal-ilma żgħar, u fil-kostruzzjoni ta' għadajjar żgħar ġodda qrib in-natura. Dan jikkontribwixxi għaż-żamma tal-ilma, u jżid l-iżvilupp tal-veġetazzjoni kostali u ż-żamma tal-ilma fil-mogħdijiet tal-ilma. Dan iwassal ukoll għal żieda fis-sigurtà fil-każ ta' flussi fil-bliet u l-muniċipalitajiet.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru, 2023.



www.parlament.gv.at

**Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art**

Il-miżura għandu jkollha l-għan li żżid l-istabbiltà ekoloġika tal-pajsaġġ u r-reżiljenza tiegħu għat-tibdil fil-klima, li tippromwovi l-bijodiversità u l-funzjonijiet mhux produttivi tal-pajsaġġ u li tipproteġi l-artijiet agrikoli u r-riżorsi tal-ilma. Il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni tal-potenzjal taż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ u għandhom jiffokaw primarjament fuq il-protezzjoni tal-kwalità u l-kwantità tal-ħamrija u tal-ilma, id-diviżjoni ta' roqgħat kbar ta' art agrikola skont il-karatteristiċi tal-pajsaġġ, l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-erożjoni bbażati fuq in-natura (balk, dijagonali, trinek, strixxi ta' veġetazzjoni) fil-pajsaġġ biex jiġu eliminati l-effetti negattivi tal-iskol tas-superfiċje. Il-miżuri għaż-żamma tal-ilma għandhom jiffukaw prinċipalment fuq proġetti bħar-restawr tal-artijiet mistagħdra, ir-rivitalizzazzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma u l-ħolqien ta' għadajjar. Dan l-investiment għandu jinkludi wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' infrastruttura ekoloġika li jappoġġaw il-bijodiversità bħal pereżempju l-bijoċentri u l-bijokurituri.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru, 2023.

**Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima**

Din il-miżura għandu jkollha l-għan li tirrestawra foresta stabbli billi jitħawlu speċijiet indiġeni u eteroġeni, filwaqt li timmira li l-kompożizzjoni multiġenerazzjonali u spazjali tal-foresta tkun reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u konsistenti mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Dan l-investiment għandu jiġi kkompletat b'emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti, li għandu jwitti t-triq speċifikament għal foresti multiġenerazzjonali, multispeċi u reżiljenti.

L-investiment għandu jitlesta stl-30 ta' Settembru 2024.

**Investiment 5: Iż-żamma tal-ilma fil-foresti**

Din il-miżura għandu jkollha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-foresti permezz tal-implimentazzjoni ta' proġetti li jtejbu l-kundizzjonijiet tal-ħamrija, tal-ilma u mikroklimatiċi bħal (it-trattament ta' passaġġi tal-ilma tal-foresti, ġibjuni żgħar tal-ilma fil-foresti, u miżuri għaż-żamma naturali tal-ilma mmirati biex inaqqsu r-ritmu tal-iskular), u permezz tal-monitoraġġ tal-erożjoni aċċellerata u l-protezzjoni tal-baċiri li jwaqqgħu l-ilma.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2024.


www.parlament.gv.at

## L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 131 | Investiment 1: Protezzjoni mill-għargħar | Stadju importanti | Notifika tal-għoti ta' kuntratti għall-protezzjoni mill-għargħar | Notifika ta' proġetti mogħtija u offerenti kkuntrattati minn [isem l-awtorità ta' ġestjoni] | | | | K1 | 2022 | Notifika ta' proġetti ta' protezzjoni mill-għargħar mogħtija (għadd totali ta' proġetti: 40). Għal kull proġett, il-konformità sħiħa mar-rekwiżiti tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma għandha tiġi żgurata u murija qabel il-bidu ta' kwalunkwe xogħol ta' kostruzzjoni. |
| 132 | Investiment 1: Protezzjoni kontra l-Għargħar | Mira | T1: Tlestija ta' 20 proġett li għandhom l-għan li jistabbilixxu protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar. | | Għadd ta' proġetti | 0 | 20 | K4 | 2022 | L-ewwel rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti ċċertifikat mill-Ministeru tal-Agrikoltura għal 20 proġett elenkati. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-bini u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkos għandhom jiġu evitati.<br><br>Il-proġetti elenkati għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw il-permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-i*status* tal-korpi tal-ilma fl-istess baċin tax-xmara u fuq ħabitats u speċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kurituri tal-migrazzjoni, ix-xmajjar jew l-ekosistemi li jiċċirkolaw faċilment, kif ukoll il-pressjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma għandux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas ma jipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li miegħu huwa relatat u lanqas korpi tal-ilma oħrajn fl-istess baċir tax-xmara milli jiksbu *status* jew potenzjal tajbin, u (ii) lanqas ma jħalli impatt negattiv fuq ħabitats protetti u speċi li jiddependu direttament fuq l-ilma. Inkiseb *status*/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma u dan ġie ppruvat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti.<br><br>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal- |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE, għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.<br><br>Fir-rigward tal-proġetti mmirati lejn ir-rikostruzzjoni jew l-immodernizzar tad-digi (u b'mod partikolari l-proġett tad-diga Orlik): it-tfassil tal-proġett għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-EIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju DNSH għandha tiġi integrata fil-proġett u għandha tiġi osservata b'mod strett fl-istadji tal-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar tal-infrastruttura. Ir-rapport ta' tlestija għandu jikkonferma r-rispett sħiħ tal-eżitu tal-EIA, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, l-iżgurar tal-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Għandha titwettaq analiżi tar-riskju tal-proġett. Din l-analiżi tar-riskju għandha tindirizza wkoll il-kundizzjonijiet klimatiċi futuri. Kull rikostruzzjoni jew modernizzazzjoni ma għandhiex twassal għal żieda fil-kapaċità tad-diga |
| 133 | Investiment 1: Protezzjoni kontra l-Għargħar | Mira | T2: Tlestija ta' 20 proġett addizzjonali li għandhom l-għan li jistabbilixxu protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar. | | Għadd ta' proġetti | 20 | 40 | K4 | 2023 | It-tieni rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti għal 20 proġett addizzjonali elenkati. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-bini u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkos għandhom jiġu evitati.<br><br>Il-proġetti elenkati għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw il-permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-i*status* tal-korpi tal-ilma fl-istess baċin tax-xmara u fuq ħabitats u speċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | jitqiesu b'mod partikolari l-kurituri tal-migrazzjoni, ix-xmajjar jew l-ekosistemi li jiċċirkolaw faċilment, kif ukoll il-pressjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma għandux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas ma jipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li miegħu huwa relatat u lanqas korpi tal-ilma oħrajn fl-istess baċir tax-xmara milli jiksbu *status* jew potenzjal tajbin, u (ii) lanqas ma jħalli impatt negattiv fuq ħabitats protetti u speċi li jiddependu direttament fuq l-ilma. Inkiseb *status*/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma u dan ġie ppruvat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti.<br><br>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandhom jitlestew skont id-Direttiva 2011/92/UE għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.<br><br>Fir-rigward tal-proġetti mmirati lejn ir-rikostruzzjoni jew l-immodernizzar tad-digi (u b'mod partikolari l-proġett tad-diga Orlik): it-tfassil tal-proġett għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-EIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE bħala meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju DNSH għandha tiġi integrata fil-proġett u għandha tiġi osservata b'mod strett fl-istadji tal-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar tal-infrastruttura. Ir-rapport ta' tlestija għandu jikkonferma r-rispett sħiħ tal-eżitu tal-EIA, inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, l-iżgurar tal-konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). Għandha |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | titwettaq analiżi tar-riskju tal-proġett. Din l-analiżi tar-riskju għandha tindirizza wkoll il-kundizzjonijiet klimatiċi futuri. Kull rikostruzzjoni jew modernizzazzjoni ma għandhiex twassal għal żieda fil-kapaċità tad-diga |
| 134 | Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma | Stadju importanti | Preżentazzjoni mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-lista ta' proġetti li għandhom jiġu appoġġati taħt l-investiment 2 | Preżentazzjoni tal-lista ta' proġetti li għandhom jiġu appoġġati skont l-investiment 2 | | | | K3 | 2021 | Il-Ministeru tal-Agrikoltura għandu jippreżenta lill-Kummissjoni bażi tad-*data* li tinkludi l-identifikazzjoni tal-proġetti, deskrizzjoni qasira u skeda ta' żmien għat-tlestija. Il-proġetti għandhom jikkonsistu fil-kostruzzjoni u r-rikostruzzjoni ta' ġibjuni żgħar ta' l-ilma fir-Repubblika Ċeka kollha. It-tfassil tal-proġetti għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/EE. |
| 135 | Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma | Mira | T1: Tlestija ta' 50 % tal-proġetti tal-mogħdijiet tal-ilma żgħar u tal-ġibjuni tal-ilma | | Għadd ta' proġetti | 0 | 450 | K2 | 2022 | Rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti għal 50 % tal-proġetti. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-bini u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkos għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun.<br><br>Il-proġetti għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw il-permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali u u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-i*status* tal-korpi tal-ilma fl-istess baċin tax-xmara u fuq ħabitats u speċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kurituri tal-migrazzjoni, ix-xmajjar jew l-ekosistemi li jiċċirkolaw faċilment, kif ukoll il-pressjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma għandux impatt sinifikanti jew irriversibbli |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas ma jipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li miegħu huwa relatat u lanqas korpi tal-ilma oħrajn fl-istess baċir tax-xmara milli jiksbu *status* jew potenzjal tajbin, u (ii) lanqas ma jħalli impatt negattiv fuq ħabitats protetti u speċi li jiddependu direttament fuq l-ilma. Inkiseb *status*/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma u dan ġie ppruvat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti.<br><br>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandhom jitlestew skont id-Direttiva 2011/92/UE għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.<br><br>F'każ li l-ġibjuni tal-ilma jkunu maħsuba għat-tisqija, kull espansjoni tas-sistema ta' irrigazzjoni eżistenti (inkluż permezz ta' żieda fl-użu tal-ilma, jiġifieri mhux biss l-espansjoni fiżika), anki permezz ta' metodi aktar effiċjenti, ma tiġix appoġġata fejn il-korpi tal-ilma kkonċernati (ilmijiet tal-wiċċ jew ta' taħt l-art) huma, jew ipproġettati li jkunu, (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) fi *status* jew potenzjal inqas minn tajjeb. |
| 136 | Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma | Mira | T2: Tlestija ta' 50 % ta' kanali tal-ilma u ġibjuni tal-ilma żgħar addizzjonali | | Għadd ta' proġetti | 450 | 900 | K4 | 2023 | Rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti ċċertifikat mill-Ministeru tal-Agrikoltura għall-50 % li jifdal tal-proġetti. F'konformità mal-pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050, soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jingħataw preferenza, filwaqt li l-bini u/jew ir-rinnovazzjoni ta' infrastruttura artifiċjali għall-protezzjoni mill-għargħar ibbażata fuq il-konkos għandhom jiġu evitati.<br><br>Il-proġetti għandhom jiġu implimentati biss ladarba jingħataw il-permessi mill-awtorità tal-ilma rilevanti abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali u u valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Dawn il-permessi għandhom jivvalutaw l-impatti potenzjali kollha fuq l-i*status* tal-korpi tal-ilma fl- |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | istess baċin tax-xmara u fuq ħabitats u speċijiet protetti li jiddependu direttament fuq l-ilma, filwaqt li jitqiesu b'mod partikolari l-kurituri tal-migrazzjoni, ix-xmajjar jew l-ekosistemi li jiċċirkolaw faċilment, kif ukoll il-pressjonijiet attwali relatati mal-astrazzjoni tal-ilma. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tistabbilixxi li l-proġett (i) ma għandux impatt sinifikanti jew irriversibbli fuq il-korpi tal-ilma affettwati, u lanqas ma jipprevjeni lill-korp tal-ilma speċifiku li miegħu huwa relatat u lanqas korpi tal-ilma oħrajn fl-istess baċir tax-xmara milli jiksbu *status* jew potenzjal tajbin, u (ii) lanqas ma jħalli impatt negattiv fuq ħabitats protetti u speċi li jiddependu direttament fuq l-ilma. Inkiseb *status*/potenzjal ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma u dan ġie ppruvat mill-aħħar *data* ta' appoġġ rilevanti.<br><br>Bl-istess mod, ir-riżultati u l-kundizzjonijiet kollha meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandhom jitlestew skont id-Direttiva 2011/92/UE għandhom jiġu rispettati (b'mod partikolari l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati) kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti skont id-Direttiva dwar il-Ħabitats kif inklużi fil-kundizzjonijiet stipulati mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tan-natura.<br><br>F'każ li l-ġibjuni tal-ilma jkunu maħsuba għat-tisqija, kull espansjoni tas-sistema ta' irrigazzjoni eżistenti (inkluż permezz ta' żieda fl-użu tal-ilma, jiġifieri mhux biss l-espansjoni fiżika), anki permezz ta' metodi aktar effiċjenti, ma tiġix appoġġata fejn il-korpi tal-ilma kkonċernati (ilmijiet tal-wiċċ jew ta' taħt l-art) huma, jew ipproġettati li jkunu, (fil-kuntest tal-intensifikazzjoni tat-tibdil fil-klima) fi *status* jew potenzjal inqas minn tajjeb. |
| 137 | Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art | Mira | It-tlestija ta' proġetti ta' infrastruttura ekoloġika li jippromwovu l-bijodiversità inklużi l-bijoċentri, il-bijokurituri u t-tħawwil ta' ħdura tipika lokali fil-pajsaġġ agrikolu (f'ettari ta' art li | | Ettari ta' proġetti ta' infrastruttura ekoloġika | 0 | 90 | K4 | 2023 | Għandhom jitlestew mill-inqas 90 ettaru ta' proġetti ta' infrastrutturi ekoloġiċi. Dawn il-proġetti għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni taż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ mill-awtorità tal-amministrazzjoni tal-Istat għall-protezzjoni tal-ambjent u għandhom ikunu konformi mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Istrateġija għall-Protezzjoni tal-Bijodiversità tar-Repubblika Ċeka, il-Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċin tax-Xmara u l-Pjanijiet għall-Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | jservi l-investiment). | | | | | | | |
| 138 | Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art | Mira | It-tlestija ta' azzjonijiet ta' protezzjoni ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima (f'ettari ta' art li jservi l-investiment). | | Ettari ta' art | 0 | 150 | K4 | 2023 | Tlestew mill-inqas 150 ettaru ta' azzjonijiet ta' protezzjoni ambjentali u ta' adattament għal proġetti relatati mat-tibdil fil-klima. Dawn il-proġetti għandhom jiffokaw primarjament fuq il-protezzjoni tal-ħamrija u l-ilma, kemm il-kwantità kif ukoll il-kwalità. Proġetti individwali għandhom jimplimentaw azzjonijiet kontra l-erożjoni fil-pajsaġġ (fosos, overhangs, borduri, strixxi ta' veġetazzjoni u elementi oħra ta' ritardazzjoni) biex jeliminaw l-effetti negattivi, speċjalment tax-xita torrenzjali. Dawn l-azzjonijiet, li jgħinu biex iżommu l-ilma fil-pajsaġġ, prinċipalment mix-xita torrenzjali dejjem aktar frekwenti, għandhom jappoġġaw l-infiltrazzjoni tal-ilma f'taħt l-art, inaqqsu l-evaporazzjoni tal-ilma fil-pajsaġġ agrikolu u għandhom jipprovdu appoġġ għal ċiklu żgħir tal-ilma, inaqqsu t-tniġġis tal-ilma u jneħħu l-ħamrija. L-investimenti fl-infrastruttura (bħat-toroq lokali) għandhom jiġu esklużi. |
| 139 | Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima | Stadju importanti | Emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti (emenda għad-Digriet Nru 84/1996 Coll. dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti) | Id-dħul fis-seħħ tal-Emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti (emenda għad-Digriet Nru 84/1996 Coll. dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti) | | | | K1 | 2023 | Għandha tiġi adottata emenda għad-digriet ministerjali dwar il-ġestjoni tal-foresti, li għandu jwitti t-triq speċifikament għal foresti multiġenerazzjonali, multispeċi u reżiljenti. L-emenda għad-Digriet dwar il-Ġestjoni tal-Foresti għandu jkollha l-għan li toħloq foresta multiġenerazzjonali ġenwina, tintroduċi metodi innovattivi ta' ppjanar tal-ġestjoni tal-foresti għall-foresti bi struttura ta' età rikka. Id-Digriet għandu jiżgura li l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet tas-siġar ta' foresti mhawla ġodda tkun kompożizzjoni qrib in-natura b'żieda sinifikanti ta' speċijiet b'weraq wesgħin (l-hekk imsejħa "kompożizzjoni rakkomandata" mir-riċerka). |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 140 | Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima | Mira | T1: Riforestazzjoni ta' 12 000 ettaru ta' żoni permezz ta' speċijiet ta' siġar ameliorattivi u stabbilizzanti | | Ettari ta' riforestazzjoni | 0 | 12000 | K3 | 2022 | Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal proġetti ta' riforestazzjoni ta' 12 000 ettaru. Ir-riforestazzjoni għandha timmira li tiżgura foresti multiġenerazzjonali u multispeċijiet fir-rigward tal-kompożizzjoni spazjali li huma ġestiti skont approċċ ta' forestrija b'kopertura kontinwa. Foresti monospeċifiċi ta' età ugwali għandhom jiġu sostitwiti b'ekosistemi aktar bijodiversi, li jillimitaw l-użu ta' tqaċċit totali tas-siġar għal każijiet fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu ggarantiti s-saħħa tal-foresti u r-riġenerazzjoni effettiva, u jiġi limitat kemm jista' jkun id-daqs taż-żona ta' tqaċċit totali tas-siġar.<br>Għandhom jintużaw speċijiet ta' siġar indiġeni, sakemm ma jkunx jista' jintwera li ma għadhomx adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi u pedoidroloġiċi pproġettati. Barra minn hekk, ma għandhomx jiġu aċċettati taħlitiet ta' aktar minn 25 % ta' Douglas fir fi stands imħalltin.<br>• fejn permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali<br>• bl-esklużjoni ta' Natura 2000 u żoni protetti oħra<br>• u jekk tista' tintwera l-adegwatezza tad-Douglas fir għall-kundizzjonijiet klimatiċi proġettati tas-sit tar-riforestazzjoni. |
| 141 | Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima | Mira | T2: Riforestazzjoni ta' 24 000 ettaru addizzjonali ta' żoni permezz ta' speċijiet ta' siġar ameliorattivi u stabbilizzanti | | Ettari ta' riforestazzjoni | 12000 | 36000 | K3 | 2024 | Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal 24 000 ettaru addizzjonali. Ir-riforestazzjoni għandha tiżgura foresti multiġenerazzjonali u multispeċijiet fir-rigward tal-kompożizzjoni spazjali li huma ġestiti skont approċċ ta' forestrija b'kopertura kontinwa. Foresti monospeċifiċi ta' età ugwali għandhom jiġu sostitwiti b'ekosistemi aktar bijodiversi, li jillimitaw l-użu ta' tqaċċit totali tas-siġar għal każijiet fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu ggarantiti s-saħħa tal-foresti u r-riġenerazzjoni effettiva, u jiġi limitat kemm jista' jkun id-daqs taż-żona ta' tqaċċit totali tas-siġar.<br>Għandhom jintużaw speċijiet ta' siġar indiġeni, sakemm ma jkunx jista' jintwera li ma għadhomx adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi u pedoidroloġiċi pproġettati. Barra minn hekk, ma għandhomx jiġu aċċettati taħlitiet ta' aktar minn 25 % ta' Douglas fir fi stands imħalltin.<br>• fejn permess mil-leġiżlazzjoni nazzjonali<br>• bl-esklużjoni ta' Natura 2000 u żoni protetti oħra<br>• u jekk tista' tintwera l-adegwatezza tad-Douglas fir għall-kundizzjonijiet klimatiċi proġettati tas-sit tar-riforestazzjoni. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 142 | Investiment 5: Iż-żamma tal-ilma fil-foresti | Mira | T1: Tlestija ta' 40 proġett ta' kontroll tat-torrent (digi tal-injam u tal-ġebel naturali fuq skala żgħira) biex jitnaqqas ir-ritmu tal-iskol tas-superfiċje u proġetti għaż-żamma tal-ilma fil-foresti (żamma u ġibjuni żgħar). | | Għadd ta' proġetti | 0 | 40 | K1 | 2023 | Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal 40 proġett. Il-proġetti għandhom ikunu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima kif ukoll il-Politika Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka għall-ġlieda kontra n-nixfiet). It-tfassil tal-proġetti għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/EE. |
| 143 | Investiment 5: Iż-żamma tal-ilma fil-foresti | Mira | T2: Tlestija ta' 20 proġett addizzjonali ta' kontroll tat-torrent (digi tal-injam u tal-ġebel naturali fuq skala żgħira) biex jitnaqqas ir-ritmu tal-iskol tas-superfiċje u proġetti għaż-żamma tal-ilma fil-foresti (żamma u ġibjuni żgħar). | | Għadd ta' proġetti | 40 | 60 | K1 | 2024 | Rapport ta' tlestija minn korp indipendenti għal 20 proġett addizzjonali. Il-proġetti għandhom ikunu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura (f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima kif ukoll il-Politika Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka għall-ġlieda kontra n-nixfiet). It-tfassil tal-proġetti għandu jinkorpora r-riżultati u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali, li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/EE. |

## M. KOMPONENT 2.7: L-EKONOMIJA ĊIRKOLARI, IR-RIĊIKLAĠĠ U L-ILMA INDUSTRIJALI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jappoġġa l-indirizzar tal-isfida tal-ġenerazzjoni tal-iskart u d-dipendenza fuq il-materja prima, bl-objettiv li jappoġġa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fiċ-Ċekja. Dan għandu jinkiseb permezz ta' miżuri li jipprevjenu l-iskart, iżidu l-infrastruttura tar-riċiklaġġ, inaqqsu l-ħela ta' materja prima sekondarja, iżidu s-sehem ta' materjali riċiklati fil-prodotti, u jżidu s-sigurtà tal-materja prima taċ-Ċekja permezz tad-dipendenza mnaqqsa fuq il-materja prima importata minħabba d-disponibbiltà kontinwa u mingħajr interruzzjoni tal-materja prima. Barra minn hekk, il-komponent jiffoka fuq il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, inklużi miżuri mmirati lejn l-iffrankar u r-riċiklaġġ tal-ilma u l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma fin-negozji. It-tranżizzjoni għall-ekonomija ċirkolari għandha tgħin biex tiżdied ir-reżiljenza taċ-Ċekja kontra kemm it-theddid ambjentali kif ukoll dak ekonomiku.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investiment fuq it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u tal-enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 2019), u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, skont liema ċ-Ċekja għandha timmira li tiffoka l-investiment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżuri dwar il-ġestjoni tal-iskart u l-infrastruttura tar-riċiklaġġ għandhom ikunu konformi mal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851.

### M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

### Riforma 1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka

Ir-riforma għandha l-għan li żżid il-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u s-separazzjoni tal-iskart u tnaqqas ir-rimi fil-miżbliet, bil-għan li ssaħħaħ il-prinċipji tar-responsabbiltà tal-produttur u tal-ekomodulazzjoni. Sal-2035, mill-inqas 65 % tal-iskart muniċipali għandu jiġi riċiklat[9] u massimu ta' 10 % għandu jintrema f'miżbla[10]. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka ilha fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2021. Wara l-leġiżlazzjoni dwar l-iskart adottata dan l-aħħar, l-atti ta' implimentazzjoni li ġejjin dwar il-ġestjoni tal-iskart għandhom jiġu finalizzati u jidħlu fis-seħħ sat-30ta' Settembru 2023, f'konformità mal-elementi speċifikati fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva 2018/851/UE:

- Id-digriet dwar il-Katalogu tal-Iskart Nru 8/2021 Coll., li jistabbilixxi l-Katalogu tal-Iskart il-ġdid u jistabbilixxi regoli għall-evalwazzjoni tal-proprjetajiet perikolużi tal-iskart

[9] Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2008/98/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851.

[10] Skont id-Direttiva 1999/31/KE kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/850.



www.parlament.gv.at

- L-Ordinanza dwar il-ġestjoni tal-imballaġġ Nru 30/2021 Coll., li tipprevedi regoli dwar ir-reġistru tal-imballaġġ u n-notifika tar-rekords minn dan ir-reġistru, u metodoloġija tal-kontabbiltà tal-użu tal-imballaġġ.

- Digriet dwar id-dettalji il-ġestjoni tal-iskart, bi tħejjija, l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Iskart emendat u l-istabbiliment ta' regoli għall-ġestjoni tal-flussi kollha tal-iskart

- Id-digriet dwar il-prodotti sekondarji u l-konverżjoni tal-iskart (digriet dwar l-asfalt), li qed jitħejja, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li fihom it-taħlita tal-asfalt hija prodott sekondarju jew ma tibqax titqies bħala skart

- Digriet dwar id-dettalji tal-ġestjoni tal-vetturi li m'għadhomx jintużaw, bi tħejjija, l-istabbiliment ta' regoli għall-ġbir u l-ipproċessar ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, u l-metodu ta' kalkolu tal-livell ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ jew irkupru ieħor ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw

- Id-digriet dwar il-ġestjoni ta' prodotti li m'għadhomx jintużaw, li qed jitħejja, li jistabbilixxi r-rekwiżiti biex isiru kampanji ta' informazzjoni biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar it-trattament ta' prodotti li m'għadhomx jintużaw, u li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi għall-ħżin u l-użu ta' skart elettriku u elettroniku bħal skart ta' batteriji u akkumulaturi, skart ta' tagħmir elettriku u skart ta' tajers

Il-pjanijiet nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-iskart, immirati biex itejbu t-tħejjija ambjentalment tajba għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u r-rimi tal-iskart għandhom jiġu finalizzati u jidħlu fis-seħħ.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

**Riforma 2: Finalizzazzjoni u implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040**

Ir-riforma għandha l-għan li tistabbilixxi u tibda l-implimentazzjoni ta' strateġija għat-trasformazzjoni tas-soċjetà Ċeka f'ekonomija ċirkolari. Din is-sistema ekonomika ċirkolari prevista għandha tinkiseb permezz tal-minimizzazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart u l-użu ta' inputs ta' riżorsi, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari.

Ir-riforma tikkonsisti fil-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari 2040 taċ-Ċekja, li għandha tippromwovi l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tiddefinixxi aktar il-prijoritajiet u l-passi meħtieġa biex jiġi żgurat li ċ-Ċekja ssir reżiljenti fit-tul għat-theddid ambjentali futur, inkluż it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, u tiżviluppa sistema soċjali sostenibbli ġenerali. Permezz ta' ktajjen tal-provvista mqassra u diversifikati u dipendenza aktar baxxa fuq ir-riżorsi primarji, ekonomija ċirkolari għandha tikkontribwixxi għal awtonomija strateġika u reżiljenza msaħħa taċ-Ċekja. Fost l-oħrajn, l-istrateġija għandha tinċentiva lill-intrapriżi, lill-konsumaturi, lill-bliet u lill-muniċipalitajiet biex jappoġġaw soluzzjonijiet ċirkolari permezz tad-disinn u l-manifattura tal-prodotti, l-innovazzjoni, ir-riċerka, id-diġitalizzazzjoni u l-edukazzjoni. L-istrateġija għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Marzu 2022, segwita mill-Pjan ta' Azzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

**Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini**

Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-investimenti li jwasslu għall-żieda fil-kapaċità tal-infrastruttura tar-riċiklaġġ tappoġġa proġetti li se jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekonomija



www.parlament.gv.at

ċirkolari fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart bijodegradabbli. Soluzzjonijiet innovattivi u avvanzati għall-ġbir separat, is-separazzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ għandhom jiġu appoġġati.

Il-miżura għandha tappoġġa proġetti li jtejbu l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kompost u l-iskart mid-diġesturi tal-bijogass lura għall-ħamrija fuq l-art agrikola, u b'hekk jiżdied il-proporzjon tal-materja organika fil-ħamrija. *Inter alia*, l-appoġġ għandu jingħata direttament lill-operaturi agrikoli sabiex tiżdied il-kapaċità tagħhom u titħeġġeġ l-inkorporazzjoni tal-kompost mill-impjanti tal-kompost tal-iskart. Huwa mistenni appoġġ għal 300 proġett, li jżid il-kapaċità tal-infrastruttura tar-riċiklaġġ b'mill-inqas 250 000 tunnellata.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.


www.parlament.gv.at

**Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji**

Il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-użu sostenibbli tar-riżorsi primarji tal-materja prima. Għal dan il-għan, il-miżura għandha tappoġġa proġetti li jippromwovu l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari fost in-negozji. Dan jinvolvi investimenti f'teknoloġiji innovattivi li i) jippermettu użu ġdid jew miżjud ta' materja prima sekondarja bħala sostitut għar-riżorsi primarji, u ii) inaqqsu l-intensità tal-input tal-produzzjoni u jissostitwixxu materja prima primarja permezz ta' dawk sekondarji.

Il-miżura għandha tiffoka wkoll fuq l-ottimizzazzjoni tal-ekodisinn tal-materjali tal-prodotti biex jiġu ffaċilitati r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, flimkien ma' proġetti ta' simbjożi industrijali u proġetti oħra ta' negozju ta' investiment li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Fl-aħħar nett, l-investiment għandu jappoġġa proġetti li jindirizzaw l-applikazzjoni mmirata ta' materjali riċiklati fil-prodotti. Huwa mistenni appoġġ għal mill-inqas 60 negozju.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: L-iffrankar tal-ilma fl-industrija**

Il-miżura għandha l-għan li tikkontribwixxi għal ekonomija ċirkolari billi ttejjeb il-ġestjoni tal-ilma fl-industrija .

Il-miżura għandha tiffoka fuq proġetti li jindirizzaw il-kwistjonijiet li ġejjin:

- l-ottimizzazzjoni tal-konsum tal-ilma permezz tal-installazzjoni ta' teknoloġiji u tagħmir ġodda li jiffrankaw l-ilma,
- ir-riċiklaġġ tal-ilma fis-setturi tal-produzzjoni u attivitajiet kummerċjali oħra b'konsum għoli tal-ilma,
- l-użu mill-ġdid tal-ilma mniġġes jew użat għat-tħaddim ta' l-ilma fi proċessi oħra,
- l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-ilma f'impjanti utilitarji,
- it-tnaqqis tat-telf tal-ilma f'ċirkwiti magħluqa tas-sistemi tal-ilma u s-sistemi tad-distribuzzjoni tal-ilma,
- l-isfruttar tal-potenzjal tal-fwar tal-iskart,
- proġetti oħra mmirati lejn it-titjib tal-ġestjoni tal-ilma fl-industrija.

Huwa mistenni appoġġ għal mill-inqas 40 negozju.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.


www.parlament.gv.at

## M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 144 | Riforma 1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka | Stadju important i | Dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni i wara l-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart imħejjija mill-Ministeru tal-Ambjent | Dispożizzjoni fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni rispettivi | | | | K3 | 2023 | Dawn id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni għandhom jinkludu d-Digriet dwar il-katalogu tal-iskart Nru 8/2021 Coll., id-Digriet dwar l-immaniġġjar tal-imballaġġ Nru 30/2021 Coll., id-Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar tal-iskart, id-Digriet dwar il-prodotti sekondarji u l-iskart mit-trasferiment tal-iskart (id-digriet dwar l-asfalt), id-Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw, u d-Digriet dwar id-dettalji tal-immaniġġjar tal-prodotti li m'għadhomx jintużaw (tajers, elettriċi, batteriji). |
| 145 | Riforma 1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka | Stadju important i | Dħul fis-seħħ ta' pjan nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-iskart | Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ ta' pjan nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-iskart | | | | K4 | 2023 | Il-forniment ta' pjan nazzjonali u reġjonali ġdid għall-ġestjoni tal-iskart, immirat lejn it-titjib tat-tħejjija ambjentalment tajba għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u r-rimi tal-iskart. |
| 146 | Riforma 2: Finalizzazzjoni u implimentazzjon i tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 | Stadju importanti | It-tlestija u l-adozzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 mill-Ministeru tal-Ambjent | Pubblikazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 fil-bażi tad-*data* tad-dokumenti strateġiċi tar-Repubblika Ċeka | | | | K1 | 2022 | It-tlestija u l-adozzjoni tal-istrateġija Ċekja Ċirkolari 2040. L-istrateġija għandha tifformula l-viżjoni, l-għanijiet globali u strateġiċi, l-oqsma ta' prijorità u l-prinċipji meħtieġa biex tinkiseb ekonomija ċirkolari fir-Repubblika Ċeka. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 147 | Riforma 2: Finalizzazzjoni u implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 | Stadju importanti | Tlestija ta' rapport ta' monitoraġġ li jevalwa l-istat ta' implimentazzjoni tal-istrateġija Ċekja Ċirkolari 2040 | Pubblikazzjoni ta' rapport ta' monitoraġġ li jevalwa l-istat ta' implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 | | | | K3 | 2025 | Il-Ministeru għall-Ambjent għandu jimla u jippubblika rapport ta' monitoraġġ, li jevalwa l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari fiċ-Ċekja u l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-elementi tal-istrateġija taċ-Ċekja Ċirkolari 2040. |
| 148 | Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent | | | | K3 | 2022 | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jtejbu l-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent. Għandhom jintgħażlu proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tal-irkupru tal-enerġija li tkun adattata għall-viżjoni fit-tul tal-industrija tal-immaniġġjar tal-iskart u r-riċiklaġġ billi jiġu prijoritizzati l-livelli ogħla tal-ġerarkija tal-iskart. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jikkonvertu mill-inqas 50 %, f'termini ta' piż, tal-iskart mhux perikoluż ipproċessat miġbur separatament f'materja prima sekondarja.<br><br>Soluzzjonijiet innovattivi u avvanzati għall-ġbir separat, is-separazzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ għandhom jiġu appoġġati biss. Il-proġetti għandhom jiġu evalwati skont il-kriterji stabbiliti f'konformità mal-pjanijiet nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-iskart li huma konformi mal-Artikolu 28 tad-Direttiva 2008/98/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/851. |
| 149 | Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini | Mira | Tlestija ta' proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ | | Tunnellati | 0 | 250 000 | K4 | 2025 | Għandu jiġi pprovdut appoġġ għall-investiment għal investimenti fil-kostruzzjoni tal-infrastruttura tar-riċiklaġġ fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart bijodegradabbli. Bħala prijorità, għandhom jiġu appoġġati l-impjanti tad-diġestjoni anaerobika. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jikkonvertu mill-inqas 50 %, f'termini ta' piż, tal-iskart mhux perikoluż |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | ipproċessat miġbur separatament f'materja prima sekondarja.<br><br>Huwa mistenni appoġġ għal 300 proġett, li għandu jżid il-kapaċità tal-infrastruttura tar-riċiklaġġ b'mill-inqas 250 000 tunnellata. |
| 150 | Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji | Stadju important i | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f'soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f'soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | | | | K4 | 2022 | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f'soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Għandhom jintgħażlu proġetti li jtejbu t-trasformazzjoni industrijali lejn soċjetà b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, ċirkolari u diġitali, li jnaqqsu l-intensità materjali tal-produzzjoni u l-konsum tar-riżorsi primarji. |
| 151 | Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji | Mira | Tlestija ta' proġetti li jinvestu f'soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji | | Għadd ta' proġetti | 0 | 60 | K4 | 2025 | Għandhom jitlestew proġetti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ċirkolari fl-intrapriżi industrijali, iżidu l-użu ta' materja prima sekondarja bħala sostitut għar-riżorsi primarji, inaqqsu l-intensità materjali tal-produzzjoni, jottimizzaw l-ekodisinn tal-materjali biex jiffaċilitaw ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, jimplimentaw simbjożi industrijali u jinkoraġġixxu t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari. Il-baġit totali eżegwit għal dan il-għan matul il-perjodu tal-miżura għandu jammonta għal mill-inqas EUR 39 000 000. |
| 152 | Investiment 3: L-iffrankar tal-ilma fl-industrija | Stadju important i | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizzat l- | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizzat l-ilma | | | | K4 | 2022 | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizzat l-ilma fl-industrija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Għandhom jintgħażlu proġetti li jottimizzaw il-konsum tal-ilma fil-proċess tal-produzzjoni billi jinstallaw teknoloġiji u tagħmir ġodda biex jiffrankaw l-ilma, jidderieġu r-riċiklaġġ tal-ilma f'industriji |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | ilma fl-industrija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | fl-industrija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | | | | | | intensivi fl-użu tal-ilma, jużaw mill-ġdid l-ilma mniġġes/użat fi proċessi oħra, jottimizzaw l-użu tal-ilma f'impjanti utilitarji, inaqqsu t-telf tal-ilma f'ċirkwiti magħluqa, jew jottimizzaw l-użu tal-fwar jew il-potenzjal ta' distribuzzjoni tiegħu. |
| 153 | Investiment 3: L-iffrankar tal-ilma fl-industrija | Mira | Tlestija ta' proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizzat l-ilma fl-industrija | | Għadd ta' proġetti | 0 | 40 | K4 | 2025 | Għandhom jitlestew proġetti li jottimizzaw il-konsum tal-ilma fil-proċess tal-produzzjoni billi jinstallaw teknoloġiji u tagħmir ġodda biex jiffrankaw l-ilma, jidderieġu r-riċiklaġġ tal-ilma f'industriji intensivi fl-użu tal-ilma, jużaw mill-ġdid l-ilma mniġġes/użat fi proċessi oħra, jottimizzaw l-użu tal-ilma f'impjanti utilitarji, inaqqsu t-telf tal-ilma f'ċirkwiti magħluqa, jew jottimizzaw l-użu tal-fwar jew il-potenzjal ta' distribuzzjoni tiegħu. Il-baġit totali eżegwit għal dan il-għan matul il-perjodu tal-miżura għandu jammonta għal mill-inqas EUR 39 000 000. |

www.parlament.gv.at

## N. KOMPONENT 2.8: RIVITALIZZAZZJONI TA' ART ABBANDUNATA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' siti industrijali jew mhux użati f'żoni urbani (minn issa 'l quddiem siti abbandunati) bl-għan aħħari li:

- tittejjeb l-effiċjenza enerġetika ta' bini rinnovat jew mibni mill-ġdid;
- jiġi kostruwit bini ġdid effiċjenti fl-enerġija, fejn ir-rinnovazzjoni la tkun possibbli u lanqas effiċjenti;
- jinħolqu żoni naturali ta' assorbiment tal-karbonju.

Il-komponent għandu jagħti bidu għal konverżjonijiet komprensivi tas-sit u jtejjeb l-istabbiltà ekoloġika tal-pajsaġġ billi joħloq żoni ekoloġiċi ġodda mingħajr ma jaffettwa l-art agrikola. Ir-rivitalizzazzjoni tat-territorju hija mistennija li tikkontribwixxi għal użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura teknika u tat-trasport, tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u żieda fl-effiċjenza enerġetika.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tiffoka fuq tranżizzjoni b'livell baxx ta' karbonju u enerġija, inkluża l-effiċjenza enerġetika (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2019), u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż, li skonthom iċ-Ċekja għandha tappoġġa l-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, mill-inqas 70 % tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ.

### N.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Investiment 1: Għajnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati speċifiċi**

L-investiment għandu jappoġġa proġetti ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li għandhom l-għan li jippreparaw żoni għal aktar użu multifunzjonali (inkluż ir-rinnovazzjoni u l-kostruzzjoni tal-infrastruttura jew it-twaqqigħ tal-bini). Il-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali identifika siti abbandunati speċifiċi f'kooperazzjoni ma' CzechInvest, l-aġenzija għall-iżvilupp tal-investiment u n-negozju tas-Cekja subordinata għall-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, abbażi tad-daqs tas-sit, id-daqs mistenni tal-investiment u l-allinjament tal-proġett mal-ambizzjonijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika tal-Ewropa. Il-miżura għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' programm ta' sussidju li għandu jipprovdi appoġġ għat-tħejjija ta' art għal investimenti futuri u għall-proġetti ta' investiment infushom. L-investiment għandu jappoġġa 14-il proġett ta' riġenerazzjoni ta' siti abbandunati.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 2: Għajnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għal użu mhux kummerċjali**

L-investiment għandu jappoġġa r-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati li huma proprjetà tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jinbidlu f'kumdità jew f'istituzzjoni pubblika, bħal skola, ċentru kulturali, art sportiva, awtorità muniċipali jew park aċċessibbli għall-pubbliku. L-appoġġ għandu jingħata esklussivament għal proġetti impenjati favur il-ħolqien jew ta' rinnovazzjoni



www.parlament.gv.at

effiċjenti fil-konsum tal-enerġija jew il-ħolqien ta’ żoni naturali ta’ assorbiment tal-karbonju, inkluż il-ħolqien ta’ bur permanenti jew it-tħawwil ta’ siġar. L-investiment għandu jappoġġa 45 proġett ta’ riġenerazzjoni ta’ siti abbandunati mhux kummerċjali.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

**Investiment 3: Għajnuna għall-investiment għar-riġenerazzjoni ta’ siti abbandunati li huma proprjetà ta’ muniċipalitajiet u reġjuni għall-użu kummerċjali**

L-investiment għandu jgħin biex jiġu rivitalizzati siti degradati abbandunati, inkluż it-tneħħija ta’ ostakli fuq skala żgħira fuq is-superfiċje, li huma proprjetà tal-muniċipalitajiet b’mod partikolari għall-użu kummerċjali u, sa ċertu punt, għal użu mhux kummerċjali. Dawn l-ostakli jirreferu għal partijiet ta’ kostruzzjonijiet immarkati bħala skart perikoluż, bħal materjali li fihom l-asbestos, jew tnixxijiet żgħar taż-żejt. Għandha ssir enfasi partikolari fuq l-aderenza stretta mal-prinċipji tal-infrastruttura blu u ekoloġika u l-effiċjenza enerġetika, li jimplika li għandha tingħata preferenza lil proġetti li jimplimentaw il-ġestjoni tal-ilma tax-xita skont l-Att 254/2001 (“l-Att dwar l-Ilma”) u fil-każ ta’ binjiet ġodda, miżuri ta’ ffrankar tal-enerġija lil hinn mir-rekwiżiti leġiżlattivi tal-Att 406/2000 (“l-Att dwar il-Ġestjoni tal-Enerġija”). Siti riġenerati għandhom jintużaw preferibbilment minn intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u ditti lokali. L-investiment għandu jappoġġa proġetti ta’ riġenerazzjoni ta’ siti abbandunati għall-użu kummerċjali li jikkorrispondi mal-mira ta’ millinqas 76000 m3 ta’ spazju mibni.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**N.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 154 | Investiment 1: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' oqsma speċifiċi | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għall-proġetti li jagħtu ħajja ġdida lil siti abbandunati speċifiċi | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jagħtu ħajja ġdida lil siti abbandunati speċifiċi mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali. | | | | K4 | 2023 | Tħabbir ta' programm ta' sussidju għal riġenerazzjoni speċifika ta' siti abbandunati (tħejjija tal-proġett, tħejjija tal-art, proġetti ta' investiment) wara t-tħejjija ta' programm ta' sussidju, li jeħtieġ approvazzjoni formali mill-Ministeru tal-Finanzi. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jappoġġaw id-demolizzjoni u l-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Rigward il-kostruzzjoni effiċjenti fl-enerġija, is-sejħiet għandhom jispeċifikaw li l-bini l-ġdid appoġġat mill-proġetti għandu jkollu Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB.<br><br>Wara l-evalwazzjoni tas-sejħa, għandu jkun hemm lista ta' proġetti rakkomandati għall-appoġġ. Il-proġetti għandhom ikunu magħżula minn qabel u rakkomandati minn konferenzi reġjonali permanenti. Kull reġjun għandu jirrakkomanda mill-inqas proġett wieħed biex jiġi appoġġat. Mill-inqas sit industrijali wieħed għandu jkun appoġġat f'kull reġjun taċ-Ċekja, bil-lista ta' siti abbandunati appoġġati inklużi s-siti ta' Terezin u Josefov. Il-kontroll formali tal-proġetti għandu jittieħed mill-Fond Statali tal-Investiment. |
| 155 | Investiment 1: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' oqsma speċifiċi | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' rivitalizzazzjoni effiċjenti fl-enerġija ta' siti abbandunati speċifiċi | | Għadd ta' proġetti | 0 | 14 | K4 | 2025 | 30 % tal-investiment taħt din il-miżura għandu jkollu l-għan li jappoġġa d-demolizzjoni u l-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u 70 % għandu jkollu l-għan li jappoġġa r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija tal-bini fuq siti abbandunati.<br><br>Fir-rigward tal-finanzjament tat-twaqqigħ u l-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, għandu jiġi żgurat li l-proġetti appoġġati jkunu tali li (i) bini ġdid ikollu Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB; (ii) rinnovazzjoni profonda mhijiex possibbli minħabba |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | raġunijiet tekniċi, ta' saħħa/sikurezza jew adatti għall-iskop; (iii) massimu ta' 5 % ta' art ġdida għandha tintuża fil-post fejn kien jinsab il-bini preċedenti. Dan jeskludi l-possibbiltà ta' twaqqigħ ta' bini f'post wieħed u l-bini ta' bini fuq sit ieħor minflok.<br><br>Fir-rigward tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' rinnovazzjoni, għandu jiġi żgurat li mill-inqas 90 % tal-ispejjeż għandhom jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.<br><br>Il-baġit totali eżegwit għal dan il-għan matul il-perjodu tal-miżura għandu jammonta għal mill-inqas EUR 79 000 000. |
| 156 | Investiment 2: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni ta' sjieda pubblika għal użu mhux kummerċjali | Stadju importanti | Għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ta' proprjetà pubblika għal użu mhux kummerċjali | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha mill-Ministeru tal-Iżvilupp Reġjonali. | | | | K4 | 2023 | Tħabbir ta' sejħiet għal riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ta' proprjetà pubblika wara t-tħejjija ta' programm ta' sussidju, li jeħtieġ approvazzjoni formali mill-Ministeru tal-Finanzi. Il-proġetti għandhom jappoġġaw kemm rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija kif ukoll miżuri mmirati biex ibiddlu s-siti industrijali u l-art kontaminata f'żona naturali ta' assorbiment tal-karbonju.<br><br>Il-proġetti għandhom jiġu kkuntrattati f'żewġ fażijiet: l-ewwel nett, sal-31 ta' Diċembru 2022, għandhom jiġu kkuntrattati mill-inqas 35 proġett. It-tieni, sal-31 ta' Diċembru 2023, għandhom jiġu kkuntrattati mill-inqas 10 proġetti addizzjonali. |
| 157 | Investiment 2: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni ta' sjieda pubblika għal użu mhux kummerċjali | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' rivitalizzazzjoni effiċjenti fl-enerġija ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għal użu mhux kummerċjali | | Għadd ta' m2 ta' impronta ta' bini rivitalizzat | 0 | 94 000 | K4 | 2025 | 80 % tal-investiment għandu jappoġġa r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija, u 20 % għandu jkun immirat lejn miżuri mmirati lejn it-trasformazzjoni ta' siti industrijali u art kontaminata f'żona naturali ta' assorbiment tal-karbonju. B'kollox, għandhom jitlestew mill-inqas 45 proġett.<br><br>Fir-rigward tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' rinnovazzjoni, għandu jiġi żgurat li mill-inqas 90 % tal-ispejjeż għandhom jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. |
| 158 | Investiment 3: | Stadju | Għoti tal- | Notifika tal- | | | | K4 | 2023 | Tħabbir ta' sejħiet għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ta' proprjetà pubblika wara t-tħejjija ta' programm ta' sussidju. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni ta' sjieda pubblika għall-użu kummerċjali | importanti | kuntratti pubbliċi kollha għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ta' proprjetà pubblika għall-użu kummerċjali | għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ | | | | | | jappoġġaw id-demolizzjoni u l-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija kif ukoll ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Fir-rigward tal-kostruzzjoni effiċjenti fl-enerġija, is-sejħiet għandhom jispeċifikaw li l-proġetti appoġġati huma tali li bini ġdid għandu jkollu Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB.<br><br>Il-proġetti għandhom jiġu kkuntrattati f'żewġ fażijiet: l-ewwel nett, sal-31 ta' Diċembru 2022, għandhom jiġu kkuntrattati mill-inqas 15-il proġett. It-tieni, sal-31 ta' Diċembru 2023, għandhom jiġu kkuntrattati mill-inqas 5 proġett addizzjonali. |
| 159 | Investiment 3: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni ta' sjieda pubblika għall-użu kummerċjali | Mira | Tlestija ta' proġetti ta' rivitalizzazzjoni effiċjenti fl-enerġija ta' siti abbandunati li huma proprjetà ta' muniċipalitajiet u reġjuni għall-użu kummerċjali | | Għadd ta' m3 ta' spazju mibni | 0 | 76 000 | K4 | 2025 | 30 % tal-investiment taħt din il-miżura għandu jkollu l-għan li jappoġġa d-demolizzjoni u l-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u 70 % għandu jkollu l-għan li jappoġġa r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija tal-bini fuq siti abbandunati. B'kollox, għandhom jitlestew mill-inqas 20 proġett.<br><br>Fir-rigward tal-finanzjament tat-twaqqigħ u l-kostruzzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija, għandu jiġi żgurat li l-proġetti appoġġati jkunu tali li (i) bini ġdid ikollu Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB; (ii) rinnovazzjoni profonda mhijiex possibbli minħabba raġunijiet tekniċi, ta' saħħa/sikurezza jew adatti għall-iskop; (iii) massimu ta' 5 % ta' art ġdida għandha tintuża fil-post fejn kien jinsab il-bini preċedenti. Dan jeskludi l-possibbiltà ta' twaqqigħ ta' bini f'post wieħed u l-kostruzzjoni ta' bini ieħor fuq sit ieħor minflok.<br><br>Fir-rigward tal-appoġġ għall-attivitajiet ta' rinnovazzjoni, għandu jiġi żgurat li mill-inqas 90 % tal-ispejjeż għandhom jappoġġaw ir-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika.<br><br>Il-kumpanija superviżorja tal-fornitur tal-għotja (il-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ) għandha twettaq spezzjoni fuq il-post tax-xogħol imwettaq u l-konformità mad-dokumentazzjoni tal-proġett u s-sejħiet għall-offerti. |

www.parlament.gv.at

## O. KOMPONENT 2.9: IL-PROMOZZJONI TAL-BIJODIVERSITÀ U L-ĠLIEDA KONTRA N-NIXFA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw miż-żamma baxxa tal-ilma u l-impatt tat-tibdil fil-klima fiċ-Ċekja. Il-komponent għandu l-għan li jtejjeb il-protezzjoni kontra n-nixfa u l-għargħar billi jżid iż-żamma tal-ilma fil-pajsaġġ u fiż-żoni urbani. Huma ppjanati wkoll investimenti fil-protezzjoni tas-siti tan-network Natura 2000 u taż-Żoni Protetti b'mod Speċifiku (ŻPS).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet futuri għal proġetti għandhom jirrikjedu li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali, jiġifieri d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, id-Direttiva dwar l-Għargħar, id-Direttiva dwar il-Ħabitats u l-Għasafar, il-Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali u d-Direttiva dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika.

### O.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

### Riforma 1: Emenda għall-Att dwar il-Ġestjoni tal-Ilma

L-għan tar-riforma għandu jkun li jiġi emendat l-Att dwar il-Ġestjoni tal-Ilma, sabiex jiġu indirizzati n-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma b'mod aktar sistematiku. L-emenda għandha tiddefinixxi l-qafas għall-prevenzjoni u l-monitoraġġ tan-nixfiet, ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet rilevanti u l-mekkaniżmi ta' kontroll. Hija għandha timmira lejn l-istabbiliment ta' kummissjonijiet reġjonali b'mandat biex toħroġ dikjarazzjoni ta' "stat ta' skarsezza tal-ilma" u tapplika limitazzjonijiet korrispondenti fuq l-użu tal-ilma fir-reġjun, skont il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfiet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

### Investiment 1: Protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar fil-belt ta' Brno

Dan l-investiment għandu jikkonċentra fuq li jsaħħaħ id-difiżi kontra l-għargħar fil-belt ta' Brno u li jagħti ħajja ġdida lix-Xmara Svratka. It-twettiq tal-proġett għandu jikkonsisti f'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura bħat-tixrid naturali tal-livell ogħla tal-ilma tal-baċini fil-mergħat, l-istabbiliment ta' riervi, mergħat, pjanuri tal-għargħar naturali, u l-ħolqien ta' artijiet mistagħdra. Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom jiġu implimentati fuq ix-xmara Svratka, l-aktar 'l fuq mill-belt ta' Brno.

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

### Investiment 2: Il-ġestjoni tal-ilma tax-xita f'agglomerazzjonijiet urbani

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jnaqqas il-fluss tal-ilma tax-xeba' u li jżomm u jakkumula l-ilma f'agglomerazzjonijiet urbani permezz ta' brim tal-wiċċ, żoni ta' assorbiment u ġibjuni ta' assorbiment, ġonna tax-xita, lqugħ taħt l-art, drenaġġ, ġibjuni taħt l-art u bjut ħodor.



www.parlament.gv.at

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: Il-ġestjoni tas-siti tan-Natura 2000 u tal-ispeċijiet protetti tal-pjanti u tal-annimali**

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jtejjeb l-istabbiltà ekoloġika tal-pajsaġġi u l-bijodiversità fiċ-Ċekja. Dan għandu jikkonsisti fl-elaborazzjoni u l-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni għar-restawr u r-rivitalizzazzjoni tas-siti Natura 2000 (Żoni ta' Protezzjoni Speċjali u Siti ta' Importanza Komunitarja) kif ukoll siti protetti nazzjonalment. L-investiment għandu jikseb *status* ta' konservazzjoni favorevoli billi jimplimenta miżuri ta' konservazzjoni stabbiliti fil-pjanijiet ta' ġestjoni tan-natura.

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 4: Adattament tal-ekosistemi akkwatiċi, mhux forestali u tal-foresti għat-tibdil fil-klima**

Dan l-investiment għandu jkollu l-għan li jippermetti ż-żamma sistematika tal-ilma fil-pajsaġġ (abbażi ta' valutazzjoni potenzjali taż-żamma tal-ilma). Għandu jikkonsisti fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet bħat-titjib tal-ispeċi u l-kompożizzjoni spazjali tal-foresti; il-protezzjoni ta' ħabitats mhux forestali; il-ħolqien jew ir-restawr ta' artijiet mistagħdra u l-għadajjar; ir-rivitalizzazzjoni tal-mogħdijiet tal-ilma, ir-restawr tal-elementi tal-pajsaġġ (minbarra oħrajn biex jinqasmu biċċiet kbar ta' art agrikola), it-tħawwil tas-siġar barra ż-żoni forestali u azzjonijiet oħra relatati.

It-twettiq tal-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

## O.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 160 | Riforma 1: Emenda għall-Att dwar il-Ġestjoni tal-Ilma | Stadju importanti | Emenda għall-Att dwar il-Ġestjoni tal-Ilma (Att Nru 254/2001 Coll.) bil-għan li jkun hemm approċċ sistematiku għall-ġestjoni tan-nixfa u l-iskarsezza tal-ilma. | Dħul fis-seħħ tal-Emenda għall-Att dwar il-Ġestjoni tal-Ilma (l-Att Nru 254/2001 Coll.) | | | | K4 | 2024 | L-emenda għall-Att dwar l-Ilma li tiddefinixxi l-qafas għall-prevenzjoni tan-nixfiet u l-iskarsezza tal-ilma permezz tal-monitoraġġ tan-nixfiet, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kontroll u d-definizzjoni tar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti għandha tiġi adottata. Għandha tiġi stabbilita kummissjoni reġjonali u ċentrali għall-prevenzjoni, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tan-nixfa u l-iskarsezza tal-ilma. Il-pjanijiet ta' nixfa reġjonali u nazzjonali għandhom jiġu żviluppati u approvati. L-emenda għall-Att għandha tkun konformi mal-acquis applikabbli tal-UE, jiġifieri d-Direttiva 2000/60/KE. |
| 161 | Investiment 1: Protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar fil-belt ta' Brno | Stadju importanti | Notifika tal-għoti ta' kuntratti għal proġetti mmirati lejn il-protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar tal-belt ta' Brno. | Notifika tal-għoti tal-kuntratti kollha. | | | | K4 | 2022 | Notifika tal-kuntratti kollha mogħtija għal proġetti mmirati lejn il-protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar tal-belt ta' Brno. |
| 162 | Investiment 1: Protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar fil-belt ta' Brno | Mira | It-tlestija ta' miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar ibbażati fuq in-natura biex tiġi protetta l-belt ta' Brno | | Għadd ta' proġetti | 0 | 1 | K4 | 2025 | L-implimentazzjoni tal-proġett għandha twassal għall-ħolqien ta' sett ta' miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar qrib in-natura fil-parti tax-xmara Svratka.<br>Il-miżuri ta' protezzjoni kontra l-għargħar għandhom jinkludu:<br>• Titjib fil-morfoloġija tas-sodda tal-kanali tal-ilma<br>• Aġġustament tax-xtut tal-artijiet għal |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | inklinazzjonijiet aktar moderati u aktar varjabbli u l-istabbilizzazzjoni eventwali tagħhom.<br>• It-tħawwil ta' siġar li jakkumpanjawhom flimkien mal-ħaxix tax-xtut u l-madwar tal-kanal tal-ilma.<br>• Il-ftuħ ta' pjanuri tal-għargħar għall-għargħar u l-modifiki tagħhom (eż. il-kostruzzjoni ta' art mistagħdra). Il-miżura ta' protezzjoni kontra l-għargħar għandha tikkonsisti l-aktar minn soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura mwettqa upstream mill-belt ta' Brno u għandha tkun konformi mal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Politika tal-Istat tal-Ambjent fir-Repubblika Ċeka 2030 bil-ħsieb tal-2050.<br>• Miżuri ta' akkumpanjament, li ma jistgħu jiġu evitati bl-ebda mod, u li huma strettament meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-miżuri msemmija hawn fuq. |
| 163 | Investiment 2: Il-ġestjoni tal-ilma tax-xita f'agglomerazzjonijiet urbani | Mira | Żieda fil-volum ta' ilma tax-xita miżmum minn miżuri ta' ġestjoni tal-ilma tax-xita f'żoni urbani | | Volum ta' m3 ta' ilma tax-xita miżmum | 0 | 40 00 0 | K4 | 2025 | Rapport ta' tlestija ppreżentat minn korp indipendenti. Din il-miżura għandha tinkludi miżuri ta' assorbiment u żamma ta' superfiċji ekoloġiċi, ġonna tax-xita, tagħmir li jżomm l-ilma tax-xita taħt l-art, ħażniet ta' żamma fil-wiċċ u taħt l-art. |
| 164 | Investiment 3: Il-protezzjoni tas-siti tan-Natura 2000 u tal-ispeċijiet protetti tal-pjanti u tal- | Mira | It-tlestija ta' proġetti mmirati lejn il-konservazzjoni ta' żoni protetti inklużi siti tan-Natura 2000 u | | Ettari | 0 | 2 625 | K4 | 2025 | Rapport ta' tlestija ppreżentat mill-Ministeru tal-Ambjent. L-investiment għandu jikseb status ta' konservazzjoni favorevoli billi jimplimenta miżuri ta' konservazzjoni stabbiliti fid-dokumenti ta' ġestjoni tan-natura. Għandu jikkompleta d-deżinjazzjoni żoni protetti inklużi s-siti ta' Natura 2000 u l-elaborazzjoni tad-dokumenti ta' ġestjoni li jkun fihom l-objettivi u l-miżuri ta' konservazzjoni għaż-żoni |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | annimali | | ta' speċijiet protetti ta' pjanti u annimali. | | | | | | | protetti inklużi s-siti ta' Natura 2000. |
| 165 | Investiment 4: Adattament tal-ekosistemi akkwatiċi, mhux forestali u tal-foresti għat-tibdil fil-klima | Stadju importanti | Tlestija ta' proġetti li għandhom l-għan li jadattaw l-ekosistemi akkwatiċi, mhux forestali u tal-foresti għat-tibdil fil-klima | Rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti ċċertifikat mill-Ministeru tal-Ambjent | | | | K4 | 2025 | Preżentazzjoni tar-rapport ta' tlestija minn inġinier indipendenti ċċertifikat mill-Ministeru tal-Ambjent. Il-proġetti għandhom jikkontribwixxu għat-titjib tal-ispeċi u l-kompożizzjoni spazjali tal-foresta f'żona ta' 200 ettaru; għandhom jipprovdu kura għall-ħabitats terrestri ta' valur mhux forestali f'żona totali ta' 1250 ettaru; għandhom joħolqu u jirrestawraw artijiet mistagħdra, għadajjar u ġibjuni żgħar fiż-żona totali ta' 48 ettaru; jagħtu ħajja ġdida lill-kanali tal-ilma fiż-żona totali ta' 4 ettari u għandhom jimplimentaw it-tħawwil ta' 32 elf biċċa ta' pjanti lenjużi barra mill-foresta. |
| 166 | Investiment 4: Adattament tal-ekosistemi akkwatiċi, mhux forestali u tal-foresti għat-tibdil fil-klima | Mira | Valutazzjoni tal-potenzjali taż-żamma tal-ilma u proposta ta' miżuri konkreti | | Km2 | 0 | 5000 | K4 | 2025 | It-territorji ta' baċini ta' xmajjar żgħar għandhom jiġu vvalutati f'termini tal-potenzjal taż-żamma tal-ilma tagħhom, għandhom jitwettqu studji ta' prefattibbiltà, jiġu diskussi mal-partijiet ikkonċernati u miftiehma mas-sidien tal-art.<br><br>Id-dokumentazzjoni dettaljata tal-proġett għandha tiġi elaborata biss għal miżuri magħżula għaż-żamma tal-ilma, abbażi ta' dikjarazzjoni ta' interess vinkolanti mis-sidien tal-art. |
| 167 | Investiment 4: Adattament tal-ekosistemi akkwatiċi, mhux forestali u tal-foresti għat-tibdil fil-klima | Mira | L-implimentazzjoni ta' miżuri speċifiċi proposti għaż-żamma tal-ilma | | % tat-territorju magħżul użat għall-miżuri taż-żamma tal-ilma | 0 | 10 | K4 | 2025 | Il-miżuri proposti magħżula għandhom jiġu implimentati abbażi tal-valutazzjoni tal-potenzjal taż-żamma tal-ilma, studji ta' prefattibbiltà u proġetti dettaljati |

## P. KOMPONENT 3.1: L-INNOVAZZJONI FL-EDUKAZZJONI FIL-KUNTEST TAD-DIĠITALIZZAZZJONI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tranżizzjoni diġitali tas-sistema edukattiva, b'mod partikolari t-tisħiħ tal-litteriżmu diġitali u l-ħsieb komputazzjonali tal-istudenti u t-trawwim tal-użu tat-teknoloġiji diġitali mill-għalliema. Dan għandu jinkiseb billi jiġu riveduti l-kurrikuli għall-edukazzjoni primarja u sekondarja sabiex tissaħħaħ l-edukazzjoni tal-IT, jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni tagħha għal teknoloġiji diġitali avvanzati u jitrawmu l-ħiliet diġitali fl-oqsma edukattivi kollha. Għandu jippromwovi wkoll il-ħiliet diġitali tal-għalliema u jtejjeb il-livell tat-tagħmir diġitali fl-iskejjel. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jindirizza d-distakk diġitali, aggravat mill-lockdown tal-iskola mtawwal, billi jiġi stabbilit fond għal apparat diġitali mobbli għad-dispożizzjoni ta' studenti u studenti żvantaġġati. L-objettiv aħħari tal-komponent huwa li l-edukazzjoni tiġi adattata għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol, li jiġi indirizzat in-nuqqas ta' speċjalisti tal-IT u ħiliet diġitali avvanzati fil-forza tax-xogħol kollha, u li tiġi żgurata impjegabbiltà fit-tul.

Ir-riformi taħt il-komponent jappoġġaw l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha żżid il-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi trawwem ħiliet tekniċi u diġitali u tippromwovi l-professjoni tat-tagħlim, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tappoġġa l-impjiegi permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-forniment ta' ħiliet, inkluż ħiliet diġitali, u l-aċċess għat-tagħlim diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### P.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: Riforma tal-kurrikuli u tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT**

Ir-riforma tinkludi reviżjoni tal-kurrikuli tal-iskejjel primarji, tal-iskejjel sekondarji inferjuri u tal-iskejjel sekondarji superjuri (*gymnázium*) bil-għan li jiġu promossi l-litteriżmu diġitali u l-ħiliet tal-IT. It-tagħlim tal-informatika għandu jissaħħaħ f'termini ta' sigħat mgħallma. Għandu jiġi estiż ukoll għal oqsma ġodda bħall-ipproċessar u l-immudellar tad-*data*, l-ikkowdjar u l-ipprogrammar, ir-robotika u t-teknoloġiji diġitali avvanzati (ir-realtà awmentata, ir-realtà virtwali, l-istampar 3D). Barra minn hekk, il-kurrikuli l-ġodda jipprevedu li l-ħiliet diġitali għandhom jiġu żviluppati bħala kompetenza ewlenija fl-oqsma edukattivi kollha, inklużi suġġetti mhux tal-IT. Ir-reviżjoni tal-kurrikuli għall-iskejjel primarji u sekondarji u l-*gymnázia* għandha tiġi approvata sat-30 ta' Settembru 2021. L-iskejjel huma mistennija li gradwalment jidħlu fil-kurrikuli l-ġodda. L-iskadenza għall-konformità sħiħa mal-kurrikuli l-ġodda għandha tiġi stabbilita għall-1 ta' Settembru 2023 għall-iskejjel primarji, l-1 ta' Settembru 2024 għall-iskejjel sekondarji inferjuri u l-1 ta' Settembru 2025 għall-*gymnázia*.

Ir-riforma għandha għalhekk titlesta kompletament sal-1 ta' Settembru 2025.

**Investiment 1: Implimentazzjoni tal-kurrikulu rivedut u l-ħiliet diġitali tal-għalliema**



www.parlament.gv.at

Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-kurrikuli riveduti u l-Qafas tal-Ħiliet Diġitali tal-Għalliema (DigCompEdu) fl-iskejjel. L-appoġġ għandu jkun immexxi mid-domanda u jilħaq mill-inqas 4000 skola. Din għandha tikkonsisti minn:

- sostenn finanzjarju għat-taħriġ tal-għalliema fil-ħiliet diġitali u l-litteriżmu fl-IT kif meħtieġ mill-kurrikuli riveduti;
- gwida (workshops, webinars, konsulenza individwali) għall-kaptani, koordinaturi tal-iskola tal-ICT, koordinaturi tal-kurrikuli u għalliema tal-IT bil-ħsieb li jgħinu fl-implimentazzjoni effettiva tar-riforma tal-kurrikuli;
- il-ħolqien sal-31 ta' Diċembru 2024 ta' pjattaforma diġitali li tipprovdi lill-għalliema b'aċċess għal bażijiet ta' data eżistenti b'kontenut edukattiv (bħal materjal ta' tagħlim online, webinars, korsijiet ta' tagħlim elettroniku).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel**

L-ewwel għan tal-investiment huwa li jipprevjeni l-esklużjoni diġitali billi jiżgura li t-tagħmir diġitali jkun aċċessibbli għall-istudenti kollha. L-investiment għandu jindirizza l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu fl-edukazzjoni, li komplew jiġu aggravati minħabba l-lockdown imtawwal tal-iskola. Bħala l-ewwel pass, il-finanzjament tat-tagħmir tal-ICT għat-tagħlim mill-bogħod kellu jiġi pprovdut lill-iskejjel sal-31 ta' Diċembru 2020 sabiex ikun jista' jsir tagħlim mill-bogħod matul il-lockdown tal-iskola, inkluż għal studenti minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati. Bħala t-tieni pass, għandu jiġi pprovdut finanzjament ulterjuri lill-iskejjel biex jistabbilixxu fond għal apparat diġitali mobbli għal studenti żvantaġġati sal-31 ta' Diċembru 2025. Il-fondi għandhom jiġu allokati lill-iskejjel abbażi ta' kriterji li jirriflettu jekk l-iskola tinsab f'żona soċjalment eskluża u l-għadd stmat ta' studenti li jeħtieġu apparat mobbli diġitali biex jissellfu. L-iskejjel għandhom jiksbu 70 000 apparat li jappoġġa 70 000 student fil-bżonn.

It-tieni għan tal-investiment huwa li jiġi żgurat li l-iskejjel ikunu mgħammra b'mod adegwat b'teknoloġiji diġitali biex jappoġġaw il-litteriżmu diġitali u jimplimentaw il-kurrikuli riveduti taħt l-investiment 1 ta' dan il-komponent. Mit-total ta' madwar 10 000 kindergarten, skola primarja u skola sekondarja, sal-31 ta' Marzu 2024 mill-inqas 9 260 għandhom ikunu mgħammra b'teknoloġiji diġitali bażiċi u avvanzati (bħar-realtà awmentata, ir-realtà virtwali, ir-robotika u l-istampar 3D). L-għoti ta' finanzjament għandu jkun akkumpanjat minn assistenza teknika għall-iskejjel sabiex jiġi żgurat infiq effiċjenti tal-fondi. Din l-assistenza teknika għandha tingħata lill-iskejjel jew permezz ta' gwida pprovduta ċentralment (sit web apposta, webinars, għodod ta' evalwazzjoni online, eżempji ta' prattiki tajba), jew permezz ta' network ġdid ta' konsulenti tal-IT ("IT gurus") fil-livell reġjonali li għandhom jipprovdu mentoraġġ immirat lill-iskejjel dwar ix-xiri ta' tagħmir tal-IT, l-istabbiliment ta' amministrazzjoni tal-IT, konnettività u networks interni tal-iskola. In-network tal-gurus tal-IT għandu jappoġġa mill-inqas 1120 skola fil-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2025, jiġifieri madwar għoxrin fil-mija tal-iskejjel, b'enfasi partikolari fuq skejjel rurali iżgħar, li għandhom l-akbar sfidi ta' diffużjoni tal-IT.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Marzu 2026.



www.parlament.gv.at

## P.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linj a bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 168 | Riforma 1: Riforma tal-kurrikuli u tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT | Stadju importanti | Approvazzjoni ta' kurrikuli ġodda li jsaħħu l-litteriżmu diġitali u l-ħsieb komputazzjonali | L-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Sport tal-kurrikuli għall-iskejjel primarji, sekondarji inferjuri u l-*gymnázia* | | | | K3 | 2021 | Il-kurrikuli l-ġodda għandhom<br>• Isaħħu l-edukazzjoni tal-Informatika f'termini ta' sigħat ta' tagħlim<br>• jestendu l-kopertura tal-informatika għal oqsma ġodda, bħall-ipproċessar u l-immudellar tad-*data*, l-ikkowdjar u l-ipprogrammar, ir-robotika, ir-realtà awmentata, ir-realtà virtwali u t-teknoloġija diġitali.<br>• L-introduzzjoni tal-kompetenza diġitali bħala waħda mill-kompetenzi ewlenin<br>• jippromwovu l-użu ta' teknoloġiji diġitali fl-oqsma edukattivi kollha, inklużi suġġetti mhux tal-IT. |
| 169 | Riforma 1: Riforma tal-kurrikuli u tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT | Stadju importanti | L-implimentazzjoni mill-iskejjel ta' kurrikuli ġodda li jsaħħu l-litteriżmu diġitali u l-ħsieb komputazzjonali | Implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda minn skejjel primarji, sekondarji baxxi u *gymnázia* | | | | K3 | 2025 | L-implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda mill-iskejjel se tkun gradwali. Il-konformità sħiħa mal-kurrikuli l-ġodda għandha tinkiseb sal-1 ta' Settembru 2023 mill-iskejjel primarji, sal-1 ta' Settembru 2024 mil-iskejjel sekondarji inferjuri u sal-1 ta' Settembru 2025 mill-gymnázia. |
| 170 | Investiment 1: Implimentazzjoni tal-kurrikulu rivedut u l-ħiliet diġitali tal-għalliema | Stadju importanti | Il-ħolqien ta' pjattaforma diġitali għall-kondiviżjoni effettiva tar-riżorsi edukattivi | Pjattaforma diġitali kompletament operattiva | | | | K4 | 2024 | Il-pjattaforma diġitali taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport għandha tipprovdi lill-għalliema b'aċċess għall-kontenut edukattiv eżistenti (eż. riżorsi edukattivi diġitali, webinars, korsijiet ta' tagħlim elettroniku). Hija għandha tistabbilixxi konnessjonijiet ma' bażijiet ta' *data* eżistenti ta' materjali edukattivi diġitali. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 171 | Investiment 1: Implimentazzjoni tal-kurrikulu rivedut u l-ħiliet diġitali tal-għalliema | Mira | Għadd ta' skejjel li rċevew appoġġ biex jimitaw kurrikuli ġodda tal-IT (ħiliet diġitali tal-għalliema u gwida) | | Għadd | 0 | 4 000 | K1 | 2026 | L-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kurrikuli l-ġodda għandu jkun immirat lejn l-iskejjel primarji u sekondarji inferjuri. Dan għandu jikkonsisti minn<br>• taħriġ tal-għalliema fil-ħiliet diġitali u l-litteriżmu fl-IT<br>• gwida (sessjonijiet ta' ħidma, webinars, konsulenza individwali) għall-kapijiet ta' skola il-koordinaturi tal-ICT, il-koordinaturi tal-kurrikuli u l-għalliema tal-IT |
| 172 | Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel | Mira | L-għadd ta' apparati diġitali mixtrija mill-iskejjel għat-tagħlim mill-bogħod | | Għadd | 0 | 74000 | K4 | 2020 | L-iskejjel jixtru mill-inqas 74 000 apparat diġitali (tablets, laptops, mowbajls, eċċ.) għat-tagħlim mill-bogħod. Mill-inqas 4102 skola primarja u sekondarja rċevew finanzjament għat-tagħmir tal-IT għat-tagħlim mill-bogħod. |
| 173 | Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel | Mira | L-għadd ta' apparati tal-IT mixtrija għall-fond għall-iskejjel ta' apparati diġitali mobbli għal studenti żvantaġġati | | Għadd | 0 | 70 00<br>0 | K4 | 2025 | Ix-xiri ta' 70 000 apparat għandu jappoġġa 70 000 student fil-bżonn. Mill-inqas 80 % tal-iskejjel jistabbilixxu fond għal apparat diġitali mobbli għal studenti żvantaġġati. Dan it-tagħmir tal-IT huwa addizzjonali għat-tagħmir imsemmi fil-Mira 172. |
| 174 | Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel | Mira | Għadd ta' skejjel appoġġati b'teknoloġiji u tagħmir diġitali biex jippromwovu l-litteriżmu diġitali u | | Għadd | 0 | 9 260 | K1 | 2024 | Mit-total ta' madwar 10 000 skola, mill-inqas 9 260 skola huma mgħammra bit-teknoloġiji diġitali bażiċi u avvanzati meħtieġa għall-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali u t-tagħlim ta' informatika ġdida skont il-kurrikuli riveduti. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | jimplimentaw il-kurrikuli l-ġodda tal-IT | | | | | | | |
| 175 | Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel | Mira | Għadd ta' skejjel appoġġati fil-konsulenza u l-mentoraġġ dwar it-tagħmir tal-IT u s-sistemi interni tal-IT | | Għadd | 0 | 1 120 | K1 | 2026 | Fil-livell reġjonali, network ta' konsulenti reġjonali tal-IT għandu jipprovdi konsulenza u konsulenza mmirati lil mill-inqas 1120 skola dwar ix-xiri ta' tagħmir tal-IT, il-konnettività, l-istabbiliment tal-amministrazzjoni tal-IT, u n-networks interni tal-iskejjel.<br><br>Il-konsulenza permezz tal-konsulenti reġjonali tal-IT għandha tkun ikkomplementata minn gwida metodoloġika pprovduta ċentralment, bħal sit web apposta, webinars, kondiviżjoni ta' prattika tajba, u għodod ta' evalwazzjoni online. |

www.parlament.gv.at

## Q. KOMPONENT 3.2: ADATTAMENT TAL-PROGRAMMI SKOLASTIĊI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi fl-oqsma tal-edukazzjoni terzjarja u primarja u sekondarja inferjuri, rispettivament. Fil-livell tal-edukazzjoni terzjarja, il-komponent għandu l-għan li jżid il-kapaċitajiet tal-universitajiet u li jadatta l-programmi ta' studju għal forom ġodda ta' tagħlim u oqsma ġodda, b'mod partikolari l-għarfien espert diġitali, f'konformità mal-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, faċilitajiet universitarji ġodda għandhom jiġu appoġġati biex jespandu u jimmodernizzaw l-edukazzjoni terzjarja fil-qasam tax-xjenza medika u farmaċewtika. Fil-livell tal-edukazzjoni primarja u sekondarja aktar baxxa, il-komponent għandu l-għan li jindirizza l-inugwaljanzi li qed jikbru fl-edukazzjoni billi jipprovdi appoġġ b'diversi saffi lil skejjel żvantaġġati, tagħlim addizzjonali lill-istudenti f'riskju ta' falliment u billi jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-għalliema u l-professjonisti biex jgħallmu klassijiet eteroġeni.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha żżid il-kwalità u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż billi trawwem ħiliet tekniċi u diġitali u tippromwovi l-professjoni tat-tagħlim, u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 għall-2020, skont liema ċ-Ċekja għandha tappoġġa l-impjiegi permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-forniment ta' ħiliet, inklużi ħiliet diġitali, u l-aċċess għat-tagħlim diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### Q.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta' tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol**

L-għan tar-riforma huwa li tinbeda u titħaffef it-trasformazzjoni tal-universitajiet fir-rigward kemm tal-kontenut kif ukoll tal-forom tat-tagħlim. Fir-rigward tal-kontenut, il-firxa ta' programmi ta' studju għandha tiġi aġġustata għal xejriet ġodda u ħtiġijiet li qed jinbidlu fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari għat-trasformazzjoni diġitali. L-identifikazzjoni tas-setturi ta' prijorità għandha ssir fil-livell nazzjonali, f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali. Il-fokus akkademiku tal-programmi ta' studju eżistenti għandu jiġi aġġustat ukoll biex jinkludi sehem sinifikanti ta' tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol biex jissodisfa aħjar il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Ir-riforma għandha tiffaċilita wkoll it-tranżizzjoni lejn forom ġodda, prinċipalment diġitali, ta' tagħlim, bħat-tagħlim imħallat u t-tagħlim mill-bogħod. Dan għandu jirrikjedi investiment f'tagħmir u teknoloġiji diġitali u t-taħriġ tal-persunal tal-università fil-ħiliet diġitali u fil-metodi moderni ta' tagħlim. Il-miżura għandha tiffoka wkoll fuq l-iżvilupp ta' dawk il-kapaċitajiet, li jippermettu lill-universitajiet jipprovdu korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet, b'mod partikolari għall-ħaddiema f'oqsma b'intensità għolja ta' għarfien.

L-appoġġ għandu jingħata lill-universitajiet permezz ta' sejħa miftuħa amministrata mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport. Huwa mistenni li mill-inqas 20 università għandhom jiġu appoġġati. Mill-inqas 35 programm ta' studju ġdid irċevew akkreditazzjoni.



www.parlament.gv.at

- mill-inqas 15-il programm fis-setturi b'valur miżjud għoli li qed jikbru malajr u li jbatu minn nuqqas ta' speċjalisti b'livell għoli ta' ħiliet, bħaċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, l-Industrija 4.0 jew is-servizzi tal-gvern elettroniku.
- mill-inqas 20 programm ta' studju addizzjonali (Baċellerat jew Master) bi profil professjonali.

Barra minn hekk, għandhom jiġu offruti mill-inqas 20 kors ġdid ta' tagħlim tul il-ħajja (inklużi mikrokredali) mill-universitajiet.

Ir-riforma u l-investiment li jakkumpanjaha għandhom jitlestew sal-31 ta' Marzu 2026.

**Investiment 1: L-iżvilupp ta' siti akkademiċi ewlenin magħżula**

L-investiment jikkonsisti fl-espansjoni tal-faċilitajiet tal-universitajiet fil-qasam tal-mediċina, il-bijomediċina u x-xjenza farmaċewtika. Il-faċilitajiet il-ġodda għandhom jippermettu l-innovazzjoni ta' programmi akkademiċi, l-espansjoni tat-tagħlim prattiku, l-iżvilupp ta' riċerka interdixxiplinari u ż-żieda fl-internazzjonalizzazzjoni. L-għan aħħari huwa li jiżdied is-sehem ta' studenti tal-mediċina u tal-farmaċewtika, u b'hekk jiġi indirizzat in-nuqqas ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa fiċ-Ċekja. L-investiment jinkludi l-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' faċilitajiet akkademiċi ġodda fi tliet kampusijiet tal-università:

- MEPHARED 2 – fużjoni ta' siti akkademiċi frammentati tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Fakultà tal-Farmaċija tal-Università Charles f'Hradec Králové
- Biocentrum – faċilitajiet ġodda għall-istudji mediċi u bijomediċi u x-xjenza fil-Campus ta' Alberov tal-Università ta' Charles fi Praga
- Biopharma Hub – faċilitajiet ġodda għal studji farmaċewtiċi u bijomediċi li jippermettu r-rabta tal-Fakultà tal-Farmaċija mas-sit akkademiku uniku tal-Università Masaryk fi Brno.

L-investimenti għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

**Riforma 2: Appoġġ għal skejjel żvantaġġati**

L-għan tar-riforma huwa li jiġu indirizzati d-disparitajiet dejjem jikbru bejn ir-riżultati edukattivi tal-iskejjel u li jiġi żgurat aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità. Dan għandu jinkiseb permezz ta' appoġġ komprensiv għall-iskejjel l-aktar vulnerabbli bi proporzjon ogħla mill-medja ta' studenti bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat. Għandu jiġi żviluppat u implimentat programm ta' appoġġ immirat għall-iskejjel f'żoni soċjalment esklużi u skejjel segregati, kif ukoll skejjel bi proporzjon ogħla ta' studenti b'lingwa materna differenti. L-appoġġ għandu jiffoka fuq it-taħriġ għall-għalliema biex jaħdmu ma' gruppi eteroġeni u studenti żvantaġġati, kif ukoll fuq kooperazzjoni effettiva mal-psikologi tal-iskola, l-assistenti tal-għalliema u l-ħaddiema soċjali tal-iskola.

Abbażi tar-riżultati tal-programm ta' appoġġ, għandha tiġi ppreżentata riforma tal-finanzjament tal-iskejjel li tintroduċi finanzjament indiċizzat biex jirrifletti l-livell tal-iżvantaġġ soċjoekonomiku. Dan għandu jippermetti finanzjament imsaħħaħ tal-iskejjel l-aktar vulnerabbli fuq bażi sistematika, u b'hekk tiżdied il-kwalità tal-edukazzjoni tagħhom u jitnaqqsu d-differenzi bejn l-iskejjel.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 2: Tutoraġġ tal-istudenti**



www.parlament.gv.at

L-investiment għandu l-għan li jipprovdi klassijiet ta' rkupru għal studenti bi sfond soċjoekonomiku żvantaġġat, li l-eżiti edukattivi tagħhom iddeterjoraw minħabba l-lockdown fit-tul tal-iskola. Abbażi tar-rapporti mill-Ispezzjoni tal-Iskola Ċeka, huwa stmat li 500 000 student għadhom lura u jeħtieġu tutoraġġ minħabba parteċipazzjoni insuffiċjenti fit-tagħlim online matul il-lockdown tal-iskola ta' għaxar xhur. L-investiment għandu għalhekk jipprevjeni aktar twessigħ tal-inugwaljanzi bejn l-istudenti u l-iskejjel xprunati minn żvantaġġi soċjali jew oħrajn. L-appoġġ lill-istudenti f'riskju ta' falliment għandu jkun temporanju, limitat għall-fażi ta' rkupru wara r-ritorn tal-istudenti għall-edukazzjoni full-time. Dan għandu jgħin biex jerġa' jkun hemm id-drawwiet tat-tagħlim u biex jinkiseb l-għarfien preskritt mill-kurrikuli fil-matematika, iċ-Ċek u l-lingwi barranin.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru, 2023.



www.parlament.gv.at

## Q.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta’ żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta’ kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta’ kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 176 | Riforma 1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta’ tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | It-tnedija ta’ programm ta’ appoġġ għat-trasformazzjoni tal-universitajiet | Tnedija tal-programm mill-Ministeru tal-Edukazzjoni | | | | K2 | 2022 | Il-programm għandu jappoġġa l-adattament ta’ universitajiet għal forom ġodda ta’ tagħlim u l-introduzzjoni ta’ programmi ta’ studju ġodda. Is-setturi li għandhom jiġu appoġġati mill-programm għandhom jiġu identifikati abbażi ta’ analiżi tad-*data* ekonomika, f’konsultazzjoni mas-sħab soċjali. L-enfasi għandha tkun fuq setturi b’valur miżjud għoli li qed jikbru malajr u li jbatu minn nuqqas ta’ speċjalisti b’livell għoli ta’ ħiliet, bħaċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali, l-Industrija 4.0 jew is-servizzi tal-gvern elettroniku. L-għan huwa li jingħata appoġġ lil mill-inqas 20 università. |
| 177 | Riforma 1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta’ tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol | Mira | Għadd ta’ programmi ta’ studju akkreditati ġodda | | Għadd | 0 | 35 | K1 | 2026 | Mill-inqas 35 programm ta’ studju ġdid irċevew akkreditazzjoni, li minnhom:<br>- mill-inqas 15-il programm ta’ studju għandhom jaqgħu taħt is-setturi identifikati bħala setturi b’valur miżjud għoli u li qed jikbru malajr u li jbatu minn nuqqas ta’ speċjalisti b’livell għoli ta’ ħiliet;<br>- mill-inqas 20 programm ġdid ta’ studju (Baċellerat jew Master) għandu jkollhom profil professjonali. |
| 178 | Riforma 1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta’ tagħlim u ħtiġijiet li qed | Mira | Għadd ta’ korsijiet ta’ taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet | | Għadd | 0 | 20 | K1 | 2026 | Mill-inqas 20 kors ġdid iffukati fuq it-titjib tal-ħiliet tat-taħriġ mill-ġdid (inklużi l-formoli mikrokredenzjali) se jiġu ttrattati u offruti mill-universitajiet. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | jinbidlu tas-suq tax-xogħol | | | | | | | | | |
| 179 | Investiment 1: Żvilupp ta' siti akkademiċi ewlenin magħżula | Stadju importanti | Għoti ta' kuntratti għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet universitarji ġodda | Notifika tal-għoti għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet universitarji ġodda | | | | K2 | 2024 | Notifika tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet universitarji ġodda bl-objettiv ta' 100 000 m2 ta' żona universitarja ġdida inkluż tagħmir materjali, imqassma:<br>1. Mephared 2 (Università ta' Charles, Hradec Králové) – 58 092 m²<br>2. BIOCENTRUM (Università ta' Charles, Praga – Albertov) — 33 934 m²<br>3. BiopharmaHub (Università Masaryk, Brno) – 19 035 m² |
| 180 | Investiment 1: Żvilupp ta' siti akkademiċi ewlenin magħżula | Mira | Għadd ta' metri kwadri ta' żona universitarja ġdida | | għadd | 0 | 100 000 | K2 | 2026 | Mill-objettiv ġenerali li jinbnew 111 000 m², għandhom jinbnew mill-inqas 100 000 m² ta' żoni universitarji ġodda. |
| 181 | Riforma 2: Appoġġ għal skejjel żvantaġġati | Mira | Għadd ta' skejjel żvantaġġati appoġġati | | Għadd | 0 | 400 | K4 | 2025 | Il-programm għandu jipprovdi appoġġ lil mill-inqas 400 skola bi proporzjon għoli ta' studenti żvantaġġati. L-appoġġ għandu jiffoka fuq it-taħriġ għall-għalliema biex jaħdmu ma' gruppi eteroġeni u studenti żvantaġġati. L-għażla tal-iskejjel għandha ssir mill-Istitut Nazzjonali tal-Pedagoġija f'kooperazzjoni mal-Ispezzjoni tal-Iskola Ċeka, abbażi ta' sett ta' kriterji, bħall-proporzjon ta' studenti żvantaġġati, il-proporzjon ta' studenti b'ilsna materni differenti u l-eżiti edukattivi tal-iskola. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linj a bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 182 | Riforma 2: Appoġġ għal skejjel żvantaġġati | Stadju importanti | Proposta għal sistema ġdida ta' finanzjament tal-iskejjel skont l-iżvantaġġ soċjoekonomiku | Approvazzjoni mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport tal-proposta għal finanzjament bl-indiċi | | | | K4 | 2025 | Il-proposta għall-finanzjament tal-indiċi għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati tal-programm ta' appoġġ għall-iskejjel żvantaġġati taħt ir-Riforma 2 (Appoġġ għal skejjel żvantaġġati). L-indiċi għandu jqis diversi indikaturi tal-vantaġġ soċjoekonomiku tal-iskejjel, bħar-riżultati edukattivi, il-proporzjon ta' studenti bi żvantaġġ soċjali jew żvantaġġ ieħor u l-proporzjon ta' studenti b'lingwa materna differenti. |
| 183 | Investiment 2: Tutoraġġ tal-istudenti | Mira | Għadd ta' studenti li rċevew tutoraġġ | | Għadd | 0 | 500 000 | K4 | 2023 | It-tutoraġġ għandu jiġi pprovdut lil mill-inqas 500 000 studenti f'riskju ta' falliment fl-iskola. It-tutoraġġ għandu jgħin lill-istudenti jerġgħu jiksbu d-drawwiet tat-tagħlim u jiksbu l-għarfien preskritt mill-kurrikuli fil-matematika, fil-lingwa Ċeka u f'dik barranija. |

## R. KOMPONENT 3.3: MODERNIZZAZZJONI TAS-SERVIZZI TAL-IMPJIEGI U L-IŻVILUPP TAS-SUQ TAX-XOGĦOL

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati diversi sfidi fil-qasam tas-suq tax-xogħol u l-kura soċjali. L-ewwel nett, għandu l-għan li jżid l-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol billi jiżviluppa l-ħiliet, b'mod partikolari fil-qasam diġitali. It-tieni, għandu l-għan li jindirizza l-inugwaljanzi persistenti bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa bi tfal żgħar fis-suq tax-xogħol. It-tielet nett, il-komponent għandu l-għan li jimmodernizza u jespandi s-servizzi soċjali f'konformità mal-prinċipji tad-deistituzzjonalizzazzjoni u l-għajxien indipendenti, kif deskritt fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni 2 għall-2019, speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha trawwem l-impjieg tan-nisa bi tfal żgħar, inkluż billi ttejjeb l-aċċess għall-indukrar tat-tfal affordabbli, u ta' gruppi żvantaġġati, u r-Rakkomandazzjoni 2 għall-2020 speċifika għall-pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha tappoġġa l-impjiegi permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol, il-forniment ta' ħiliet, inkluż ħiliet diġitali, u l-aċċess għat-tagħlim diġitali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### R.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol**

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tippromwovi t-tagħlim tul il-ħajja fiċ-Ċekja. Ir-riforma tikkonsisti f'għadd ta' miżuri sistemiċi:

- it-twaqqif ta' mekkaniżmu tripartitiku, sal-31 ta' Marzu 2022, li jinvolvi l-Ministeru tax-Xogħol, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-impjegaturi u r-rappreżentanti tat-trade unions, biex jikkoordina l-iżvilupp ta' programmi ta' tagħlim tul il-ħajja f'konformità mad-domanda attwali u antiċipata għall-ħiliet;

- toħloq sal-31 ta' Diċembru 2023 bażi tad-*data* ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ta' titjib tal-ħiliet li għandha żżid l-offerta ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u ttejjeb it-tqabbil tal-provvista u d-domanda; Il-bażi tad-*data* għandha tinkludi kemm programmi ta' taħriġ mill-ġdid iċċertifikati skont l-Att dwar l-Impjiegi, iżda wkoll korsijiet offruti minn skejjel vokazzjonali u istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja;

- l-espansjoni tal-gruppi fil-mira li jistgħu jipparteċipaw fit-taħriġ mill-ġdid organizzat mill-Uffiċċju tax-Xogħol għal persuni impjegati f'riskju ta' rikollokament u persuni impjegati li jkunu qed ifittxu titjib tal-ħiliet; dan huwa mistenni li jżid id-domanda għal edukazzjoni ulterjuri u l-adozzjoni tagħha;

- l-istabbiliment, sal-31 ta' Diċembru 2025, ta' mill-inqas 14-il ċentru ta' taħriġ reġjonali (taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċċju tax-Xogħol) mgħammra biżżejjed biex jipprovdu tagħlim tul il-ħajja



www.parlament.gv.at

fil-qasam tat-teknoloġiji diġitali u l-Industrija 4.0; dan għandu jippermetti kooperazzjoni msaħħa ma' skejjel vokazzjonali reġjonali u provvediment aktar flessibbli ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid skont il-ħtiġijiet attwali tas-suq tax-xogħol reġjonali (mingħajr il-ħtieġa li jiġu offruti programmi ta' rikwalifikazzjoni);

- emenda leġiżlattiva, sal-31 ta' Diċembru 2025, biex jiżdiedu l-flessibbiltà u l-effettività tal-korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid organizzati mill-Uffiċċju tax-Xogħol u biex l-appoġġ jiġi mmirat aħjar lejn il-gruppi l-aktar vulnerabbli.

Il-miżuri ta' riforma għandhom jitlestew sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Riforma 2: L-iżgurar ta' finanzjament sostenibbli tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal**

L-għan ta' din il-miżura huwa li trawwem id-disponibbiltà ta' indukrar tat-tfal affordabbli għal tfal taħt it-tliet snin sabiex jiġi ffaċilitat ir-ritorn tal-ġenituri, b'mod partikolari l-ommijiet, biex jaħdmu wara l-liv tal-ġenituri. Ir-riforma għandha tikkonsisti f'emenda tal-liġi dwar il-kura ta' qabel l-iskola, li għandha tiżgura finanzjament stabbli tal-faċilitajiet għal tfal taħt it-tliet snin. L-emenda leġiżlattiva għandu jkollha l-għan ukoll li tiżgura aċċess għal indukrar tat-tfal affordabbli għal tfal taħt it-tliet snin fir-reġjuni kollha taċ-Ċekja.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

**Riforma 3: Riforma tal-kura fit-tul**

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza l-isfida tal-governanza frammentata u l-finanzjament tal-kura fit-tul u proporzjon baxx ta' servizzi bbażati fil-komunità u fid-djar fiċ-Ċekja. Il-miżura tikkonsisti f'riforma leġiżlattiva, li għandu jkollha l-għan li tintegra l-kura tas-saħħa u l-kura soċjali fit-tul, tiżgura sistema stabbli ta' finanzjament adegwat ta' servizzi ta' kwalità fit-tul, tipprovdi inċentivi għal kura bbażata fil-komunità u fid-dar, tippermetti aċċess għal fornituri privati u ttejjeb is-superviżjoni tal-kura soċjali. Sal-31 ta' Diċembru 2022, hija mistennija li tiġi stabbilita sistema għall-immappjar tal-ħtiġijiet soċjali u fit-tul u huwa mistenni li jiġi adottat pjan ta' azzjoni għad-deistituzzjonalizzazzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

**Investiment 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol**

Il-miżura għandha l-għan li żżid l-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol għall-ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol. Il-miżura tinkludi prinċipalment proġetti ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, b'enfasi fuq persuni b'kapaċità mnaqqsa li jadattaw għal kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu.

Il-provvista ta' ħiliet għandha, minn naħa, tiżgura l-provvista ta' ħaddiema tas-sengħa, li hija prerekwiżit għall-kompetittività, u min-naħa l-oħra tipprevjeni l-qgħad u trawwem il-koeżjoni soċjali. Sal-31 ta' Diċembru 2025 għandu jiġi pprovdut titjib tal-ħiliet jew taħriġ mill-ġdid lil 130,000 persuna fil-ħiliet diġitali jew ħiliet oħra meħtieġa mit-tranżizzjoni diġitali u mill-Industrija 4.0. Minn dan in-numru, 65,000 persuna huma mistennija li jirċievu appoġġ permezz tal-Uffiċċju tax-Xogħol Ċek u 65,000 oħra għandhom jiġu appoġġati permezz ta' taħriġ professjonali pprovdut direttament mill-impjegaturi (għandha tingħata preferenza lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom).



www.parlament.gv.at

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal**

L-investiment għandu l-għan li jżid id-disponibbiltà ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal għal tfal taħt it-tliet snin. Dan għandu jgħin biex tiġi indirizzata l-parteċipazzjoni baxxa tan-nisa bi tfal żgħar fis-suq tax-xogħol u jitnaqqsu l-inugwaljanzi persistenti bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol, li jissarrfu f'diskrepanza għolja fl-impjiegi bejn is-sessi, id-differenza fil-pagi u d-differenza fil-pensjonijiet. L-investiment għandu wkoll l-għan li jżid l-aċċess għall-indukrar tat-tfal għal familji bi dħul aktar baxx li ma jistgħux jaffordjaw is-servizzi eżistenti għall-indukrar tat-tfal, li jkompli jaggrava r-riskju tal-esklużjoni soċjali u l-eżiti edukattivi dgħajfa tat-tfal tagħhom. Huwa mistenni li l-investiment iżid l-għadd ta' gruppi ta' tfal u skejjel preprimarji b'40 %. L-investiment għandu jinkludi:

- investiment fi skejjel preprimarji ġodda. Mill-għan ġenerali li jiġu stabbiliti 435 skola preprimarja ġdida, għandhom jinħolqu mill-inqas 391;

- rinnovazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti biex jikkonformaw mal-istandards tekniċi l-ġodda (iġjene u sikurezza kontra n-nirien) stabbiliti bl-emenda tal-Att tal-Grupp tat-Tfal. Mill-objettiv ġenerali li jiġu rinnovati 370 faċilità, mill-inqas 333 għandhom jiġu rinnovati.

L-investiment f'kapaċitajiet ġodda għandu jikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima billi jżid l-effiċjenza enerġetika kif ġej:

- 25 % għandhom jiġu allokati għal kostruzzjonijiet ġodda b'domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.

- 45 % għandhom jiġu allokati għal rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika, li bħala medja jiksbu jew iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra.

- 30 % għandhom jiġu allokati għal rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Investiment 3: L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali**

Din il-miżura għandha l-għan li tindirizza n-nuqqas ta' infrastruttura tal-kura soċjali u l-ħtieġa li tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn kura soċjali u fit-tul ibbażata fil-komunità fir-Repubblika Ċeka.

L-investimenti għandhom jappoġġaw l-istabbiliment ta' infrastruttura ta' faċilitajiet ta' kura soċjali addizzjonali, jew permezz ta' rikostruzzjoni ta' bini eżistenti jew permezz ta' kostruzzjonijiet ġodda. Dawn il-proġetti ta' investiment għandhom jiġu implimentati mill-muniċipalitajiet awtonomi abbażi tal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet territorjali; L-iżgurar li postijiet residenzjali ġodda u rinnovati jkunu allinjati mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità. L-investiment f'ambjenti ta' kura bbażati fid-djar u fil-komunità għandu jkun iffavorit u l-prinċipju tal-libertà tal-għażla u l-għajxien indipendenti għandu jiġi rispettat għall-proġetti kollha ta' investiment. L-investiment f'kapaċitajiet ġodda għandu jikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima billi jżid l-effiċjenza enerġetika kif ġej:


www.parlament.gv.at

- terz tal-allokazzjoni għandu jappoġġa kostruzzjonijiet ġodda b'domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.

- terz tal-allokazzjoni għandha tiġi allokata għal rinnovazzjonijiet li bħala medja jiksbu jew iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew mill-inqas tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra;

- terz tal-allokazzjoni għandha tiġi allokata għal rinnovazzjonijiet li bħala medja la jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % u lanqas tnaqqis ta' mill-inqas 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra.

- Mill-inqas 100 vettura elettrika u mill-inqas 151 ibrida rikarikabbli għandhom jinxtraw għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-djar.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**R.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linj a bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 184 | Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | Stabbiliment tal-Kumitat tripartitiku għat-Taħriġ mill-Ġdid u t-Titjib tal-Ħiliet | Dħul fis-seħħ ta' digriet li jistabbilixxi Kumitat permanenti għat-Taħriġ u t-Titjib tal-Ħiliet tal-Kunsill tal-Ftehim Ekonomiku u Soċjali (tripartitiku) | | | | K1 | 2022 | Il-Kumitat għat-Taħriġ mill-Ġdid u t-Titjib tal-Ħiliet għandu jikkoordina l-iżvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja f'konformità mad-domanda reali u antiċipata għall-ħiliet. Dan għandu jikkonsisti mir-rappreżentanti tal-Ministeru tax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali, il-Ministeru tal-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ u l-Isport, l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi u t-trade unions |
| 185 | Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Impjiegi emendat li jżid l-effiċjenza tas-servizzi tal-impjiegi u jimmira aħjar lejn l-aktar gruppi vulnerabbli | Dispożizzjoni fl-Att dwar l-Impjiegi emendat li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Impjiegi emendat | | | | K4 | 2025 | Il-liġi għandha<br>• Tipprovdi definizzjoni ta' persuni żvantaġġati fis-suq tax-xogħol<br>• appoġġ immirat aħjar għall-aktar gruppi vulnerabbli (speċjalment il-persuni b'livell baxx ta' ħiliet, esklużi jew li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni soċjali)<br>• iżżid il-flessibbiltà u l-effettività tal-korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid organizzati mill-Uffiċċju tax-Xogħol |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 186 | Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | Bażi tad-*data* ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet | Bażi tad-*data* pubblika ta' korsijiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fis-seħħ | | | | K4 | 2023 | Il-bażi tad-*data* għandha tinkludi programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid iċċertifikati skont l-Att dwar l-Impjiegi (ipprovduti mill-Uffiċċju tax-Xogħol) kif ukoll korsijiet offruti minn skejjel vokazzjonali, istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u fornituri oħra. |
| 187 | Investiment 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Mira | L-għadd ta' persuni li rċevew taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet fil-ħiliet diġitali u l-ħiliet meħtieġa għall-Industrija 4.0 | | Għadd | 0 | 130 000 | K4 | 2025 | Mill-inqas 65 000 persuna għandhom jirċievu titjib tal-ħiliet jew taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali. Barra minn hekk, mill-inqas 65 000 persuna għandhom jirċievu titjib tal-ħiliet jew taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet meħtieġa għall-Industrija 4.0.<br>L-appoġġ għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid għandu jiġi pprovdut permezz tal-Uffiċċju tax-Xogħol Ċek jew permezz ta' taħriġ ibbażat fuq il-kumpaniji pprovdut mill-impjegaturi. Il-kriterji tal-għażla għandhom jiżguraw li tingħata preferenza lill-SMEs u lil dawk li jaħdmu għal rashom. |
| 188 | Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Mira | Għadd ta' ċentri ta' taħriġ reġjonali stabbiliti għall-promozzjoni tal-Industrija 4.0 | | Għadd | 0 | 14 | K4 | 2025 | Għandhom jiġu stabbiliti, mgħammra u mħaddma mill-inqas 14-il ċentru tat-taħriġ (ċentru wieħed għal kull reġjun). Iċ-ċentri għandhom jiġu stabbiliti mill-Uffiċċju tax-Xogħol. Huma għandhom ikunu mgħammra biex jipprovdu korsijiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid fil-ħiliet diġitali u l-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn l-Industrija 4.0, f'kooperazzjoni mal-iskejjel vokazzjonali reġjonali. |
| 189 | Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet preskolastiċi | Mira | Għadd ta' faċilitajiet preskolastiċi eżistenti rinnovati | | Għadd | 0 | 333 | K4 | 2025 | Mill-objettiv ġenerali li jiġu rinnovati 370 faċilità, mill-inqas 333 għandhom jiġu rinnovati, biex jikkonformaw mal-istandards tekniċi l-ġodda stabbiliti bl-emenda ta' ct Nru 247/2014 dwar il-forniment ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp tat-tfal (l-Att tal-Grupp ta' Tfal). |
| 190 | Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet | Mira | Għadd ta' faċilitajiet ġodda ta' qabel l-iskola | | Għadd | 0 | 391 | K4 | 2025 | Mill-objettiv ġenerali li jiġu stabbiliti 435 skola preprimarja ġodida, mill-inqas 391 għandhom jinħolqu, billi jinbnew binjiet ġodda u billi jiġu rinnovati binjiet eżistenti. L-investiment jinkludi l-użu ta' għotja ta' appoġġ kif ġej: |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linj a bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | preskolastiċi | | | | | | | | | • Mill-inqas 98 għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b'domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero.<br>• Mill-inqas 176 għandhom ikunu rinnovazzjonijiet li bħala medja jiksbu jew iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew mill-inqas tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra.<br>• Mill-inqas 117 għandhom ikunu rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika. |
| 191 | Investiment 2: Żieda fil-kapaċità tal-faċilitajiet preskolastiċi | Mira | Għadd ta' postijiet ġodda fil-faċilitajiet ta' qabel l-iskola | | Għadd | 0 | 7430 | K4 | 2025 | Il-ħolqien ta' mill-inqas 7430 post ġdid f'faċilitajiet ta' qabel l-iskola għat-tfal taħt l-età ta' tliet snin. Dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu distinti mill-faċilitajiet iffinanzjati minn programmi oħra ta' finanzjament tal-UE. |
| 192 | Riforma 2: L-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-kura tat-tfal (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar l-għoti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp tat-tfal) | Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-kura tat-tfal (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar l-għoti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp ta' tfal) li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi | | | | K4 | 2023 | Il-liġi dwar il-kura preskolastika tat-tfal (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar l-għoti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp ta' tfal) għandha<br>• tiżgura finanzjament stabbli tal-faċilitajiet ta' qabel l-iskola għat-tfal taħt it-tliet snin<br>• timmira li tiżgura aċċess għal indukrar tat-tfal affordabbli għal tfal taħt it-tliet snin fir-reġjuni kollha. |
| 193 | Riforma 3: Riforma tal-kura fit-tul | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-kura fit-tul | Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-kura fit-tul li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi | | | | K4 | 2023 | Il-liġi dwar il-kura fit-tul għandha<br>• timmira lejn l-integrazzjoni tas-saħħa u l-kura soċjali fit-tul;<br>• tiżgura standards ta' kwalità għolja għat-tipi kollha ta' servizzi ta' kura fit-tul; |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | • tippromwov kura bbażata fil-komunità u kura fid-dar li tiżgura għajxien indipendenti f'ambjent naturali;<br>• tiżgura sistema stabbli ta' finanzjament adegwat tas-servizzi ta' kura fit-tul, inkluż għall-kura bbażata fil-komunità u fid-dar;<br>• tiddefinixxi r-regoli dwar il-monitoraġġ tal-kwalità tal-kura, ir-rekwiżiti għall-persunal (inklużi l-kwalifiki) u t-taħmir;<br>• tippermetti l-aċċess għall-fornituri privati tal-LTC filwaqt li japplikaw l-istess regoli u standards ta' kwalità għall-fornituri kollha. |
| 194 | Investiment 3: L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali | Mira | T1: Għadd ta' faċilitajiet residenzjali bbażati fil-komunità mibnija jew mibnija mill-ġdid | | Għadd ta' faċilitajiet | 0 | 121 | K4 | 2024 | Għandhom jinħolqu mill-inqas 121 faċilità, li minnhom:<br>• 69 faċilità għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b'domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero;<br>• 26 faċilità għandhom jiġu rinnovati li bħala medja jiksbu jew iffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % jew mill-inqas tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra.<br>• 26 faċilità għandhom ikunu rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza enerġetika<br>Il-faċilitajiet għandhom jinbnew/jinbnew mill-ġdid skont il-kondizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, b'mod partikolari l-prinċipji tal-libertà tal-għażla u l-għajxien indipendenti. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 195 | Investiment 3: L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali | Mira | T2: Għadd ta' faċilitajiet residenzjali bbażati fil-komunità mibnija jew mibnija mill-ġdid | | Għadd ta' faċilitajiet | 121 | 288 | K4 | 2025 | Għandhom jinħolqu mill-inqas 288 faċilità, li minnhom:<br>• 116-il faċilità għandhom ikunu kostruzzjonijiet ġodda b'domanda għall-enerġija primarja mill-inqas 20 % taħt ir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' enerġija qrib iż-żero;<br>• 106 faċilità għandhom jiġu rinnovati, li bħala medja jiksbu jew 30% ta' iffrankar fl-enerġija primarja jew mill-inqas tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet diretti u indiretti ta' gassijiet serra.<br>• 66 faċilità għandhom ikunu rinnovazzjonijiet oħra tal-effiċjenza fl-enerġija li, bħala medja, la jiksbu mill-inqas 30 % tal-enerġija primarja. Il-faċilitajiet għandhom jinbnew/jinbnew mill-ġdid skont il-kundizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, b'mod partikolari l-prinċipji tal-libertà tal-għażla u l-għajxien indipendenti.<br>Il-miżura mistennija li toħloq mill-inqas 5000 sodda ġdida fil-faċilitajiet tal-kura soċjali. |
| 196 | Investiment 3: L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali | Mira | T1: Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi mixtrija għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-djar | | Għadd | 0 | 120 | K4 | 2023 | Għandhom jinxtraw mill-inqas 120 vettura b'emissjonijiet baxxi, li minnhom:<br>• 40 karozza elettrika<br>• 80 karozza ibrida rikarikabbli |
| 197 | Investiment 3: L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali | Mira | T2: Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi mixtrija għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-djar | | Għadd | 120 | 251 | K4 | 2024 | Għandhom jinxtraw mill-inqas 251 vettura b'emissjonijiet baxxi, li minnhom:<br>• 100 karozza elettrika<br>• 151 karozza ibrida rikarikabbli |

www.parlament.gv.at

## S. KOMPONENT 4.2: STRUMENTI ĠODDA TA' KWAŻI-EKWITÀ GĦALL-PROMOZZJONI TAL-INTRAPRENDITORIJA U L-IŻVILUPP TAL-BANK TA' GARANZIJA U ŻVILUPP ĊEK-MORAVJAN (ČMZRB) BĦALA BANK NAZZJONALI TAL-IŻVILUPP

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfidi li jikkonċernaw l-aċċess għall-finanzjament minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

L-objettivi tal-komponent huma l-estensjoni tal-linja ta' prodotti ta' ČMZRB biex tinkludi strument ġdid ta' kważi ekwità u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' ČMZRB għall-implimentazzjoni tagħha, inkluż it-tfassil ta' proċeduri regolatorji interni u sistemi tal-IT. Parti integrali tar-riforma għandha tkun li taġġorna l-istrateġija ČMZRB biex tinkludi prinċipji għal finanzjament sostenibbli f'konformità mal-objettivi ambjentali tal-UE bl-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju "La tagħmilx ħsara sinifikanti".

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż dwar l-appoġġ għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju billi jsir użu akbar mill-istrumenti finanzjarji biex jiġi żgurat appoġġ ta' likwidità (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2019).

### S.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: Żvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp**

L-għan tar-riforma huwa li ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' ČMZRB bħala bank nazzjonali tal-iżvilupp, il-kapaċità tiegħu li jimplimenta strumenti finanzjarji, speċjalment dawk li jappoġġaw l-objettivi ta' tranżizzjoni ekoloġika.

Ir-riforma għandu jkollha l-għan li tikkompleta l-objettivi li ġejjin:

- L-aġġornament tal-istrateġija ČMZRB biex jiġu inklużi prinċipji għal finanzjament sostenibbli f'konformità mal-objettivi ambjentali tal-UE.
- It-tisħiħ tar-riżorsi istituzzjonali u umani biex tiġi żgurata l-ġestjoni effiċjenti tat-tip ġdid ta' strumenti finanzjarji, inkluż permezz tal-aġġustament tal-proċeduri regolatorji interni tas-sistemi tal-IT għall-prodott il-ġdid.
- L-iżvilupp ta' metodoloġija għall-evalwazzjoni u l-għażla tal-proġetti li tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Gwida teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) (2021/C58/01) u l-kriterji tat-tikkettar ekoloġiku kif stabbiliti fl-Anness VI tar-Regolament RRF, li jippermettu appoġġ għal attivitajiet b'koeffiċjent klimatiku ta' 40 % jew 100 %.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2021.

**Investiment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità li jappoġġaw l-intraprenditorija**

Il-vantaġġtal-investiment huwa li jiġi pprovdut appoġġ fl-ammont ikkombinat ta' EUR 32 400 000 għal mill-inqas 30 proġett li jissodisfaw il-kriterji ambjentali u klimatiċi abbażi tal-metodoloġija l-ġdida, f'konformità mal-istrateġija l-ġdida ta' nofs it-terminu taċ-ČMZRB kif żviluppata taħt il-parti tar-Riforma u wara proċedura tal-għażla trasparenti u kompetittiva. L-appoġġ ipprovdut taħt il-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza huwa mistenni li jimmobilizza l-kapital privat bħala


www.parlament.gv.at

kofinanzjament privat u, fuq terminu twil, iżid il-kapital ewlieni ta' ČMZRB disponibbli għal finanzjament ulterjuri ta' ditti permezz tal-istrumenti finanzjarji.

Iċ-Ċekja għandha tlesti l-miżuri li ġejjin:

- Il-konklużjoni ta' ftehim ta' finanzjament bejn ČMZRB u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ, li jistabbilixxi b'mod ċar li l-proġetti appoġġati miċ-ČMZRB skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom jikkonformaw mal-objettivi tar-Regolament (UE) 2021/241, inklużi d-DNSH u l-kriterji tat-tikkettar ekoloġiku, kif ukoll li sal-31 ta' Diċembru 2026 ir-rimborżi mill-istrument il-ġdid ta' kważi ekwità għandhom jerġgħu jintużaw biss għall-finijiet ta' dan l-istrument.
- L-estensjoni tal-linji tal-prodotti ČMZRB għal strumenti ġodda ta' kważi ekwità li jappoġġaw lill-SMEs (self intermedju). L-istrumenti l-ġodda għandhom ikunu strument ta' kważi ekwità fis-sens ta' subordinazzjoni għad-dejn superjuri tiegħu, iżda għandu jipprovdi għal finanzjament speċifiku għall-proġett.
- L-għoti ta' għajnuna li tammonta għal total ta' mill-inqas EUR 32 400 000 miljun (30 proġett) permezz tal-finanzjament tal-investimenti li jkun konformi mal-Gwida teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) (2021/C58/01) u b'koeffiċjent ta' klima ta' 40 % jew 100 % permezz ta' strumenti ta' kważi ekwità, wara proċedura trasparenti u kompetittiva.
- Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-ftehim legali bejn il-Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ u s-ČMZRB u l-politika ta' investiment sussegwenti tal-istrument finanzjarju għandhom:
    i. tirrikjedi l-applikazzjoni tal-gwida teknika tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-prova tas-sostenibbiltà għall-Fond InvestEU; u
    ii. jeskludi mil-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-karburanti fossili, inkluż l-użu downstream[11]; (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti[12]; (iii) attivitajiet u assi relatati ma' miżbliet tal-iskart, inċineraturi[13] u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku[14]; u (iv) attivitajiet u assi fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent; u

[11] Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

[12] Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

[13] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

[14] Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.


www.parlament.gv.at

iii. jirrikjedu l-verifika tal-konformità legali mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali tal-benefiċjarju mill-entità fdata jew mill-intermedjarju finanzjarju għat-tranżazzjonijiet kollha, inklużi dawk eżentati mill-verifika tas-sostenibbiltà.

Sabiex jiġi żgurat li lattivitajiet ikkonformaw mal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kriterji tal-għażla għandhom jirrikjedu li l-attivitajiet appoġġati jikkonformaw mal-kriterji rilevanti li jirriżultaw mill-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %).

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

## S.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta’ żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta’ żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta’ kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta’ kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 198 | Riforma 1: Żvilupp tal-Bank ta’ Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp | Stadju importanti | Adozzjoni tal-istrateġija fuq terminu medju tal-Bank ta’ Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) approvata mill-azzjonisti tal-bank (rappreżentati mill-Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Finanzi u l-Iżvilupp Lokali) | Adozzjoni tal-istrateġija fuq terminu medju tal-Bank tal-Garanzija u l-Iżvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) | | | | K4 | 2021 | L-istrateġija l-ġdida għandha tiġi approvata mill-azzjonisti tal-bank: il-Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Finanzi u l-Iżvilupp Lokali). Dan għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iżgurar tal-konformità mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01). |
| 199 | Riforma 1: Żvilupp tal-Bank ta’ Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp | Stadju importanti | It-twettiq ta’ mudell ta’ ġestjoni għall-istrument il-ġdid ta’ kważi ekwità | Approvazzjoni tal-pjan ta’ implimentazzjoni u r-regolamenti interni għall-ġestjoni tat-tip ġdid ta’ strumenti | | | | K4 | 2021 | L-istadju importanti għandu jinkiseb permezz tal-approvazzjoni tal-pjan ta’ implimentazzjoni u r-regolamenti interni għall-ġestjoni ta’ tipi ġodda ta’ strumenti finanzjarji mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank tal-Garanzija u l-Iżvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB).<br>Ir-regoli l-ġodda għandhom jinkludu kundizzjonijiet u metodi ta’ evalwazzjoni tal-proġetti li jiżguraw il-konformità mal-Gwida teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) (2021/C58/01) u mar-rekwiżiti tal-oqsma ta’ intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 (b’koeffiċjent ta’ 40 % jew 100 %). Ir-regoli l-ġodda |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | finanzjarji mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) | | | | | | għandhom jiġu kkonsultati ma' entitajiet tas-suq u konsulenti professjonali. |
| 200 | Investiment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità li jappoġġaw l-intraprenditorija | Stadju importanti | Ftehim ta' finanzjament mal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeku-Moravian bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp (ČMZRB) | L-iffirmar tal-Ftehim ta' finanzjament, | | | | K4 | 2021 | L-istadju importanti għandu jinkiseb mal-iffirmar tal-ftehim ta' finanzjament bejn il-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp (ČMZRB) u l-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ. Il-Ftehim għandu jinkludi: 1) politika ta' investiment, 2) kriterji ta' eliġibbiltà, 3) konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) tal-benefiċjarji appoġġati taħt din il-miżura permezz tal-użu ta' verifika tas-sostenibbiltà, lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.<br><br>Il-kriterji tal-għażla għandhom jeżiġu li l-attivitajiet appoġġati jkunu konformi mar-rekwiżiti tal-oqsma ta' intervent applikabbli tal-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241 (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %). Il-Ftehim ta' finanzjament għandu jispeċifika li l-użu ta' rimborżi mill-istrument finanzjarju għall-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala kapital ewlieni tal-Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp (ČMZRB) għandu jsir biss wara l-2026. |
| 201 | Investiment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' | Mira | Investiment ta' total ta' EUR 32 400 000 fi strumenti ta' | | EUR | 0 | 32 400 000 | K4 | 2025 | L-investiment għandu jappoġġa b'ammont ta' EUR 32 400 000 mill-inqas 30 proġett sa tmiem l-2025, skont il-politika ta' investiment, wara proċedura tal-għażla trasparenti u kompetittiva. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | kważi ekwità li jappoġġaw l-intraprenditorija | | kważi ekwità li jappoġġaw proġetti sostenibbli tal-SMEs | | | | | | | Il-proġetti għandhom ikunu konformi mal-Gwida Teknika (2021/C58/01) "La tagħmilx ħsara sinifikanti (Do no significant harm, DNSH) u mar-rekwiżiti rilevanti tal-oqsma ta' intervent applikabbli fl-Anness VI tar-Regolament (EU) 2021/241 (b'koeffiċjent ta' 40 % jew 100 %. |

www.parlament.gv.at

## T. KOMPONENT 4.3: RIFORMI KONTRA L-KORRUZZJONI

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni tar-Repubblika Ċeka permezz tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-informaturi u r-regolamentazzjoni tal-lobbying. Ir-riforma għandu jkollha l-għan ukoll li tibni bażijiet ta' *data* analitiċi dwar il-korruzzjoni, li sussegwentement jistgħu jintużaw fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri kontra l-korruzzjoni aktar effettivi u mmirati aħjar. Il-komponent jinkludi wkoll riforma tal-ġudikatura li għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas leġiżlattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-bailiffs.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1, għall-2019, li skontha ċ-Ċekja għandha tadotta miżuri pendenti kontra l-korruzzjoni.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### T.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1: Ħarsien tal-whistleblowers**

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb is-salvagwardji legali għall-informaturi u ttejjeb il-perċezzjoni tal-informaturi fl-amministrazzjoni pubblika u fis-soċjetà ċivili. Hija prevista leġiżlazzjoni ġdida li tiżgura protezzjoni effettiva tal-informaturi kontra r-ritaljazzjoni fuq il-post tax-xogħol, li tistabbilixxi kanali ta' rapportar interni għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta minn istituzzjonijiet pubbliċi, muniċipalitajiet u kumpaniji kbar. Sistema ta' notifika esterna għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta għandha tiġi stabbilita fil-Ministeru tal-Ġustizzja. Sabiex titjieb il-perċezzjoni tal-informaturi, għandha titwettaq kampanja ta' sensibilizzazzjoni mmirata kemm lejn l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll lejn il-ġudikatura, kif ukoll lejn il-pubbliku ġenerali.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**Riforma 2: It-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-bailiffs**

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tiġi stabbilita sistema trasparenti u uniformi ta' reklutaġġ u għażla ta' mħallfin u uffiċjali ġudizzjarji bbażata fuq kriterji preċiżi, oġġettivi u uniformi. Barra minn hekk, ir-riforma għandha l-għan li tirregola f'aktar dettall l-attivitajiet anċillari tal-imħallfin u li tissimplifika l-proċedimenti tal-qorti li jinvolvu l-assessuri. Hija tfittex ukoll li ssaħħaħ is-salvagwardji tal-proċedimenti dixxiplinari għall-imħallfin, il-prosekuturi u l-marixxalli billi tintroduċi rieżami tal-appell. Ir-riforma għandha tinkiseb bil-miżuri li ġejjin:

- Id-dħul fis-seħħ, sal-31 ta' Diċembru 2021, tal-liġi dwar il-qrati, l-imħallfin, l-assessuri u l-amministrazzjoni tal-istat tal-qrati (l-Att dwar il-Qrati u l-Imħallfin);
- Id-dħul fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2024 tal-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u bailiffs.


www.parlament.gv.at

**Riforma 3: Ġbir u analiżi ta' *data* dwar il-korruzzjoni**

Ir-riforma għandha l-għan li tikseb *data* kwantitattiva u kwalitattiva dwar il-prevalenza tal-korruzzjoni u twessa' l-firxa ta' għodod għall-immappjar u l-analiżi tat-tipi predominanti ta' korruzzjoni f'setturi differenti. Dan għandu jinkiseb permezz ta' proġett ta' riċerka, li għandu jidentifika l-firxa u l-forom ta' korruzzjoni f'setturi magħżula fir-Repubblika Ċeka. L-analiżi għandha tirriżulta f'rakkomandazzjonijiet ta' miżuri biex titnaqqas il-korruzzjoni fis-setturi magħżula u hija mistennija li tikkontribwixxi għall-istrateġiji futuri tal-gvern kontra l-korruzzjoni. Ir-rapport ta' riċerka finali għandu jipproponi metodoloġija għall-kejl tal-esperjenza diretta u indiretta tal-korruzzjoni. Il-metodoloġija għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet governattivi, l-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ u l-komunitajiet akkademiċi għal aktar żvilupp u applikazzjoni.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Riforma 4: L-istabbiliment ta' regoli għal-lobbying**

Il-lobbying bħalissa mhuwiex regolat fiċ-Ċekja. L-għan ta' din ir-riforma huwa li jiġi stabbilit qafas legali għal attivitajiet ta' lobbying fil-proċess leġiżlattiv, biex ikun jista' jsir skrutinju pubbliku tal-lobbying u b'hekk tiżdied it-trasparenza tal-proċess leġiżlattiv kollu. Għandha tiġi adottata liġi ġdida dwar il-lobbying, li għandha tistabbilixxi regoli għal attivitajiet ta' lobbying sabiex issir distinzjoni bejn attivitajiet leġittimi ta' lobbying u lobbying mhux mixtieq u mhux trasparenti.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

**Riforma 5: Kontroll u verifika**

Il-protezzjoni tal-koeffiċjent tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza huwa soġġett għall-istabbiliment ta' miżuri xierqa għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interessi kif definit fl-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju. Għalhekk, it-titjib tal-ambjent ta' kontroll u ta' awditjar huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-pjan f'konformità mal-liġi tal-Unjoni u nazzjonali applikabbli. Din ir-riforma tinkludi diversi miżuri biex jiġu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari (i) titjib fis-sistema nazzjonali ta' kontroll għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi, (ii) rieżami tal-konformità tal-proċeduri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tas-sjieda benefiċjarja fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll intern tal-Faċilità tkun allinjata bis-sħiħ mad-definizzjoni ta' "sidien benefiċjarji", kif definit fl-Artikolu 3(6) tad-Direttiva 2015/849, kif emendata bid-Direttiva 2018/843, (iii) l-adozzjoni ta' strateġija tal-awditjar li tiżgura l-awditu indipendenti u effettiv tal-implimentazzjoni tal-RRF, (iv) l-approvazzjoni tal-proċeduri għas-sistema biex id-*data* tinġabar, tinħażen u tiġi pproċessata fir-rigward tal-benefiċjarji finali kollha, inklużi s-sidien benefiċjaji kollha kif stabbilit mill-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849, u (v) sistema ta' ripożitorju għall-monitoraġġ u l-ħżin tad-*data* kollha msemmija fl-Artikolu 22(2)d tar-Regolament (UE) 2021/241.

Ir-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2022. Dawn l-istadji importanti kollha għandhom jiġu ssodisfati qabel ma titressaq l-ewwel talba għall-ħlas lill-Kummissjoni.



www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

**T.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 202 | Riforma 1: Ħarsien tal-whistleblowers | Stadju importanti | Id-dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi u l-liġi emendatorja li takkumpanjaha | Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi li tindika d-dħul fis-seħħ | | | | K4 | 2024 | Il-liġi dwar il-protezzjoni tal-informaturi għandha:<br>• tipprojbixxi miżuri ta' ritaljazzjoni kontra l-informaturi<br>• teżiġi li jiġi stabbilit kanal ta' notifika estern għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta fil-Ministeru tal-Ġustizzja<br>• teżiġi li l-istituzzjonijiet pubbliċi, il-muniċipalitajiet il-kbar u l-kumpaniji l-kbar jintalbu jistabbilixxu sistemi ta' notifika interni għall-iżvelar ta' informazzjoni protetta |
| 203 | Riforma 2: Riforma ġudizzjarja mmirata lejn it-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-bailiffs | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Qrati u l-Imħallfin | Dispożizzjoni fl-Att dwar il-Qrati u l-Imħallfin li tindika d-dħul fis-seħħ | | | | K4 | 2021 | L-att dwar il-Qrati u l-Imħallfin għandu:<br>• jintroduċi regoli oġġettivi għall-għażla ta' mħallfin u uffiċjali tal-qorti<br>• jipprovdui regolamentazzjoni aktar dettaljata tal-attività sekondarja tal-imħallfin<br>• jissimplifika l-proċedimenti tal-qorti li fihom jipparteċipaw l-imħallfin lajċi |
| 204 | Riforma 2: Riforma ġudizzjarja mmirata lejn it-tisħiħ tal-qafas | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u | Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u | | | | K4 | 2024 | Il-liġi dwar il-proċedimenti f'każijiet ta' mħallfin, prosekuturi u bailiffs għandha:<br>• introduzzjoni ta' rieżami ta' istanza bbażata fuq appell ta' deċiżjonijiet mill-Bord Dixxiplinari<br>• tintroduċi miżuri biex tiżdied l-effiċjenza fil-proċedimenti ta' mħallfin, prosekuturi, u bailiffs, jiġifieri fir-rigward tal- |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | leġiżlattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-bailiffs | | bailiffs | bailiffs li tindika d-dħul fis-seħħ | | | | | | kompożizzjoni tal-Bordijiet Dixxiplinari, is-salarji għall-impjegati taċ-ċivil ikkundannati għal imġiba ħażina dixxiplinarja u s-soluzzjoni ta' każ dixxiplinari bi ftehim |
| 205 | Riforma 3: Ġbir u analiżi ta' *data* dwar il-korruzzjoni | Stadju importanti | Ħolqien ta' metodoloġija għall-kejl tal-korruzzjoni fir-Repubblika Ċeka | Pubblikazzjoni tal-metodoloġija mill-Ministeru tal-Ġustizzja | | | | K4 | 2023 | Il-metodoloġija l-ġdida għandha tippermetti kejl replikabbli u effiċjenti tal-esperjenza diretta u indiretta tal-korruzzjoni fir-Repubblika Ċeka. Għandha tkun parti mir-rapport ta' riċerka finali li għandu wkoll:<br>• jidentifika l-firxa u l-forom ta' korruzzjoni f'setturi soċjali magħżula fir-Repubblika Ċeka.<br>• jifformula rakkomandazzjonijiet ta' miżuri biex titnaqqas il-korruzzjoni fis-setturi magħżula |
| 206 | Riforma 4: Regolamentazzjoni tal-lobbying | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-lobbying | Dispożizzjoni fil-liġi dwar il-lobbying li tindika d-dħul fis-seħħ | | | | K1 | 2026 | Il-liġi dwar il-lobbying għandha:<br>• tiddefinixxi l-lobbying<br>• teżiġi li jitwaqqaf reġistru ta' lobbyists u ta' persuni li jagħmlu lobbying<br>• tintroduċi obbligu ta' reġistrazzjoni tal-lobbying u sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità. |
| 207 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Is-sistema biex tinġabar, tinħażen u ssir disponibbli *data* fir-rigward tal-benefiċjarji finali kollha inklużi s-sidien | Proċedura approvata u implimentata mill-unità tal-konsenja bid-deskrizzjoni tas-sistema għall-ġbir u d-disponibbiltà tad-data dwar il- | | | | K2 | 2022 | Il-proċedura li tiddeskrivi kif id-*data* dwar il-benefiċjarji finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, is-sidien benefiċjarji u l-lista ta' kwalunkwe miżura għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment għandha tinġabar u tinħażen qed tiġi implimentata b'suċċess. Is-sistema għall-ġbir u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tad-data dwar ir-riċevituri finali għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 22(2)(d) tar-Regolament RRF. Din id-deskrizzjoni għandha tkopri espliċitament il-kategoriji kollha ta' data msemmija fl-Artikolu 22(2)(d), inkluż dwar "sidien benefiċjarji" kif definit fl-Artikolu 3, punt 6, tad-Direttiva 2015/849, kif emendata bid-Direttiva |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | benefiċjarji kollha (kif stabbilit mill-Artikolu 3, il-punt 6, tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus. | benefiċjarji finali | | | | | | 2018/843.<br><br>Il-proċeduri għandhom jiġu approvati u implimentati mill-Kunsill Maniġerjali tal-RRF. Is-sistema tal-ġbir tad-*data* se tkun ibbażata fuq u ssegwi l-aħjar prattiki miksuba mis-sistema MS2014 +. |
| 208 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar is-sistema amministrattiva tal-korp ta' koordinazzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' prevenzjoni suffiċjenti u sistemika tal-kunflitt ta' interess fil-kuntest tal-RRF. | Implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni kkonfermata minn proċeduri u proċessi aġġornati tal-korp ta' koordinazzjoni | | | | K4 | 2021 | L-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni ser tiżgura sistema amministrattiva interna effiċjenti tal-korp ta' koordinazzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' prevenzjoni suffiċjenti u sistemika tal-kunflitt ta' interess.<br><br>Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi miżuri li jiżguraw li l-pagamenti lir-riċevituri finali, lill-kuntratturi u lis-sottokuntratturi skont il-Pjan ikunu soġġetti għal kontrolli minn qabel ta' verifika tal-kunflitti ta' interess sal-livell tas-sidien benefiċjarji kif definit fil-punt 6 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. |
| 209 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Miżuri li jipprevjenu l-kunflitt ta' interess implimentati mill-Korp ta' Koordinazzjoni. | Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-implimentazzjoni effettiva tal-pjan ta' azzjoni. | | | | K2 | 2022 | L-awditjar ta' segwitu għandu jitwettaq mill-korp tal-awditjar biex jikkonferma l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni. |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 210 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Sistema repożitorja | Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju | | | | K2 | 2022 | Għandha tkun stabbilita u operattiva sistema repożitorja għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-RRF.<br><br>Is-sistema għandha tinkludi, bħala minimu, il-funzjonalitajiet li ġejjin:<br><br>(a) il-ġbir tad-*data* u l-monitoraġġ tal-ksib tal-istadji importanti u l-miri;<br><br>(b) il-ġbir, il-ħżin u l-iżgurar tal-aċċess għad-*data* meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament RRF. |
| 211 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Strateġija tal-awditjar li tiżgura awditjar indipendenti u effettiv tal-implimentazzjoni tal-RRF | Strateġija tal-awditjar approvata mill-kap tal-korp tal-awditjar | | | | K4 | 2021 | L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' strateġija ta' verifika għall-korp ta' verifika, li tiżgura l-verifika indipendenti u effettiva ta' l-implimentazzjoni tal-RRF skont standards ta' verifika aċċettati internazzjonalment.<br><br>L-istrateġija għandha tal-inqas tistabbilixxi l-metodoloġija u l-approċċ għall-valutazzjoni tar-riskju, il-frekwenza u t-tip ta' awditi (bħal sistemi u awditi tal-proġetti, ibbażati fuq id-dokumentazzjoni u fuq il-post) li għandhom jitwettqu fl-istadji differenti ta' implimentazzjoni tar-riformi u l-investiment implimentati skont il-Pjan kif ukoll l-affidabbiltà tad-data li tappoġġa l-kisba tal-istadji importanti u l-miri. |
| 212 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Rieżami tad-definizzjoni ta' sjieda benefiċjarja peress li hija relatata mas-sistema ta' kontroll tal-RRF | Rapport minn reviżjoni tal-konformità inklużi suġġerimenti dwar azzjoni ta' segwitu possibbli. | | | | K4 | 2021 | Għandu jitwettaq rieżami tal-konformità tal-proċeduri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-applikazzjoni tas-sjieda benefiċjarja fil-kuntest tas-sistema ta' kontroll RRF tkun allinjata bis-sħiħ mad-definizzjoni ta' "sidien benefiċjarji" kif definit fl-Artikolu 3, punt 6, tad-Direttiva 2015/849, kif emendata bid-Direttiva 2018/843. Ir-rieżami għandu jinkludi kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll il-gwida, inkluż manwal għar-reġistru tas-sidien benefiċjarji. Ir-reviżjoni għandha tħares ukoll lejn is-sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi f'każ ta' ksur tal-obbligu li tinkiseb u tinżamm informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja, kif previst fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva 2015/849, kif |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | | | | | | | | emendata bid-Direttiva 2018/843.<br><br>Wara r-rieżami, in-nuqqasijiet potenzjali identifikati għandhom jiġu kkoreġuti. |
| 213 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess | Gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess maħruġa mill-unità tal-konsenja tal-korp ta' koordinazzjoni. Reviżjoni mill-awtorità tal-awditjar | | | | K2 | 2022 | L-adozzjoni mill-unità tal-konsenja tal-korp ta' koordinazzjoni ta' gwida biex jiġu żgurati l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess mis-sidien tal-komponenti u entitajiet oħra li jimplimentaw riformi u investimenti taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-gwida għandha tirrifletti l-firxa sħiħa tal-miżuri meħtieġa għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE kontra l-frodi u l-irregolaritajiet. Din il-gwida għandha tkun ibbażata fuq l-Avviż tal-Kummissjoni — Gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju (ĠU C 121, 9.4.2021, p. 1).<br><br>Il-gwida għandha tarmonizza l-miżuri li għandhom jittieħdu mis-sidien tal-komponenti u entitajiet oħra li jimplimentaw riformi u investimenti taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (ministeri, korpi pubbliċi oħra, fondi tal-istat, eċċ.). |
| 214 | Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Proċeduri biex jiġi evitat kunflitt ta' interessi f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju | Rapport tal-awditjar bl-opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata dwar l-effettività tas-sistema ta' kontroll intern tal-RRF għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess | | | | K2 | 2022 | Is-sistema ta' kontroll intern tal-RRF biex jiġi evitat kunflitt ta' interessi għandha tkun effettiva u għandha tiżgura, b'mod partikolari li:<br><br>(a) il-ġbir, il-ħażna u l-ipproċessar tad-data fir-rigward tar-riċevituri finali kollha, inklużi s-sidien benefiċjarji kollha kif stabbilit mill-Artikolu 3, il-punt 6 tad-Direttiva (UE) 2015/849;<br><br>(b) is-sistema ta' kontroll intern għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-korrezzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi hija skont l-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju; u<br><br>(c) il-proċeduri ta' kontroll nazzjonali biex jiġu evitati sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess għas-sidien benefiċjarji kollha jkunu effettivi. |

## U. KOMPONENT 4.4: IT-TITJIB TAL-EFFIĊJENZA TAL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA

Dan il-komponent tal-pjan Ċek għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza l-isfida tat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq l-evidenza għat-tfassil tal-politika pubblika, filwaqt li jsaħħaħ il-koordinazzjoni bejn il-livelli differenti (ċentrali u reġjonali) tal-amministrazzjoni pubblika. Dan għandu l-għan li jindirizza n-nuqqas ta' kapaċitajiet analitiċi suffiċjenti fl-amministrazzjoni pubblika fiċ-Ċekja.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż, li skontha ċ-Ċekja għandha timmira li tnaqqas il-piż amministrattiv u ttejjeb il-gvern elettroniku (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 għall-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### U.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

**Riforma 1:** Aktar effiċjenza, orjentazzjoni favur il-klijent u l-użu tal-prinċipji ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza fl-amministrazzjoni pubblika.

Il-miżuri li ġejjin, li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, għandhom jitlestew taħt din ir-riforma:

- It-twaqqif ta' tim ta' analiżi ċentrali biex titqajjem kuxjenza dwar l-importanza ta' prinċipji ta' tfassil ta' politika bbażati fuq l-evidenza fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-amministrazzjoni pubblika, filwaqt li jiġu appoġġati d-dipartimenti rilevanti fl-applikazzjoni korretta ta' metodi analitiċi kwalitattivi u kwantitattivi.
- L-iżvilupp ta' metodoloġija għall-ġbir ta' *data* dwar l-attivitajiet tal-uffiċċji u l-kondiviżjoni tagħhom fost l-amministrazzjonijiet pubbliċi.
- L-iżvilupp ta' għodda elettronika għall-ġbir ta' *data* dwar l-attivitajiet tal-amministrazzjoni pubblika.
- Il-ħolqien ta' bażi tad-*data* rilevanti bħal informazzjoni dwar il-proċessi, il-prestazzjoni, il-kapaċitajiet tal-persunal, fl-amministrazzjoni pubblika, fil-livell ċentrali u lokali.
- L-implimentazzjoni ta' programmi ta' taħriġ immirati favur il-klijenti għal mill-inqas 1000 uffiċjal tal-front-office.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

**U.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

- il-pilotaġġ ta' programmi ġodda ta' skrinjar, inkluża l-verifika tagħhom permezz ta' studji tal-popolazzjoni u kliniċi. B'mod partikolari, għandu jitnieda programm ta' detezzjoni bikrija tal-kanċer tal-pulmun u mill-inqas 20 000 parteċipant tal-popolazzjoni fil-mira għandhom jipparteċipaw sat-30 ta' Ġunju 2026.
- it-twaqqif ta' sistema għall-ippjanar ta' programmi ġodda ta' prevenzjoni u l-istima tal-kosteffettività u l-impatt tagħhom fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa;
- il-ħolqien ta' bażi tad-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ġenerali tal-programmi ta' skrinjar, inkluż panel wiesa' ta' indikaturi tal-kwalità u valutazzjoni tal-effiċjenza.

Il-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**Investiment 1: Stabbiliment tal-Istitut Ċek tal-Onkoloġija**

L-investiment jiffoka fuq il-bini tal-Istitut Ċek tal-Onkoloġija fi Praga bil-għan li jipprovdi l-prevenzjoni, id-dijanjożi u l-modalitajiet kollha tat-trattament tal-kanċer, f'punt wieħed tal-kura. L-investiment għandu jinkludi l-kostruzzjoni ta' bini ġdid u l-akkwist ta' tagħmir (inkluż, fost l-oħrajn, tagħmir kliniku u tagħmir tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u tagħmir tas-sikurezza). L-objettiv huwa wkoll li jiġi stabbilit ċentru tal-kanċer b'komunikazzjoni internazzjonali fir-reġjun tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant. Huwa mistenni li l-kapaċità tkun ta' 8500 –11200 pazjent fl-isptar fis-sena.

Sal-15 ta' Marzu 2022, il-Ministeru tas-Saħħa għandu jippreżenta sett ta' dokumenti meħtieġa, li jinkludu:

- Programm mediku/pjan funzjonali u abbozz ta' disinn adattat għal skopijiet ta' Tfassil u Akkwist tal-Bini,
- Studju tal-fattibbiltà, inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet fil-kuntest tal-istrateġija usa' tas-saħħa, il-fattibbiltà teknika, operazzjonali u ekonomika, is-sostenibbiltà kemm f'termini finanzjarji kif ukoll f'termini ta' persunal, u l-impatt fuq l-għoti ta' kura tal-onkoloġija fil-livell reġjonali u tal-pajjiż, inkluż fuq il-ħin tal-ivvjaġġar u l-profiċjenza professjonali.

Dawn id-dokumenti għandhom jiġu vvalidati minn awtorità indipendenti sal-31 ta' Diċembru 2022.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**Investiment 2: L-iżvilupp ta' kura onkoloġika u ematoonkologika speċjalizzata ħafna**

L-investiment għandu l-għan li jsaħħaħ il-kura tal-kanċer speċjalizzata ħafna kemm fiċ-Ċentri tal-Onkoloġija Kumplessi kif ukoll fiċ-Ċentri ta' ematoonkoloġija speċjalizzata ħafna, bl-akkwist ta' teknoloġiji u tagħmir avvanzati. L-investiment għandu jippermetti liċ-ċentri tal-onkoloġija jipprovdu dijanjożi u trattament tal-kanċer abbażi tal-prinċipji ta' preċiżjoni u mediċina personalizzata, li ttejjeb id-dijanjożi u t-trattament b'mod partikolari ta' tipi ta' kanċer rari. Il-kunċett ta' mediċina ta' preċiżjoni jkopri b'mod partikolari t-teranostiċi, il-metodi avvanzati ta' viżwalizzazzjoni, it-terapiji individwalizzati taċ-ċelloli u tal-ġeni u r-radjuterapija moderna.



www.parlament.gv.at

Għandhom jiġu appoġġati mill-inqas għaxar Ċentri Kumplessi tal-Onkoloġija u Ċentri għall-ematoonkoloġija speċjalizzata ħafna.

L-investiment għandu jitlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**Investiment 3: L-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni u l-Infrastruttura tal-Kanċer għall-Kura Innovattiva u Proportiva fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk**

L-investiment għandu l-għan li jżid il-kapaċità u jiżviluppa prevenzjoni u kura innovattivi tal-kanċer fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk f'Brno. L-ewwel nett, l-investiment jinkludi l-bini ta' faċilità ġdida taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer, li għandha żżid l-għadd ta' programmi ta' prevenzjoni tal-kanċer (primarji, sekondarji u terzjarji) u tissepara l-kura preventiva mill-faċilitajiet tal-kura (biex tipprovdi għal aspetti kontra l-epidemiji u aspetti psikosoċjali). It-tieni, għandhom jinħolqu faċilitajiet ġodda għall-kura tal-kanċer innovattiva u ta' sostenn, jiġifieri ċ-Ċentru tal-Ewwel Kuntatt, iċ-Ċentru għall-Provi Kliniċi, iċ-Ċentru għall-Kura Proportiva u ċ-Ċentru tal-Edukazzjoni. Iċ-Ċentru ta' Sostenn għall-Kura għandu jippermetti l-pilotaġġ ta' programm ġdid ta' appoġġ għas-superstiti tal-kanċer, li r-riżultati tiegħu jistgħu mbagħad jiġu ttrasferiti lejn ċentri oħra tal-kanċer fir-Repubblika Ċeka.

L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.



www.parlament.gv.at

## Z.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 236 | Riforma 1: Programm Onkoloġiku Nazzjonali | Stadju importanti | Programm Onkoloġiku Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka 2022-2030 | Approvazzjoni tal-Programm Onkoloġiku Nazzjonali 2022-2030 mill-Gvern | | | | K4 | 2021 | Il-programm Onkoloġiku Nazzjonali għandu jitħejja taħt ir-responsabbiltà tas-Soċjetà Ċeka tal-Onkoloġija f'konsultazzjoni mal-atturi ewlenin u l-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-Ministeru tas-Saħħa, iċ-Ċentri Nazzjonali tal-Onkoloġija, iċ-Ċentri ta' kura tal-kanċer u tal-ematoloġija speċjalizzati ħafna, l-Istitut tal-Informazzjoni u l-Istatistika dwar is-Saħħa, ir-rappreżentanti tal-fornituri tal-kura tas-saħħa, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni tas-saħħa u l-assoċjazzjonijiet tal-pazjenti. |
| 237 | Riforma 2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv | Stadju importanti | Ħatra ta' istituzzjoni responsabbli għall-koordinazzjoni ta' programmi ta' skrinjar onkoloġiku | Iċ-Ċentru Nazzjonali tal-Iskrinjar maħtur mill-gvern bħala l-korp responsabbli għall-koordinazzjoni tal-programmi tal-iskrinjar tal-kanċer | | | | K2 | 2025 | Iċ-Ċentru Nazzjonali ta' Skrinjar għandu jkun responsabbli għal:<br>• il-koordinazzjoni, ippjanar, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-programmi ta' skrinjar<br>• it-twaqqif ta' sistema ta' tbassir għall-ippjanar ta' programmi ġodda ta' prevenzjoni u l-istima tal-kosteffettività u l-impatt taghhom fis-sistema pubblika tal-assigurazzjoni tas-saħħa;<br>• il-bini ta' bażi tad-*data* għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi ta' skrinjar, inkluż l-istabbiliment ta' tabella ta' valutazzjoni ta' indikaturi tal-kwalità<br>• il-pilotaġġ ta' programmi ġodda ta' skrinjar |
| 238 | Riforma 2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv | Mira | Żieda fil-kopertura tal-popolazzjoni fil-mira | | % | 34 | 40 | K2 | 2026 | Il-parteċipazzjoni tal-popolazzjoni fil-mira fit-test ta' skrinjar xieraq (eż. Test biennali tad-Demm Okkult fil-Feċi ) għandha tiżdied għal mill-inqas 40 %. |

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju u Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | | | mill-programm ta' skrining tal-kanċer kolorettali | | | | | | | |
| 239 | Riforma 2: L-appoġġ u t-titjib tal-kwalità tal-programmi ta' skrinjar preventiv | Mira | Għadd ta' parteċipanti fil-programm il-ġdid ta' detezzjoni bikrija tal-kanċer tal-pulmun | | Għadd | 0 | 20 000 | K2 | 2026 | Għandu jitnieda programm ta' detezzjoni bikrija tal-kanċer tal-pulmun u għandhom jipparteċipaw mill-inqas 20 000 parteċipant tal-popolazzjoni fil-mira. |
| 240 | Investiment 1: Bini u stabbiliment tal-Istitut Onkoloġiku Ċek | Stadju importanti | Studju tal-fattibbiltà vvalidat minn awtorità indipendenti | Validazzjoni ta' studju ta' fattibbiltà minn awtorità indipendenti | | | | K4 | 2022 | Validazzjoni minn awtorità indipendenti ta':<br>• Programm mediku/pjan funzjonali u abbozz ta' disinn adattat għal skopijiet ta' Tfassil u Akkwist tal-Bini,<br>• Studju tal-fattibbiltà, inkluża valutazzjoni tal-ħtiġijiet fil-kuntest tal-istrateġija usa' tas-saħħa, il-fattibbiltà teknika, operazzjonali u ekonomika, is-sostenibbiltà kemm f'termini finanzjarji kif ukoll f'termini ta' persunal, u l-impatt fuq l-għoti ta' kura tal-onkoloġija fil-livell reġjonali u tal-pajjiż, inkluż fuq il-ħin tal-ivvjaġġar u l-profiċjenza professjonali.<br>L-istudju ta' fattibbiltà rrakkomanda linji gwida ġew ippreżentati mill-KE fil- "Guide to CBA of Investment Projects" (Gwida għal CBA ta' Proġetti ta' Investiment), Diċembru 2014. |

www.parlament.gv.at

www.parlament.gv.at

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju u Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| 241 | Investiment 1: Bini u stabbiliment tal-Istitut Onkoloġiku Ċek | Stadju importanti | L-Istitut Ċek tal-Onkoloġija beda jopera | Liċenzja operattiva maħruġa mill-Ministeru tas-Saħħa lill-Istitut Ċek tal-Onkoloġija | | | | K2 | 2026 | Xogħlijiet ta' kostruzzjoni kkompletati u liċenzja operattiva miksuba.<br>Il-kapaċità għandha tkun ta' mill-inqas 300 sodda għall-kura in-patient (li twassal għal żieda fl-għadd ta' sodod għat-trattament tal-kanċer mill-fornitur tal-kura tas-saħħa kkonċernat b'mill-inqas 50 sodda)<br>Huwa mistenni li l-kapaċità tkun ta' 8500 –11200 pazjent fl-isptar fis-sena.<br>Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. |
| 242 | Investiment 2: L-iżvilupp ta' kura onkoloġika u ematoonkologika speċjalizzata ħafna | Mira | Għadd ta' faċilitajiet appoġġati li jipprovdu kura onkoloġika u ematoonkologika | | Għadd ta' faċilitajiet tas-saħħa appoġġati | 0 | 10 | K2 | 2026 | Għandu jingħata appoġġ liċ-Ċentri ta' Okoloġija Kumplessa u liċ-Ċentri speċjalizzati ħafna tal-onkoloġija u tal-kura tal-ematoonkoloġija permezz ta' skema ta għotjiet amministrat mill-Ministeru tas-Saħħa, b'allokazzjoni totali ta' 64 920 000 EUR. Mill-inqas għaxar ċentri għandhom jiġu appoġġati fl-akkwist ta' teknoloġiji u tagħmir avvanzati li jippermettu mediċina personalizzata. L-għażla tal-proġetti li għandhom jiġu appoġġati għandha tiżgura kopertura ġeografika bbilanċjata. Il-fornituri tal-kura tas-saħħa pubblika biss għandhom jiġu appoġġati. |
| 243 | Investiment 3: L-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer u l-Infrastruttura għall-Kura Innovattiva u Proportiva fl- | Stadju importanti | Iċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk | Iċ-Ċentru l-ġdid għall-Prevenzjoni tal-Kanċer fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk li beda jopera | | | | K4 | 2025 | Dħul fl-użu ta' faċilitajiet ġodda taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk. Tlesta t-trasferiment ta' kapaċitajiet eżistenti għal bini ġdid. Huwa mistenni li l-għadd annwali ta' interventi fiċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer għandu jiżdied bi 30 % meta mqabbel mal-2019.<br>Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. Għandha ssir valutazzjoni tal- |

| Nru Sek. | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju u Ewlieni / Mira | Isem | Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti) | Indikaturi kwantitattivi (għall-miri) | | | Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija | | Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | Unità ta' kejl | Linja bażi | Għan | Kwart | Sena | |
| | Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk | | | | | | | | | ħtiġijiet qabel it-tnedija tal-offerta. |
| 244 | Investiment 3: L-istabbiliment u l-iżvilupp taċ-Ċentru għall-Prevenzjoni tal-Kanċer u l-Infrastruttura għall-Kura Innovattiva u Proportiva fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk | Stadju importanti | L-espansjoni tal-faċilitajiet għall-Kura Innovattiva u Proportiva fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk | Faċilitajiet ġodda għal kura Proportiva u Innovattiva li bdew jitħaddmu | | | | K4 | 2025 | Id-dħul fis-seħħ tal-faċilitajiet il-ġodda taċ-Ċentru tal-Ewwel Kuntatt, taċ-Ċentru għall-Provi Kliniċi, taċ-Ċentru għall-Kura ta' Appoġġ u taċ-Ċentru tal-Edukazzjoni. Huwa mistenni li l-għadd annwali ta' klijenti f tal-Kura Innovattiva u Proportiva fl-Istitut Memorjali tal-Kanċer ta' Masaryk għandu jiżdied b' 20 % meta mqabbel mal-2019.<br><br>Il-kostruzzjoni għandha tkun soġġetta għal proċeduri ta' sejħiet għall-offerti miftuħa u pubbliċi. Għandha ssir valutazzjoni tal-ħtiġijiet qabel it-tnedija tal-offerta.<br><br>Il-proġett pilota dwar il-Programm ta' Superstiti tal-Kanċer għandu jitlesta. |

www.parlament.gv.at

**TAQSIMA 2: SOSTENN FINANZJARJU**

**Kontribuzzjoni Finanzjarja**

Il-pagamenti msemmija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-Ewwel Pagament Parzjali (sostenn mhux ripagabbli):

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 172 | C 3.1: L-innovazzjoni fl-Edukazzjoni fil-Kuntest tad-Diġitalizzazzjoni - Investiment 2: Tagħmir diġitali għall-iskejjel | Mira | L-għadd ta' apparati diġitali mixtrija mill-iskejjel għat-tagħlim mill-bogħod |
| 72 | C 1.6: Aċċellerazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Proċess tal-Bini - Riforma 1: L-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida tal-kostruzzjoni |
| 134 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma | Stadju importanti | Preżentazzjoni mill-Ministeru tal-Agrikoltura tal-lista ta' proġetti li għandhom jiġu appoġġati taħt l-investiment 2 |
| 168 | C 3.1: L-innovazzjoni fl-Edukazzjoni fil-Kuntest tad-Diġitalizzazzjoni - Riforma 1: Riforma tal-kurrikuli u tisħiħ tal-edukazzjoni tal-IT | Stadju importanti | Approvazzjoni ta' kurrikuli ġodda li jsaħħu l-litteriżmu diġitali u l-ħsieb komputazzjonali |
| 51 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 2: Ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali (EDMO) | Stadju importanti | Tnedija taċ-ċentru tal-Osservatorju Ewropew tal-Midja Diġitali għas-CEE fir-Repubblika Ċeka (CEDMO) |
| 102 | C 2.2: It-tnaqqis tal-Konsum tal-Enerġija fis-Settur Pubbliku - Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binijiet tal-istat | Stadju importanti | Adozzjoni tal-kuntratt mudell mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ għall-Metodu ta' Kuntratti għall-Prestazzjoni tal-Enerġija b'garanzija |
| 105 | C 2.2: It-tnaqqis tal-Konsum tal-Enerġija fis-Settur Pubbliku - Investiment 2: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi ta' tidwil pubbliku | Stadju importanti | Adozzjoni ta' dokumentazzjoni tal-programm mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ rigward miżuri biex jiġu rinnovati sistemi ta' tidwil pubbliċi |
| 198 | C 4.2: Strumenti Ġodda ta' Kważi-Ekwità għall-Promozzjoni tal-Intraprenditorija u l-Iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp - Riforma 1: Żvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp | Stadju importanti | Adozzjoni tal-istrateġija fuq terminu medju tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) approvata mill-azzjonisti tal-bank (rappreżentati mill-Ministeri tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Finanzi u l-Iżvilupp Lokali) |
| 199 | C 4.2: Strumenti Ġodda ta' Kważi-Ekwità għall-Promozzjoni tal-Intraprenditorija u l-Iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp - Riforma 1: Żvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan bħala Bank Nazzjonali għall-Iżvilupp | Stadju importanti | It-twettiq ta' mudell ta' ġestjoni għall-istrument il-ġdid ta' kważi ekwità |


www.parlament.gv.at

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 200 | C 4.2: Strumenti Ġodda ta' Kważi-Ekwità għall-Promozzjoni tal-Intraprenditorija u l-Iżvilupp tal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċek-Moravjan (ČMZRB) bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp - Investment 1: L-iżvilupp ta' linja ġdida ta' strumenti ta' kważi ekwità li jappoġġaw l-intraprenditorija | Stadju importanti | Ftehim ta' finanzjament mal-Bank ta' Garanzija u Żvilupp Ċeku-Moravian bħala Bank Nazzjonali tal-Iżvilupp (ČMZRB) |
| 203 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 2: Riforma ġudizzjarja mmirata lejn it-tisħiħ tal-qafas leġiżlattiv u t-trasparenza fl-oqsma tal-qrati, l-imħallfin, il-prosekuturi u l-bailiffs | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Qrati u l-Imħallfin |
| 208 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni dwar is-sistema amministrattiva tal-korp ta' koordinazzjoni b'mod partikolari fir-rigward ta' prevenzjoni suffiċjenti u sistemika tal-kunflitt ta' interess fil-kuntest tal-RRF. |
| 211 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Strateġija tal-awditjar li tiżgura awditjar indipendenti u effettiv tal-implimentazzjoni tal-RRF |
| 212 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Rieżami tad-definizzjoni ta' sjieda benefiċjarja peress li hija relatata mas-sistema ta' kontroll tal-RRF |
| 223 | C 5.1: Riċerka u Żvilupp Eċċellenti fis-Settur tas-Saħħa - Investiment 1: Riċerka Pubblika & Appoġġ għall-Iżvilupp f' oqsma ta' prijorità tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi soċjali relatati | Stadju importanti | Tnedija ta' programm ġdid ta' appoġġ għar-Riċerka & Żvilupp |
| 226 | C 5.2: Appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Kumpaniji u l-Introduzzjoni ta' Innovazzjonijiet fil-Prattika Kummerċjali - Riforma 1: Il-ħolqien ta' Grupp Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Appoġġ għar-Riċerka Industrijali | Stadju importanti | Stabbiliment ta' Grupp Nazzjonali ta' Koordinazzjoni għall-Appoġġ għar-Riċerka Industrijali |
| 236 | C 6.2: Il-pjan Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Prevenzjoni Onkoloġika u l-Kura - Riforma 1: Programm Onkoloġiku Nazzjonali | Stadju importanti | Programm Onkoloġiku Nazzjonali tar-Repubblika Ċeka 2022-2030 |
| 3 | C 1.1: Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji - Riforma 2: L-eSaħħa | Stadju importanti | Definizzjoni ta' standards ta' interoperabbiltà skont il-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà għall-eSaħħa u d-definizzjoni tar-regoli li jirregolaw it-telemediċina |
| 68 | C 1.5: Trasformazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi - Riforma 1: Ħolqien ta' Pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija | Stadju importanti | Ħolqien ta' Pjattaforma għad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija |
| 146 | C 2.7: L-ekonomija Ċirkolari, ir-Riċiklaġġ u l-Ilma Industrijali - Riforma 2: Finalizzazzjoni u implimentazzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 | Stadju importanti | It-tlestija u l-adozzjoni tal-istrateġija ċirkolari taċ-Ċekja 2040 mill-Ministeru tal-Ambjent |
| 184 | C 3.3: Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol - Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | Stabbiliment tal-Kumitat tripartitiku għat-Taħriġ mill-Ġdid u t-Titjib tal-Ħiliet |



www.parlament.gv.at

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 29 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 4: Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ġustizzja diġitali | Stadju importanti | Analiżi tal-ġestjoni tad-*data* u l-użu tad-data fis-settur tal-ġustizzja u l-użu ta' maħżen tad-*data* |
| 83 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 1: Teknoloġiji ġodda u diġitalizzazzjoni fuq l-infrastruttura ferrovjarja | Stadju importanti | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investiment 1 |
| 86 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 2: L-elettrifikazzjoni tal-ferroviji | Stadju importanti | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investiment 2 |
| 89 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) | Stadju importanti | Definizzjoni tas-sett ta' proġetti għall-Investiment 3 |
| 92 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' passaġġi invell b'aktar sikurezza |
| 93 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini u rotot mingħajr ostakli |
| 94 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati |
| 131 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 1: Protezzjoni mill-għargħar | Stadju importanti | Notifika tal-għoti ta' kuntratti għall-protezzjoni mill-għargħar |
| 135 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma | Mira | T1: Tlestija ta' 50 % tal-proġetti tal-mogħdijiet tal-ilma żgħar u tal-ġibjuni tal-ilma |
| 176 | C 3.2: Adattament tal-Programmi Skolastiċi - Riforma 1: Trasformazzjoni tal-universitajiet biex jadattaw għal forom ġodda ta' tagħlim u ħtiġijiet li qed jinbidlu tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | It-tnedija ta' programm ta' appoġġ għat-trasformazzjoni tal-universitajiet |
| 207 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Is-sistema biex tinġabar, tinħażen u ssir disponibbli *data* fir-rigward tal-benefiċjarji finali kollha inklużi s-sidien benefiċjarji kollha (kif stabbilit mill-Artikolu 3, il-punt 6, tad-Direttiva kontra l-ħasil tal-flus. |
| 209 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Miżuri li jipprevjenu l-kunflitt ta' interess implimentati mill-Korp ta' Koordinazzjoni. |
| 210 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Sistema repożitorja |
| 213 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess |
| 214 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 5: Kontroll u verifika | Stadju importanti | Proċeduri biex jiġi evitat kunflitt ta' interessi f'konformità mal-Artikolu 61 tar-Regolament Finanzjarju |
| 224 | C 5.1: Riċerka u Żvilupp Eċċellenti fis-Settur tas-Saħħa - Investiment 1: Riċerka Pubblika & Appoġġ ghall-Iżvilupp f' oqsma ta' prijorità tax-xjenzi mediċi u x-xjenzi soċjali relatati | Mira | Għoti ta' kuntratti pubbliċi lil mill-inqas erba' konsorzji ta' Riċerka & Żvilupp |
| | | Ammont tal-Pagament Parzjali | EUR 1 066 888 563 |


www.parlament.gv.at

1.2. It-Tieni Pagament Parzjali (sostenn mhux ripagabbli):

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 110 | C 2.3: Tranżizzjoni għal Sorsi ta' Enerġija Aktar Nadifa - Riforma 1: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali | Stadju importanti | Valutazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali fiċ-Ċekja |
| 140 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima | Mira | T1: Riforestazzjoni ta' 12 000 ettaru ta' żoni permezz ta' speċijiet ta' siġar amelioratvi u stabbilizzanti (speċijiet b'weraq wiesgħin u żnuber abjad/abies alba) |
| 148 | C 2.7: L-ekonomija Ċirkolari, ir-Riċiklaġġ u l-Ilma Industrijali - Investiment 1: Infrastruttura għar-riċiklaġġ tal-bini | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ mill-Ministeru tal-Ambjent |
| 229 | C 5.2: Appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Kumpaniji u l-Introduzzjoni ta' Innovazzjonijiet fil-Prattika Kummerċjali - Investiment 3: Għajnuna għar-riċerka u l-iżvilupp fil-qasam ambjentali | Mira | Riċerka u żvilupp fil-qasam ambjentali |
| 7 | C 1.1: Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi - Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali | Stadju importanti | It-tħaddim sħiħ tal-Portal Diġitali Uniku |
| 11 | C 1.1: Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi - Investiment 2: Żvilupp ta' *data* miftuħa u *data* pubblika | Stadju importanti | Estensjoni tal-Katalogu Nazzjonali tad-*Data* Miftuħa b'funzjonalitajiet avvanzati |
| 15 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Stadju importanti | L-istabbiliment u t-tħaddim b'suċċess ta' punt ta' kuntatt universali li jippermetti lill-klijenti jikkomunikaw mal-amministrazzjoni pubblika f'post wieħed. |
| 16 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 1: Żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni | Stadju importanti | L-aġġornament u t-tħaddim b'suċċess tas-sistema tal-viża tal-Passaport elettroniku (ePasy) u tal-EVC2 |
| 20 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 2: Żvilupp ta' reġistri ewlenin u faċilitajiet għall-eGvern | Stadju importanti | It-tlestija ta' ċentru tad-*data* definit b'software kompletament operattiv inklużi l-konenituri tad-*data*. |
| 23 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 3: Ċibersigurtà | Stadju importanti | Il-modernizzazzjoni tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni u l-Avvenimenti tas-Sigurtà tal-pulizija taċ-Ċekja u l-estensjoni tal-użu tagħha għall-protezzjoni taċ-ċibersigurtà ta' ħames sistemi ta' informazzjoni oħra, li għandhom jintgħażlu abbażi ta' studju ta' riskju u fattibbiltà |
| 25 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Riforma 1: Ċentri ta' kompetenza għall-appoġġ tal-eGvern, iċ-Ċibersigurtà u eSaħħa | Stadju importanti | It-tħaddim sħiħ ta' tliet ċentri ta' kompetenza li jipprovdu servizzi ta' konsulenza lill-awtoritajiet li jimplimentaw il-bidliet fis-sistemi tal-informazzjoni u l-ekosistema tal-eGvern previsti fir-riformi u l-investimenti tal-komponent A 1.1 u B tal-komponent 1.2 tal-pjan ta' rkupru |

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 30 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 4: Il-ħolqien tal-kundizzjonijiet għall-ġustizzja diġitali | Mira | Żieda fl-għadd ta' kmamar tal-konferenzi fis-sistema tal-Ġustizzja li għadhom kif ġew mgħammra u konnessi biex jippermettu l-vidjokonferenzjar. |
| 50 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 1: Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali "għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini" | Stadju importanti | Tnedija taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Intelliġenza Artifiċjali għas-Sikurezza u s-Sigurtà taċ-Ċittadini |
| 55 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 5: Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) – bonds DLT għall-finanzjament tal-SMEs | Stadju importanti | Tlestija tal-implimentazzjoni teknika u t-tnedija tal-każ tal-użu tal-EBSI tal-fażi pilota tal-SMEs |
| 57 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 6: Proġetti ta' applikazzjoni dimostrattiva 5G għall-bliet u ż-żoni industrijali | Mira | L-iżvilupp u t-tħaddim ta' applikazzjonijiet ta' referenza għal Bliet Intelliġenti |
| 67 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 13: Appoġġ għar-R&I fl-industrija tal-avjazzjoni | Stadju importanti | It-tħaddim sħiħ ta' mill-inqas bank tal-ittestjar wieħed ibbażat fuq teknoloġija doppja diġitali u tagħmir ta' trasformazzjoni diġitali fl-industrija tal-avjazzjoni |
| 90 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) | Mira | Tlestija ta' 26 proġett minn sett predefinit ta' proġetti |
| 95 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati |
| 96 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' passaġġi invell b'aktar sikurezza |
| 97 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini u rotot mingħajr ostakli |
| 111 | C 2.3: Tranżizzjoni għal Sorsi ta' Enerġija Aktar Nadifa - Riforma 2: Modernizzazzjoni tad-distribuzzjoni tas-sħana f'sistemi ta' tisħin distrettwali | Stadju importanti | Valutazzjoni tat-trajettorji tal-provvista sostenibbli tal-bijomassa fiċ-Ċekja |
| 132 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 1: Protezzjoni kontra l-Għargħar | Mira | T1: Tlestija ta' 20 proġett li għandhom l-għan li jistabbilixxu protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar. |
| 150 | C 2.7: L-ekonomija Ċirkolari, ir-Riċiklaġġ u l-Ilma Industrijali - Investiment 2: Soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti li jinvestu f'soluzzjonijiet ċirkolari fin-negozji mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ |
| 152 | C 2.7: L-ekonomija Ċirkolari, ir-Riċiklaġġ u l-Ilma Industrijali - Investiment 3: L-iffrankar tal-ilma fl-industrija | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti biex jiġi ffrankat u ottimizzat l-ilma fl-industrija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ |



www.parlament.gv.at

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 161 | C 2.9: Il-promozzjoni tal-Bijodiversità u l-Ġlieda kontra n-Nixfa - Investiment 1: Protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar fil-belt ta' Brno | Stadju importanti | Notifika tal-għoti ta' kuntratti għal proġetti mmirati lejn il-protezzjoni kontra n-nixfiet u l-għargħar tal-belt ta' Brno. |
| 228 | C 5.2: Appoġġ għar-Riċerka u l-Iżvilupp fil-Kumpaniji u l-Introduzzjoni ta' Innovazzjonijiet fil-Prattika Kummerċjali - Investiment 2: Appoġġ għall-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp (f'konformità mal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti) | Mira | Kooperazzjoni tal-SMEs ma' organizzazzjoni tar-riċerka pubblika taħt iċ-Ċentri Nazzjonali ta' Kompetenza |
| 232 | C 6.1: Żieda fir-Reżiljenza tas-Sistema tas-Saħħa - Investiment 1: Il-ħolqien taċ-Ċentru ta' Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva u l-ottimizzazzjoni tas-sistema edukattiva | Stadju importanti | Sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni taċ-Ċentru ta' Simulazzjoni tal-Mediċina Intensiva |
| 240 | C 6.2: Il-Pjan Nazzjonali għat-Tisħiħ tal-Prevenzjoni Onkoloġika u l-Kura - Investiment 1: Bini u stabbiliment tal-Istitut Onkoloġiku Ċek | Stadju importanti | Studju tal-fattibbiltà vvalidat minn awtorità indipendenti |
| | | Ammont tal-Pagament Parzjali | EUR 807 375 129 |

1.3. It-Tielet Pagament Parzjali (sostenn mhux ripagabbli):

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 139 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 4: Il-bini ta' foresti reżiljenti għat-tibdil fil-klima | Stadju importanti | Emenda għad-digriet ministerjali dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti (emenda għad-Digriet Nru 84/1996 Coll. dwar l-ippjanar tal-ġestjoni tal-foresti) |
| 142 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 5: Iż-żamma tal-ilma fil-foresti | Mira | T1: Tlestija ta' 40 proġett ta' kontroll tat-torrent (digi tal-injam u tal-ġebel naturali fuq skala żgħira) biex jitnaqqas ir-ritmu tal-iskol tas-superfiċje u proġetti għaż-żamma tal-ilma fil-foresti (żamma u ġibjuni żgħar). |
| 32 | C 1.3: Networks Diġitali ta' Kapaċità Għolja - Riforma 1: It-titjib tal-ambjent għall-introduzzjoni tan-networks tal-komunikazzjoni elettronika | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' miżuri mħejjija mill-Ministeru tal-Industrija u l-Kummerċ bil-għan li tiġi stabbilita bażi tad-*data* ta' pjanijiet ta' proġetti ta' investiment u jiżdied l-għadd ta' strumenti ta' kejl tal-kwalità tan-network |
| 70 | C 1.5: Trasformazzjoni Diġitali tal-Intrapriżi-Investiment 2: Il-Faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni ta' Referenza | Mira | Ħolqien ta' faċilità Ewropea għall-Ittestjar u l-Isperimentazzjoni ta' Referenza |
| 78 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u spazju | Stadju importanti | Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' mobilità |
| 87 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 2: L-elettrifikazzjoni tal-ferroviji | Mira | Tlestija ta' żewġ proġetti minn sett predefinit ta' proġetti |
| 99 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati |



www.parlament.gv.at

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | | |
| | | Ammont tal-Pagament Parzjali | EUR 201 843 782 |

1.4. Ir-Raba' Pagament Parzjali (sostenn mhux ripagabbli):

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 73 | C 1.6: Aċċellerazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Proċess tal-Bini - Riforma 1: L-implimentazzjoni tal-liġi l-ġdida dwar il-kostruzzjoni u l-liġi dwar it-tqassim f'żoni fil-prattika | Stadju importanti | Bidu tal-attività tal-Uffiċċju Suprem tal-Kostruzzjoni |
| 75 | C 1.6: Aċċellerazzjoni u Diġitalizzazzjoni tal-Proċess tal-Bini - Investiment 1: Il-ħolqien ta' sistema ta' informazzjoni ċentrali ġdida ("AIS") | Stadju importanti | Sistema Ċentrali ta' Informazzjoni kompletament operattiva |
| 127 | C 2.5: Rinnovazzjoni tal-Bini u Protezzjoni tal-Arja - Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fid-djar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli | Mira | Proġetti kkuntrattati għat-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 (bejn K1 2020 u K3 2021) |
| 128 | C 2.5: Rinnovazzjoni tal-Bini u Protezzjoni tal-Arja - Investiment 2: Sostituzzjoni ta' sorsi stazzjonarji ta' tniġġis fid-djar b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli | Mira | Tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u tal-emissjonijiet tas-CO2 (35% implimentat) |
| 144 | C 2.7: L-ekonomija Ċirkolari, ir-Riċiklaġġ u l-Ilma Industrijali - Riforma 1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni wara l-leġiżlazzjoni dwar il-ġestjoni tal-iskart imħejjija mill-Ministeru tal-Ambjent |
| 1 | C 1.1: Servizzi Diġitali għaċ-Ċittadini u n-Negozji - Riforma 1: Kundizzjonijiet għall-ġestjoni tar-riżerva ta' data ta' kwalità u l-iżgurar ta' aċċess ikkontrollat għad-*data* | Stadju importanti | Finalizzazzjoni tal-verifika tad-*data* fil-livelli tal-gvern ċentrali, u adozzjoni tad-dokument kunċettwali "Strateġija ta' aċċess ikkontrollat għad-data biex jiġu żgurati kondizzjonijiet għall-ġestjoni tal-kwalità tal-ġbir tad-data tal-amministrazzjoni pubblika" mill-Gvern, li jifforma bażi għal leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tad-*data* |
| 8 | C 1.1: Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi - Investiment 1: Servizzi diġitali għall-utenti finali | Stadju importanti | Konnessjoni tas-sistema Sick Note ma' Stazzjonijiet Reġjonali tal-Iġjene u l-proġett Smart Quarantine żviluppat biex jiġġieled l-infezzjoni tal-COVID-19 fil-popolazzjoni u t-tlestija tal-iżvilupp ta' 3 sistema ta' informazzjoni |
| 13 | C 1.1: Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi - Investiment 3: Servizz diġitali għall-ġustizzja | Stadju importanti | L-użu ta' pjattaforma teknoloġika ġdida tal-Portal tal-Ġustizzja, li għandha tagħmel is-servizzi diġitali disponibbli għaċ-ċittadini u għandha tkun konnessa mal-Portal Ċentrali taċ-Ċittadini |
| 14 | C 1.1: Servizzi diġitali għaċ-ċittadini u l-intrapriżi - Investiment 3: Servizz diġitali għall-ġustizzja | Mira | Tagħmir ta' awli tal-qorti b'reġistraturi ta' *data* awdjoviżiva |



www.parlament.gv.at

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 21 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Investiment 2: Żvilupp ta' reġistri ewlenin u faċilitajiet għall-eGvern | Stadju importanti | It-tlestija tal-proġetti elenkati li jżidu l-kapaċità ta' trażmissjoni tal-Punt Ċentrali tas-Servizzi u jimmodernizzaw u jottimizzaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni u s-sistemi tal-informazzjoni. |
| 27 | C 1.2: Sistemi ta' Amministrazzjoni Pubblika Diġitali - Riforma 2: Żvilupp ta' sistemi li jappoġġaw l-eSaħħa | Stadju importanti | Estensjoni tar-Reġistrazzjoni tad-Drogi Kondiviżi (ePreskrizzjoni) għal narkotiċi u sustanzi psikotropiċi u għal vawċers elettroniċi għal apparat mediku |
| 48 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Riforma 2: Grupp Konġunt ta' Appoġġ u Ċertifikazzjoni tat-Teknoloġiji Strateġiċi mal-Bord tat-Teknoloġiji Strateġiċi | Stadju importanti | Stabbiliment u ħatra ta' awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni |
| 56 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 5: Infrastruttura Ewropea tas-Servizzi tal-Blockchain (EBSI) – bonds DLT għall-finanzjament tal-SMEs | Mira | Għadd ta' SMEs appoġġati wara fażi pilota ta' suċċess permezz ta' offerta ta' bonds diġitali fuq l-EBSI |
| 59 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 7: Il-programm Ċek Rise-Up | Mira | Appoġġ għal proġetti mmirati lejn l-innovazzjoni f'soluzzjonijiet teknoloġiċi mediċi u mhux mediċi biex jiġu indirizzati l-effetti tal-COVID-19 u bil-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tagħha |
| 64 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 11: Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja f'konformità mal-prijoritajiwet tal-UE | Stadju importanti | Tnedija ta' żewġ sandboxes regolatorji fil-fintech u fl-Intelliġenza Artifiċjali |
| 65 | C 1.4: Ekonomija u Soċjetà Diġitali, Negozji Ġodda Innovattivi u Teknoloġija Ġdida - Investiment 11: Ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja f'konformità mal-prijoritajiwet tal-UE | Mira | Sandbox għall-parteċipanti appoġġati mis-sandboxes |
| 79 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u spazju | Stadju importanti | Approvazzjoni u dħul fis-seħħ tal-Kunċett il-ġdid tat-Trasport tal-Merkanzija |
| 80 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Riforma 1: Il-ħolqien ta' alternattivi għat-trasport bit-triq li juża ħafna enerġija u spazju | Stadju importanti | Approvazzjoni tal-pjanijiet ta' servizz tat-trasport. |
| | | | |
| 91 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 3: It-titjib tal-ambjent (appoġġ għall-infrastruttura ferrovjarja) | Mira | Tlestija ta' 26 proġett addizzjonali minn sett predefinit ta' proġetti |
| 100 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot mingħajr ostakli) | Mira | Tlestija ta' mogħdijiet mibnija għar-roti, bankini u rotot mingħajr ostakli |
| 101 | C 2.1: Trasport Sostenibbli - Investiment 4: Sikurezza fit-toroq u bil-ferrovija (qsim ferrovjarju, pontijiet u mini, mogħdijiet għar-roti u rotot | Mira | Tlestija ta' pontijiet jew mini ferrovjarji modernizzati |



www.parlament.gv.at

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| | minghajr ostakli) | | |
| 103 | C 2.2: It-tnaqqis tal-Konsum tal-Enerġija fis-Settur Pubbliku - Investiment 1: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binijiet tal-istat | Mira | L-għoti ta' 75 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % |
| 108 | C 2.2: It-tnaqqis tal-Konsum tal-Enerġija fis-Settur Pubbliku - Investiment 3: It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija tal-binjiet pubbliċi | Mira | L-għoti ta' 75 % tal-kuntratti pubbliċi kollha għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini li jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 % |
| 133 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 1: Protezzjoni kontra l-Għargħar | Mira | T2: Tlestija ta' 20 proġett addizzjonali li għandhom l-għan li jistabbilixxu protezzjoni reżiljenti kontra l-għargħar. |
| 136 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 2: Mogħdijiet tal-ilma żgħar u ġibjuni tal-ilma | Mira | T2: Tlestija ta' 50 % ta' kanali tal-ilma u ġibjuni tal-ilma żgħar addizzjonali |
| 137 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art | Mira | It-tlestija ta' proġetti ta' infrastruttura ekoloġika li jippromwovu l-bijodiversità inklużi l-bijoċentri, il-bijokurituri u t-tħawwil ta' ħdura tipika lokali fil-pajsaġġ agrikolu (f'ettari ta' art li jservi l-investiment). |
| 138 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 3: Konsolidazzjoni tal-art | Mira | It-tlestija ta' azzjonijiet ta' protezzjoni ambjentali u l-adattament għat-tibdil fil-klima (f'ettari ta' art li jservi l-investiment). |
| 145 | C 2.7: L-ekonomija Ċirkolari, ir-Riċiklaġġ u l-Ilma Industrijali - Riforma 1: Implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar il-ġestjoni tal-iskart fir-Repubblika Ċeka | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ ta' pjan nazzjonali u reġjonali għall-ġestjoni tal-iskart |
| 154 | C 2.8: Rivitalizzazzjoni ta' Art Abbandunata - Investiment 1: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' oqsma speċifiċi | Stadju importanti | L-għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għall-proġetti li jagħtu ħajja ġdida lil siti abbandunati speċifiċi |
| 156 | C 2.8: Rivitalizzazzjoni ta' Art Abbandunata - Investiment 2: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni ta' sjieda pubblika għal użu mhux kummerċjali | Stadju importanti | Għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ta' proprjetà pubblika għal użu mhux kummerċjali |
| 158 | C 2.8: Rivitalizzazzjoni ta' Art Abbandunata - Investiment 3: Appoġġ għar-rivitalizzazzjoni ta' żoni ta' sjieda pubblika għall-użu kummerċjali | Stadju importanti | Għoti tal-kuntratti pubbliċi kollha għar-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati ta' proprjetà pubblika għall-użu kummerċjali |
| 183 | C 3.2: Adattament tal-Programmi Skolastiċi - Investiment 2: Tutoraġġ tal-istudenti | Mira | Għadd ta' studenti li rċevew tutoraġġ |
| 186 | C 3.3: Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol - Riforma 1: L-iżvilupp tal-politiki tas-suq tax-xogħol | Stadju importanti | Bażi tad-*data* ta' korsijiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet |
| 192 | C 3.3: Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol - Riforma 2: L-iżgurar tas-sostenibbiltà tal-finanzjament tal-faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-kura tat-tfal (emenda għall-Att Nru 247/2014 dwar l-għoti ta' servizzi għall-indukrar tat-tfal fi grupp tat-tfal) |
| 193 | C 3.3: Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol - Riforma 3: Riforma tal-kura fit-tul | Stadju importanti | Dħul fis-seħħ tal-liġi dwar il-kura fit-tul |

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 196 | C 3.3: Modernizzazzjoni tas-Servizzi tal-Impjiegi u l-Iżvilupp tas-Suq tax-Xogħol - Investiment 3: L-iżvilupp u l-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tal-kura soċjali | Mira | T1: Għadd ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi mixtrija għal servizzi ta' prevenzjoni soċjali, konsulenza u kura fid-djar |
| 205 | C 4.3: Riformi Kontra l-Korruzzjoni - Riforma 3: Ġbir u analiżi ta' *data* dwar il-korruzzjoni | Stadju importanti | Ħolqien ta' metodoloġija għall-kejl tal-korruzzjoni fir-Repubblika Ċeka |
| | | Ammont tal-Pagament Parzjali | EUR 1 095 723 389 |

1.5. Il-Ħames Pagament Parzjali (sostenn mhux ripagabbli):

| Numru Sekwenzjali | Miżura relatata (Riforma jew Investiment) | Stadju Ewlieni / Mira | Isem |
|---|---|---|---|
| 143 | C 2.6: Il-Protezzjoni tan-Natura u l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima - Investiment 5: Iż-żamma tal-ilma fil-foresti | <u>Mira</u> | T2: Tlestija ta' 20 proġett addizzjonali ta' kontroll tat-torrent (digi tal-injam u tal-ġebel naturali fuq skala żgħira) biex jitnaqqas ir-ritmu tal-iskol tas-superfiċje u proġetti għaż-żamma tal-ilma fil-foresti (żamma u ġibjuni żgħar). |
